# LUMINARIA

Ġunju '23 nru. 138





**QOXRA TA' QUDDIEM:**
Dehra tax-xbieha ta' San Pietru u San Pawl,
ħierġa mill-Bażilika nhar id-29 ta' Ġunju 2022



**QOXRA TA' WARA:**
Dehra tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl armata għall-festa tal-Patruni ta' din il-parroċċa. Ritratt meħud fl-2017 meta l-parroċċa ċċelebrat l-150 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja u l-50 sena mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika

**RITRATTI:**
Martin Attard

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Messaġġ tal-Arċipriet | 3 |
| Messaġġ tas-Sindku | 5 |
| Bidu tal-Luminaria | 6 |
| Kronaka tal-Parroċċa | 7 |
| Tqarbina u Griżma 2022 | 16 |
| Mir-Reġistri Parrokkjali | 18 |
| Dun Michael Said 25 Sena Saċerdot | 20 |
| Apprezzament - Ġużi Muscat | 22 |
| Arkivista Ġdid | 23 |
| Awguri - Dun Charles Vella | 24 |
| Vokazzjoni Ġdida | 24 |
| Swor Pasqualina Attard | 25 |
| Paġna M.U.S.E.U.M. Subien | 26 |
| Paġna M.U.S.E.U.M. Bniet | 27 |
| L-Iskola Primarja tan-Nadur | 28 |
| Il-Banda Mnarja | 30 |
| L-Għaqda Abbatini Nadur | 31 |
| NTYC | 32 |
| Nadur Youngsters | 34 |
| Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira | 38 |
| L-Azzjoni Kattolika | 40 |
| Leġjunarji ta' Marija | 41 |
| Day Centre Anzjani Nadur | 43 |
| Għaqda Dun Franġisk Grima | 44 |
| It-Tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù | 45 |
| Il-Komunità Ewkaristika | 47 |
| Caritas Parrokkjali | 48 |
| Programm tan-Nar 2023 | 49 |
| Omelija tal-E.T. Mons. Anton Teuma | 50 |
| Appostli u Missjunarji | 54 |
| Il-Pjan Pastorali | 56 |
| Swor Maria Lucia Azzopardi | 58 |
| Dun Mikiel Attard F'Ta' Pinu | 59 |
| Il-Qabar ta' Dun Mikiel Attard | 61 |
| Wirja tal-Beatu Carlo Acutis | 62 |
| Patri Pietru Pawl Meilak | 64 |
| Parroċċa Missjunarja | 67 |
| Mill-Arkivju Parrokkjali | 68 |
| Confraternity of the Knights of S.S.P.P. | 69 |
| Id-Dimenzja | 70 |
| Baħrin Nadurin - Il-Kav. Luigi Aquilina | 71 |
| Il-Paviment tal-Kolleġġjata tan-Nadur | 74 |
| It-Taħħana tal-Familja Xikluna | 79 |
| Lazzaro Pisani | 83 |
| Xi Logħob ta' Dari u x-Xjenza ta' Warajh | 87 |
| Il-Mużew Parrokkjali *Vigilat* | 90 |
| Xita fin-Nadur | 92 |
| Il-Pedestall tal-Istatwa Titulari | 94 |
| Il-Kumitat Festi Esterni | 96 |











## BORD EDITORJALI


Ħarġa numru 138 • Ġunju 2023 • Id-39 Sena


***F'din il-138 edizzjoni tal-pubblikazzjoni Luminaria nsellmu l-memorja tas-Sur Joseph Muscat (magħruf bħala Ġużi) li kien l-ex editur, promotur u kontributur assidwu ta' din ir-rivista minn meta twaqqfet fis-sena 1985. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.***


- Ir-Rivista Luminaria tiġi ppubblikata mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur, darba f'sena lejn l-aħħar ta' Ġunju għall-festa tal-Imnarja.
- Koordinata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Miriam Muscat (Editur), Daniel Meilak, Mary Anne Pace u Martin Attard.
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat u Mary Grace Mercieca.
- Ritratti ta': Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca Photography.
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur NDR 1033, Għawdex - Tel: 2155 1649
- Disinn u *layout* ta' Rowena Mizzi
- Stampar: Gozo Press, Għajnsielem Tel: 2155 1534

**www.nadurparish.com**


L-ARĊIPRIET
flimkien
MAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-PARROĊĊA
jawguraw
il Festa t-Tajba
lil kulħadd

# MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET
# MONS. JIMMY XERRI

## *FESTA TA' BARRA, TA' ĠEWWA U FIL-QALB*



Meta tkun ġejja l-festa ta' San Pietru u San Pawl, din titfa' lil-lokal f'moviment sħiħ. Kollox jiċċaqlaq u jitħarrek. Ħafna persuni li jagħtu sehem għall-festa ta' barra, jaħdmu iktar mis-soltu, b'enerġija u entużjażmu, b'taħbil il-moħħ dwar kif se jlestu xi affarijiet u kif se jsibu l-mezzi finanzjarji għalihom.

Il-festa toħroġ dak li hu l-isbaħ, dak li jferraħ, dak li jħalli togħma tajba. Anke l-istess qniepen tal-knisja joffru l-aħjar li għandhom, il-moti ferreħija fil-jum tal-festa.

Il-festa tinħass fuq livelli differenti. Tal-ħwienet u dawk li jarmaw bl-ikel fit-triqat, jistennew dawn il-jiem għax jaqilgħu sold iktar mis-soltu, għall-familja. Fuq livell ta' kultura għandna l-banda, il-logħob tan-nar, l-armar tat-toroq, il-mixegħla tat-triqat u tal-knisja minn barra. Il-pjazza tilbes il-libsa tal-festa. Il-knisja minn ġewwa tieħu dehra tal-ġenna.

Il-festa ġġib magħha ħafna storbju ferrieħi, briju u ħsejjes. Ejjew naħdmu wkoll biex il-festa tħalli l-ikbar ġid billi nagħmlu esperjenza esterna tal-imħabba li għandna lejn Kristu u lejn il-ħbieb ta' Kristu, Pietru u Pawlu. Naħdmu biex il-festa l-kbira sseħħ fil-fond ta' qalbna. L-iktar ħaġa sabiħa, l-iktar ħaġa li tpaxxi l-qalb hija meta nkunu fil-paċi magħna nfusna, m'Alla u mal-proxxmu. Ejjew insibu mumenti ta' ġabra fil-festa, ejjew nieħdu sehem f'xi ċelebrazzjonijiet ta' ġewwa l-Knisja, ejjew nesperjenzaw il-paċi bi qrara li tagħtina n-nifs ħalli nibdew mill-ġdid. Fuq kollox fil-festa ejjew infittxu mumenti ta' skiet biex ninġabru f'Alla u nitgħaxxqu b'xi siltiet li ħallewlna Pietru u Pawlu fil-Ġdid Testment.

Darba l-mistiku Thomas Merton kiteb hekk: ***"My silence builds the temple of God without the noise of hammers."*** Il-festa t-tajba lill-qarrejja kollha!

L- Arċipriet

Is-Sindku, Kunsilliera u Staff
tal-
**KUNSILL LOKALI TAN-NADUR**
jixtieq jawgura
l-***Festa tal-Imnarja t-Tajba***
lin-Nadurin kollha.

Made with Love

**Weddings, Holy Communions, Holy Confirmations, Graduations**

Whatever the occasion..
we can help you give that **MEMORABLE GIFT**

Contact us on 79592548

Portelli Print

Jawguraw il-festa t-tajba lin-Nadurin kollha



40, Ta' Said Street, Nadur, Gozo. Tel/Fax: 2155 8232
e-mail: portelliprint@gmail.com

# MESSAĠĠ TAS-SINDKU
# EDWARD SAID



Reġgħet waslet festa oħra u dan iż-żmien speċjali nkunu lkoll kemm aħna nistennewh bil-ħerqa. U dan bir-raġun kollu għaliex meta wieħed jaħseb ftit, jintebaħ li numru mhux żgħir ta' nies ikun ilhom is-sena kollha jaħdmu għal dan iż-żmien.

Ix-xogħol kollu li jkun ilu jinħema matul is-sena, isib il-qofol tiegħu minn tant nies bħalma huma l-parroċċa, l-għaqdiet diversi tar-raħal, voluntiera u anke l-Kunsill Lokali. Għall-Kunsill Lokali, il-festa tal-Imnarja tibqa' dejjem prijorità assoluta tant li nkunu ilna li bdejna nippreparaw għaliha minn kmieni fi Frar, wara l-karnival. Għax apparti ppjanar u preparamenti, il-festa tkun titlob ukoll koordinament sħiħ ma' diversi entitajiet bħalma huma l-forzi tal-ordni. L-eħfef ħaġa kieku tkun li wieħed jibqa' spettatur u joqgħod josserva, iżda l-Kunsill Lokali dejjem jagħmel ċert li jkun protagonist billi jgħin, jagħti daqqa t'id, jikkollabora u fl-istess ħin jorganizza.

Għalina l-festa ġġib magħha ħafna xogħol relatat ma' għajnuna lill-għaqdiet, għall-permessi, immaniġġjar tat-traffiku u ndafa pubblika matul il-ġranet kollha tal-festa. Għall-Kunsill, ikun dejjem prijorità li jikkollabora mal-parroċċa u mal-kumitat festi esterni sabiex dejjem jitfassal programm sabiħ u li jixirqilna. Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali jorganizza wkoll il-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat. Din ma tkunx sempliċement wirja, iżda xhieda tal-ħiliet tan-nies Nadurin u l-bżulija u l-għaqal tagħhom. Nistgħu ngħidu li din il-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat li jorganizza l-Kunsill, saret parti mill-programm tal-festa ta' kull sena u b'sodisfazzjon ninnotaw li minn kemm ilha ssir, dejjem tiġbed lejha numru mhux żgħir ta' residenti, Għawdxin, Maltin u saħansitra barranin.

Fil-ġranet tal-festa, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb jorganizza wkoll l-attività tat-tfal fil-pjazza kif ukoll l-ikla tradizzjonali flimkien mal-parroċċa. Kif wieħed jista' jobsor dawn huma attivitajiet tal-massa u li jagħmlu ħafna ġieħ lill-festa tal-Imnarja, filwaqt li jinvolvu tant nies u persuni differenti minn kull livell tas-soċjetà tagħna. Ta' dan, il-Kunsill minn qalbna nirringrazzjaw lil tant voluntiera li minn qalbhom jiddedikaw ħafna ħin u xogħol, kultant b'sagrifiċċju personali.

Ma nixtieqx li nħalli din l-opportunità tgħaddi mingħajr ma nirringrazzja lill-għaqdiet kollha li tant jaħdmu b'mod volontajru minn qalbhom u b'dedikazzjoni assoluta. Bħala Kunsill Lokali, aħna konna u se nibqgħu nkunu ta' spalla għalihom matul is-sena kollha, kif jistgħu jixhdu huma stess. Grazzi mill-qalb lill-parroċċa, lill-Arċipriet u lill-kleru tal-impenn tagħhom u li anke jaħdmu id f'id mal-Kunsill għal dan il-għan.

Fl-aħħar nett, inħeġġeġ lil kulħadd sabiex jipparteċipa billi jattendi u jagħti sehmu għall-attivitajiet kollha tal-festa. Ejjew flimkien nagħmlu festa li tixraq lilna, lin-Nadur tagħna u fuq kollox lil San Pietru u San Pawl.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.

Is-Sindku

# LUMINARIA



Fil-ħarġa numru 138 tar-rivista LUMINARIA ma nistgħux ma nagħtux spazju biex insellmu l-memorja ta' dak li kien wieħed mill-protagonisti ewlenin biex din il-pubblikazzjoni setgħet tiġi stabbilita u llum, wara 38 sena qegħdin inniedu l-138 edizzjoni tagħha. Kif jgħidilna Mons. Salv Muscat, l-Arċipriet ta' dakinhar, Joe Muscat kien promotur ewlieni tal-idea li tibda tiġi stampata u stinka biex din setgħet tistabilixxi ruħha bħala rivista mfittxija min-Nadurin, persuni oħra minn barra r-raħal u fuq kollox mill-emigranti. Ħafna huma dawk li għadhom jixhdu s-serjetà u l-impenn tiegħu biex kull ħarġa setgħet toffri kontenut validu u anke riċerkat dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja reliġjuża, storika u soċjali ta' din il-lokalità. Minbarra l-informazzjoni valida li hu kien jipprepara mir-reġistri parrokkjali, Ġużi kien ukoll kontributur ewlieni permezz ta' artikli li hu kien jikteb bl-istil partikolari tiegħu. L-aħħar wieħed, Girgor Buttigieg, Persunaġġ Naduri, ġie stampat fl-aħħar ħarġa, dik nru: 137 ippubblikata fl-2022. L-għażla ta' dan il-persunaġġ sempliċi jippermetti lil Ġużi li jwassal lill-qarrejja passaġġi importanti mill-istorja tan-Nadur bis-sempliċità li biha kienu jgħixu n-nies tal-imgħoddi. Nixtieq insellem il-memorja ta' Ġużi billi naqsam mal-qarrejja ta' din il-ħarġa iz-zelu li bih kien jiggwidana u dan għamlu sal-aħħar forzi li l-Mulej għoġbu jagħtih. *"At least, I am satisfied that this last issue is the last one I am involved in. But I will send you another article ......".* Strieħ fis-sliem għażiż Ġużi. Imwiegħdek li dak l-artiklu nsibu u jekk Alla jrid jidher f'ħarġa oħra. San Pietru u San Pawl flimkien ma' San Koronatu li int tant kont tħobb fuq l-art issa jħarsuk fil-ġenna.

*Bord Editorjali*

## Bidu tar-rivista "Luminaria"

MONS. SALV MUSCAT

Qed nitkellmu dwar is-sena 1985, sentejn wara li bdejt il-missjoni tiegħi bħala Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur. Kienu għadhom kif ġew ippubblikati ż-żewg volumi "In-Nadur" ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilka imxebilkin fil-ħajja soċjali ta' Għawdex', riċerka ta' Patri Alessandru Bonnici.

F'laqgħa tal-Presbiterium Parrokkjali kif ukoll bl-għajnuna tal-Kunsill Parrokkjali tan-Nadur, ħarġet l-idea li tiġi stampata wkoll rivista parrokkjali bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn il-parruċċani Nadurin hawn fin-Nadur kif ukoll tant emigranti mifruxin f'tant pajjiżi. Verament li ta' kull ġimgħa kien diġà jitqassam il-Bullettin lil kull familja. Iżda l-ħsieb wara din ir-rivista kien li jingħata tagħrif varju kemm dak dwar il-parroċċa kif ukoll spiritwali u ġenerali. Saret stedina biex dawk li xtaqu, setgħu jiktbu xi artikli li jolqtu l-interess ġenerali. Din ir-rivista kellha titqassam mingħajr ħlas.

Biex iseħħ dan iffurmajna kumitat li fosthom kien hemm Ġużi Muscat li baqa' jieħu ħsieb din ir-rivista sal-mewt tiegħu fl-1922. Kien il-kumitat li beda biex għażel l-isem li kellu jingħata lil din ir-rivista: "Luminarja". Kien isem meħud mill-ktieb tal-Genesi li jirreferi għaż-żewg dwal kbar (xemx u qamar) b'riferenza għall-patruni tagħna l-qaddisin Pietru u Pawlu.

Kien Ġunju tas-sena 1985 li ġiet stampata l-ewwel ħarġa tar-rivista "Luminarja"; l-idea issa saret realtà.

Issa għaddew bosta snin mill-ewwel ħarġa. Ħafna li rawha titwieled u li gawdew l-artikli tant interessanti li dehru fiha, ħallewna u mietu. Iżda r-rivista għadha ħajja, għadha b'libsa dejjem iktar sabiħa. Issa, minkejja l-fatt li flok 3 darbiet fis-sena ser tibda tiġi ppubblikata f'ħarġa waħda fis-sena iżda iktar voluminuża, aħna nawgurawlha iktar snin ta' ħajja biex tkompli ssostnina b'tagħrif iktar siewi.

Nixtieq nispiċċa dan l-artiklu bl-istess kelmiet li kont temmejt "Il-Kelma tal-Arċipriet fl-ewwel ħarġa tal-Luminarja: "J'alla San Pietru u San Pawl li kellhom qalb waħda li ħabbet lil Kristu u wasslithom biex ħallew ħajjithom għaliH, jorbtu lilna lkoll bejnietna billi ninsew id-differenzi tagħna u nkunu qalb waħda bħalma kienu l-ewwel Insara."



# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

**MEJJU 2022 – APRIL 2023**

## MEJJU

### Mejju Jkompli

Fit-tielet Ħadd tal-Għid fl-1 ta' Mejju 2022 saret purċissjoni qasira bix-xbieha ta' San Ġużepp wara l-quddiesa tal-5.00pm. San Ġużepp jgħallimna kemm huwa importanti l-missier fil-familja u li kien hu li għallem lil Ġesù meta kien żgħir biex jobdi lil ommu Marija.

### L-Ewwel Tqarbina

Nhar id-29 ta' Mejju 2022 14-il tifla u 19-il tifel għamlu l-Ewwel Tqarbina. Tifla oħra għamlet il-Preċett ftit jiem qabel peress li ma setgħetx tkun magħhom f'dan il-Ħadd. Nifirħulhom lil dawn it-tfal u nifirħu għall-fatt li l-ġenituri u l-katekisti wassluhom għal dan il-mument għażiż fejn jirċievu lil Ġesù ħaj, Ġesù Ħobż. Jalla aħna wkoll inkunu tassew ħobż għal xulxin, sostenn fil-ġisem u fil-ħajja tar-ruħ.







### Purċissjoni u Programm Marjan

Fl-aħħar jum tax-xahar ta' Mejju, il-Museum tas-Subien organizza purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Qasam. Din telqet mill-pjazza u twasslet fil-grawnd tal-Museum fejn ittella' programm imżewwaq b'kant, poeżiji, prietka u konsagrazzjoni lill-Madonna. Kulħadd kien mistieden jattendi għal dan l-att ta' qima lil ommna tas-sema.



## ĠUNJU

L-Għaqda Armar Diċembru 13 organizzat serata u BBQ nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju quddiem il-maħżen tal-għaqda fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tagħha. Waqt is-serata nxtegħlu l-pavaljuni tad-dawl bil-bozoz *led* u ġiet inawgurata d-daħla tal-maħżen. Ġie mniedi wkoll il-ktieb li ħarġet l-għaqda għal din l-okkażjoni u waqt is-serata ntwera wkoll *feature* fuq l-Għaqda.

### Griżma tal-Isqof

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 17-il tifel u 20 tifla rċivew id-dilka tas-sagrament tal-Griżma. Dan kien mument ta' ferħ kbir sewwa għalihom kif ukoll għall-komunità parrokkjali. Filwaqt li nifirħu lill-ġenituri u wliedhom li rċivew dan is-sagrament, grazzi tmur ukoll lill-katekisti li għaddewlhom it-tagħlim Nisrani.





## Corpus

Nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju saret il-festa tal-Corpus. Il-purċissjoni ħarġet mill-knisja wara l-quddiesa tal-5.00pm. Din il-manifestazzjoni ssir bħala turija li fl-Ostja Mqaddsa hemm Dak li Hu l-iktar għażiż għalina u bi tpattija ghat-tkasbir li jsir bid-dagħa bl-Ostja Mqaddsa.

## Mill-Patrimonju Naduri

Matul ix-xahar ta' Ġunju ġew ippubblikati żewġ kartolini mis-sensiela Mill-Patrimonju Naduri. Il-kartolina nru 8 ġġib il-pittura tal-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-Pussess tiegħu bħala Arċipriet fil-25 ta' Ġunju 1922. Dan l-inkwatru huwa żejt fuq it-tila; xogħol tal-artist Pawlu Camilleri Cauchi u jinsab fil-kollezzjoni tal-Bażilika.





Il-kartolina nru 9 turi l-istatwa titulari tal-appostli San Pietru u San Pawl fl-ewwel snin tal-wasla tagħha fin-Nadur. Din l-istatwa titulari waslet 140 sena ilu (1882-2022) u hija xogħol id-ditta *Galard et Fils* ta' Marsilja fi Franza u kienet ikkummissjonata mill-Kappillan Dun Ġwann Camilleri fis-sena 1881.

## Festa 2022

L-attivitajiet marbutin mal-festa tal-Imnarja 2022 bdew nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju bil-ħruġ tal-istatwa min-niċċa. Qabel saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja.



Fis-17 ta' Ġunju ttella' kunċert tal-Banda *Big Band Adventures* taħt id-direzzjoni tal-Mro Joseph Grech LCCM fil-pjazza. Dan il-Kunċert Mużikali għalaq bi spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika.

L-Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja saret fil-Pjazzetta nhar it-22 ta' Ġunju fejn dawk preżenti setgħu jieklu ikla tajba filwaqt illi jgawdu serata pjaċevoli ta' mużika, kant u żfin b'talent lokali.

Fil-25 ta' Ġunju saret quddiesa speċjali għat-tfal fejn wara sar it-tberik tax-xbihat ta' San Pietru u San Pawl li t-tfal ġabu magħhom il-knisja. Saret manifestazzjoni bl-istatwa tal-patruni tagħna mit-tfal u bis-sehem tal-bandisti żgħar tal-Banda Mnarja li bdiet minn quddiem il-Knisja u għaddiet minn Pjazza 28 ta' April 1688, Triq



il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber, Pjazza San Pietru Pawl u Triq Diċembru 13. Hekk kif intemmet din il-manifestazzjoni sar festin żgħir għat-tfal fis-sala tal-Każin tal-Banda Mnarja. Ingħatat tifkira lil kull tifel u tifla preżenti.

### 50 Sena Saċerdoti

Mons. Ġużepp Attard u Mons. Salv Grima għalqu 50 sena saċerdoti. Għal din l-okkażjoni l-quddiesa tan-Novena tal-Ħamis 23 ta' Ġunju 'Jum is-Saċerdozju Kattoliku', saret bħala radd ta' ħajr 'l Alla fejn Mons. Isqof Anton Teuma niseġ l-omelija. Magħhom ingħaqdu wkoll Mons. Anton Borg mill-Parroċċa ta' San Ġorġ u Mons. Ġorġ Farrugia mill-parroċċa tax-Xagħra li kienu qed jiċċelebraw il-50 sena saċerdotali tagħhom ukoll.



### Nhar il-Festa

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet intlaħqu nhar l-Erbgħa 29 ta' Ġunju – Jum il-Festa. Fid-9.00 am l-Isqof Anton Teuma mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni fejn għamel omelija tal-okkażjoni. Ħadu sehem rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali, ir-Reverendissmu Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru tal-Parroċċa. Din l-Ewkaristija saret ukoll bħala l-għeluq tas-Sena Pastorali Djoċesana fil-Parroċċa tagħna. Ġiet esegwita l-quddiesa ta' Mro Giuseppe Camilleri. L-Istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl ħarġet mill-Bażilika fit-8.00 pm fejn indaqq l-Innu *Divi Sovrani* tal-Arċipriet Anton Camilleri, taħt



it-tmexxija tas-Surmast Joseph Grech bis-sehem tal-kor tal-Parroċċa Jubilate Deo. Il-Purċissjoni tmexxiet minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri flimkien mal-Kapitlu u Kleru tal-parroċċa. Wara d-dħul tal-istatwa fil-Bażilika, tkantat l-Antifona u ċ-ċelebrazzjonijiet intemmu bil-Barka Sagramentali.

## LULJU

Matul ix-xahar ta' Lulju ssuktaw il-laqgħat ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard. Saru wkoll diversi attivitajiet sajfin bħal BBQ's u tombli minn diversi għaqdiet fin-Nadur.

## AWWISSU

### L-Abbatini f'Kemmuna

Fl-1 t'Awwissu li għadda grupp ta' 18-il abbati u xi ġenituri marru nofstanhar Kemmuna. Kien mument mill-isbaħ għax kulħadd kellu l-opportunità jgħum f'dawk l-ilmijiet kristallini li għalihom hija tant magħrufa din il-gżira ċkejkna. L-aħħar waqfa kienet fejn il-Ġebla tal-Ħalfa.

### IL-Garaxx "Tal-LEĠJUN TA' MARIJA"

Għal 46 sena l-Leġjun ta' Marija għamel użu minn garaxx li jinsab fi Triq ir-Ramla. Il-membri tal-Leġjun jirringrazzjaw lil Carmen Grech u lill-eredi tagħha għal din l-għajnuna lil-Leġjun għal tant u tant snin. Żgur li t-talb u l-ħidma kollha li saret hemmhekk ġabet barka fuq il-familja li laqghet lil-Leġjun għal tant snin fil-propjetà tagħha.



### Gimgħa Mużewmina

Bejn is-6 u t-12 t'Awwissu ttellgħet il-Ġimgħa Mużewmina fil-grawnd tal-MUSEUM tas-Subien. Din is-sena ħabat il-75 anniversarju mill-ftuħ tal-Museum tas-Subien fin-Nadur. Kien hemm diversi attivitajiet fosthom laqgħat għall-*Old Boys*, quddiesa ta' radd il-ħajr, logħob u adorazzjoni. Il-qofol ta' din il-ġimgħa kien dramm dwar il-ħajja tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel

Attard li ħadem ħafna sabiex il-Qasam tas-subien jaqbad l-għeruq tiegħu fin-Nadur. Id-dramm għandu kitba ta' Anton Mercieca li ħadem ħafna ma' Dun Mikiel u hu msejjes fuq episodji marbuta mal-ħajja ta' dan is-saċerdot qaddis permezz ta' djarju 'fittizju' li jirrakkonta l-aktar ġrajjiet importanti fil-ħajja tiegħu.





## Il-Fdalijiet ta' Dun Mikiel Attard f'Ta' Pinu

Nhar l-Erbgħa, 10 t'Awwissu 2022, il-fdalijiet tal-ġisem tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, wara l-eżumazzjoni u l-proċess forensiku meħtieġ, ġew trasportati miċ-ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata fin-Nadur għas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu fl-Għarb. Dun Mikiel kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna Ta' Pinu u għożża speċjali għas-Santwarju tagħha li kien isejjaħlu "oasi ta' paċi". Nhar is-Sibt 2 t'Awwissu 2014, 10 snin fuq mewtu, l-Isqof Mario Grech, illum Kardinal, kien fetaħ il-Proċess Djoċesan tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni, fis-Santwarju Ta' Pinu.

# SETTEMBRU



## Kartolina Nru 10

Ġiet ippubblikata l-10 kartolina mill-kollezzjoni 'Mill-Patrimonju Naduri'. Din il-kartolina turi ritratt mill-arkivju tal-Parroċċa li juri l-orgni tal-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, esebit f'Milan fejn kiseb l-ewwel premju, hekk kif tlesta mill-fabbrika Inzoli qabel ma nġab Malta mill-fundatur Pacifico Inzoli nnifsu. L-Orgni tbierek fis-6 ta' Ġunju 1897.

## Festa ta' Santa Tereża ta' Kalkutta



Nhar il-Ħadd 4 ta' Settembru fil-Kappella ġiet iċċelebrata l-festa liturġika ta' Santa Tereża ta' Kalkutta, li dis-sena tagħlaq 25 sena mill-mewt tagħha, b'quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Dun Gabriel Vella. Wara l-quddiesa tqassmet tifkira tal-okkażjoni u sar festin żgħir.

# OTTUBRU

Nhar il-Ħadd 2 t'Ottubru, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju, wara l-Quddiesa tal-5.00pm saret purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

Matul ix-xahar t'Ottubru kull nhar ta' Ġimgħa, ingħadet it-talba tar-rużarju f'postijiet pubbliċi madwar in-Nadur - fi Ġnien il-Kunsill quddiem ix-xbieha tal-Madonna, fil-*playing field* tal-Ħali, fi Triq it-Tramuntana quddiem l-istatwa tal-Madonna u fi Pjazza 28 t'April quddiem in-niċċa tal-Karmnu.

Nhar il Ħadd 30 t'Ottubru 2022 il-Komunità ta' Dar Arka ġiet mistiedna tipparteċipa maż-żgħażagħ fil-quddiesa tal-11.00am. Wara kellhom festin fiċ-Ċentru.

# NOVEMBRU

## Festa ta' San Koronatu

Bejn it-8 u t-13 ta' Novembru 2022 ġiet iċċelebrata il-festa f'ġieħ San Koronatu Martri. Wara ċelebrazzjoni speċjali għat-tfal kollha fil-knisja mmexxija mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri fit-8 ta' Novembru 2022, sar il-ftuħ u tberik ta' wirja dwar il-Beatu Carlo Acutis fin-Nava tan-naħa tan-niċċa ta' San Pietru u San Pawl. Kien hemm ukoll ir-relikwija ta' Carlo Acutis għall-qima. Matul it-Tridu, il-Kan. Michael Galea mill-parroċċa tax-Xagħra mexxa l-Konċelebrazzjoni u għamel l-omelija dwar San Koronatu Martri. Il-quddiesa ta' lejlet il-festa kienet immexxija minn Patri Marcello Ghirlando OFM bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru. Fil-Jum tal-festa l-Quddiesa Solenni tmexxiet mill-Arċipriet Mons Jimmy Xerri bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Wara l-Għasar tal-4.00pm ħarġet il-Purċissjoni bil-fdalijiet ta' San Koronatu, immexxija mill-Arċipriet bis-sehem tal-

Kapitlu u l-Kleru akkumpanjata mill-Banda Mnarja. Malwasla tal-purċissjoni lura fil-knisja ndaqqet l-antifona u ngħatat l-Barka Sagramentali.



## DIĊEMBRU

### Kartolina Nru 11 - Ġesù Bambin

Din il-kartolina turi xbieha ta' Ġesù Bambin li ta' kull sena toħroġ proċessjonalment f'lejlet il-Milied mat-toroq prinċipali tan-Nadur f'Pageant Bibliku organizzat mill-membri tal-Qasam tal-MUSEUM (Subien) tan-Nadur li din is-sena qed ifakkru l-75 sena mill-bidu tal-ħidma tagħhom f'dan ir-raħal. Xogħol maħdum fi Spanja u akkwistat mill-Qasam tal-MUSEUM Subien fis-sena 1970.



Fost l-attivitajiet annwali fi żmien il-Milied wieħed isemmi ċ-ċelebrazzjoni tan-Novena tal-Milied waqt il-quddies, il-ġbir tar-rigali taħt is-siġra tal-karità li din is-sena bbenefikaw minnha d-Dar tal-Providenza, l-Istitut ta' San Ġużepp (MSSP), Dar Għemmaws u l-Caritas parrokkjali u djoċesan. Grazzi lil kull min ipparteċipa.

Nhar l-24 ta' Diċembru 2022 saret quddiesa taħt is-sagristija għall-komunità Brażiljana ġewwa Għawdex. Il-quddiesa saret bil-Portugiż u għaliha attendew madwar 25 ruħ, fosthom xi plejers li jilagħbu ma' timijiet Għawdxin, u familjari tagħhom.



Lejlet il-Milied fis-7.00pm, wara assenza ta' sentejn, ħarġet il-purċissjoni tal-Milied mill-qasam tal-Museum tas-Subien u għaddiet minn diversi toroq madwar in-Nadur. Din il-manifestazzjoni kienet tant għal qalb San Ġorg Preca. Aktar tard f'dik il-lejla qaddisa fil-11.30pm bdiet il-Quddiesa ta' Nofsillejl bil-kant tal-Matutin. Imbagħad f'Jum il-Milied fis-7.00pm itella' l-programm tal-Milied mis-soċjetà tal-MUSEUM li fih ħadu sehem il-korijiet tas-subien u tal-bniet u kienu akkumpanjati min-numru ta' mużiċisti u kantanti stabbiliti. Bħas-soltu s-serata kienet tinkludi kant, poeżiji, *play* qasira u prietka tat-tifel.



### Kwaranturi 2022

Mit-30 ta' Diċembru 2022 sal-1 ta' Jannar 2023 saret l-Adorazzjoni Solenni fil-ġranet tal-Kwaranturi. Bħala għeluq tal-kwaranturi fil-5.00pm ġiet iċċelebrata quddiesa Solenni mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata bil-kant tal-Għasar integrat. Wara saret purċissjoni qasira b'Ġesù Ewkaristija

li għaddiet mill-Pjazza 28 t'April 1688, Triq Cicciano, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber u Pjazza San Pietru u San Pawl. Wara tkanta t-Te Deum u ngħatat il-Barka Sagramentali lil dawk preżenti.



## JANNAR

Nhar l-Erbgħa 4 ta' Jannar l-abbatini tagħna kellhom ħarġa madwar Għawdex. Ix-xufier tagħna kien Leli Grima li l-ewwel ħadna naraw il-presepju mtella' minn Mathias Mercieca fi Triq San Blas. Imbagħad morna l-*crafts village* ta' San Lawrenz fejn żorna l-fabbrika li tagħmel oġġetti tal-ġild. Rajna kif isir il-proċess biex minn ġilda ta' majjal, nagħġa jew baqra, fl-aħħar jispiċċaw f'portmonijiet u basktijiet ta' ditti famużi, liema oġġetti jinbiegħu ġewwa Londra u New York. Imbagħad l-abbatini żaru post arkeoloġiku ġewwa San Lawrenz. Huwa għar kbir li fl-imgħoddi, forsi fi żmien ir-Rumani jew fil-Medju Evu Bikri, kienu jagħsru l-inbid fih. Minn San Lawrenz morna nagħmlu viżta lill-Madonna f'Ta' Pinu u wara rħejnielha għar-raħal ta' Għajnsielem u rajna presepju ieħor fil-pjazza ewlenija. Fl-aħħar kilna ma' xulxin il-*McDonald's*. Kien nofstanhar ta' mistrieħ u divertiment.





### Relikwa ta' Carlo Acutis fostna

Bejn it-8 u l-15 ta' Jannar ġiet fostna r-relikwa tal-Beatu żagħżugħ Carlo Acutis. Dan il-qaddis ta' żmienna, miet meta kien għadu adolexxenti. Fih kienet tispikka l-imħabba kbira li kellu għall-Ewkaristija u l-karità li kien jagħmel. Ta' 11-il sena beda jirriċerka u jiġbor informazzjoni fuq mirakli li saru madwar id-dinja permezz tad-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u kien talab lill-ġenituri tiegħu biex iżur dawn il-postijiet. Huwa ħoloq sit elettroniku fejn ħoloq mużew virtwali fejn hemm miġbura din l-informazzjoni kollha. Żgur li permezz ta' dan is-sit qed jintlaħqu bosta nies u fosthom żgħażagħ u qed isir bosta ġid.

### Assemblea Parrokkjali

Nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023 saret l-Assemblea Parrokkjali fil-knisja u kienet immexxija mill-Isqof Anton Teuma. Għaliha kienu mistiedna l-presbiterju, il-Kunsill Parrokkjali, u r-rappreżentanti tal-gruppi u l-għaqdiet li għandhom x'jaqsmu mal-liturġija u l-Kelma. L-isqof spjega x'inhu għaddej fis- Sena Pastorali - it-tqassim tal-Vanġelu ta' San Mattew u dwar il-fażi ta' żmien ir-Randan - dik li ssejħet bħala "*outreach*".

## FRAR



Nifirħu lil Dun Charles Vella li ġie maħtur Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Nawgurawlu ħidma tajba fi ħdan din il-Kolleġġjata Insinji.

### Festa ta' San Blas

Nhar is-6 ta' Frar fl-inħawi ta' San Blas ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Blas. Fl-10.15am saret quddiesa minn Mons. Jimmy Xerri u Mons. Salvu Pace fejn sar it-tberik tal-griżmejn. Kien hemm ukoll diversi oġġetti tal-artiġjanat u pitturi għall-wiri u sar ukoll it-tberik tal-annimali. Ma naqasx ukoll li l-Banda Mnarja tferraħ lil dawk preżenti bid-daqq tal-marċi.

### Sr Maria Lucia Azzopardi



Nhar il-10 ta' Frar saret quddiesa f'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' Sr Maria Lucia Azzopardi tal-Madonna ta' Fatima OSC. Marret tiltaqa' mal-Ħallieq nhar id-9 ta' Jannar 2023 fl-għomor ta' 73 sena. Swor Maria kienet min-Nadur u ta' 18-il sena daħlet soru fejn damet 55 sena mas-sorijiet Klarissi.



### Donazzjoni ta' Linfa tal-Kristall

Dan l-aħħar ġiet installata linfa kbira tal-kristall tal-Boemja fis-sagristija tal-knisja. Din il-linfa hija donazzjoni ta' Peter Portelli. Grazzi lil dan il-benefettur għal din il-għotja li titgawda mill-komunità kollha.

### Il-Vanġelu f'kull dar

Fuq xewqa tal-Isqof Anton Teuma tqassam il-Vanġelu ta' San Mattew f'kull dar Għawdxija. Dan sar peress li fil-mixja pastorali li qegħdin nagħmlu din is-sena qed niffokaw fuq l-importanza tal-Bibbja f'ħajjitna. Għalhekk diversi parruċċani ħadu ħsieb iqassmu kopji tal-Vanġelu ta' San Mattew lil kull familja fil-parroċċa. Min jisma', jaqra u jimmedita l-Bibbja jkollu xi ħaġa tajba għalih u jkollu x'jagħti lil ħaddieħor.

### Randan

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar tajna bidu għar-Randan, magħruf ukoll bħala l-Erbgħa tal-Irmied. Dan hu jum ta' sawm u fil-quddies kollu saret il-funzjoni tal-Irmied. Matul ir-Randan konna mħeġġa b'mod iktar speċjali li flimkien mas-sawm wieħed ukoll jagħti karità, kif ukoll nitħejjew għall-qawmien ta' Kristu mill-ġdid permezz tas-smigħ tal-Kelma fl-eżerċizzi għal diversi kategoriji fosthom għall-adolexxenti u żgħażagħ u l-miżżewġin.

## MARZU

Nhar il-Ġimgha 17 ta' Marzu saret purċissjoni bir-Redentur. Tluq beda minn ħdejn id-Dar Parrokkjali fil-5.30pm. Il-purċissjoni bil-vara għaddiet minn diversi toroq fosthom Triq Xandriku, Vjal l-Imnarja, Triq Agius de Soldanis, Triq Lourdes u Triq l-Isqof Buttigieg fejn saret quddiesa.

### Ftuħ tas-Sala tal-Arti Sagra

Nhar is-Sibt 18 ta' Marzu fis-6.00pm sar il-ftuħ uffiċjali tas-sala tal-Arti Sagra fi ħdan il-Mużew tal-parroċċa *'Vigilat – The Nadur Basilica Museum'* ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali mill-E.T. Mons Anton Teuma. Waqt iċ-



ċerimonja l-Isqof ta' Għawdex Mons. Anton Teuma saħaq fuq l-importanza li dan il-post ma jibqax biss mużew tal-passat, imma jsir ukoll gwida u ispirazzjoni għall-futur. L-Isqof bierek din is-Sala fil-preżenza tal-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, tal-Kapitlu, il-Kleru u l-parruċċani.

### Id-Duluri

Nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu ħabat Jum id-Duluri u l-purċissjoni devota tad-Duluri din is-sena bdiet minn Triq Ħida u għaddiet minn Triq Plier, Triq tad-Duru, Triq San Koronatu, Triq il-Knisja u spiċċat fil-pjazza. Wara saret quddiesa fil-knisja.

## APRIL

### Ġimgħa Mqaddsa




L-attivitajiet issoktaw matul il-Ġimgħa Mqaddsa fejn f'Ħadd il-Palm sar it-tberik tal-palm bis-sehem tat-tfal u l-familji tagħhom fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù. It-Tnejn 3 t'April fit-8.00pm ttella' kunċert ta' mużika Sagra u Funebri fil-knisja mis-Soċjetà Filarmonika Mnarja taħt id-direzzjoni tal-Mro Dr Joseph Grech. L-għada t-Tlieta ż-żgħażagħ u l-adolexxenti ħadu sehem fil Via Sagra – 'Il-Mixja tat-Tbatija'. Din saret fil-knisja fit-8.00pm. L-Erbgħa kien Jum ir-Rikonċiljazzjoni fejn sar qrar fil-knisja u wara ċelebrazzjoni penitenzjali.



# IĊ-ĊIMA
ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

# FAMILY NEEDS
Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

# BERNANDY SUPERMARKET
**Your Shop - Your Choice**

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo**

**Tel: 2156 5546**

# M & J Garage
**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**
*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*
**Car Rental**



# Garden of Eden
**Health and Beauty Salon**

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170

F'Ħamis ix-Xirka, wara ċ-ċelebrazzjoni simbolika tal-ħasil ta' riġlejn l-appostli u quddiesa, Ġesù Ewkaristija tqiegħed fl-Artal tar-Ripożizzjoni għall-qima tal-fidili. Eżatt wara bdew is-Seba' Visti. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira 7 ta' April wara l-funzjoni tal-Liturġija tal-Kelma fil-knisja u l-Adorazzjoni tas-Salib, ħarġet il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bil-vari u għadd ta' persunaġġi bibliċi. Ħa sehem ukoll il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Banda Mnarja akkumpanjat il-purċissjoni b'marċi funebri.

Nhar is-Sibt 8 ta' April fit-8.00pm saret il-Velja Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid. L-għada, l-Għid il-Kbir, wara l-quddiesa Konventwali tat-8.30am mmexxija minn Mons. Arċipriet ħarġet purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja. Sar ukoll it-tqassim tal-figolli lit-tfal.




## Is-Salib tal-Erwieħ

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 7 ta' April 2023, wara l-funzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib, l-Arċipriet, Dun Reuben Micallef u xi abbatini niżlu flimkien għal fejn twaqqaf mill-ġdid is-Salib tal-Erwieħ fi Triq l-Imġarr. Is-salib inħadem mill-mastrudaxxa Raymond Farrugia u tpoġġa fuq ħaġra tal-qawwi ġentilment provduta mid-Direzzjoni ta' Road Construction Limited. Nirringrazzjaw ukoll lill-Perit Josmar Cassar li ħa ħsieb din l-opra.

Kemm tkun ħaġa sabiħa li aħna u neżlin u telgħin minn Triq l-Imġarr ngħidu talba għall-mejtin tagħna hekk kif nilmħu s-Salib tal-Erwieħ.



## Ktieb dwar Dun Mikiel Attard

Ftit qabel l-Għid ħareġ ktieb bl-isem ta' ***Dun Mikiel Attard-Inkunu Ferħanin billi nkunu Qaddisin***. L-awtur ta' dan il-ktieb hu Mons. Jimmy Xerri filwaqt li l-pitturi oriġinali li fih huma tal-artista Taljana Anna Formaggio li hija minn Milan. Il-ktejjeb huwa ddestinat għat-tfal u għall-adolexxenti imma żgur li jagħmel il-ġid lil kull min jaqrah għax joffri informazzjoni fuq ħajjet dan is-saċerdot twajjeb.



## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA BNIET - 2022




**Quddiem:** Elise Rapa, Emma Schembri, Alyssa Rose Portelli, Jade Marie Sultana,
**Tarġa 1:** Amy Grech, Kyra Vella, Valentina Said, Rae Ann Said, Julia Saliba,
**Tarġa 2:** Elisa Cutajar, Tiana Camilleri, Mariah Bugeja, Katrina Zammit, Rosemarie Galea.

## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA SUBIEN - 2022



**Quddiem:** Tabone Gabriel, Muscat Zack, Green William, Spiteri Luca,
**Tarġa 1:** Azzopardi Isaac, Sultana Lucas, Said Josue', Said Joemar, Camilleri Michael, Mejlaq Clyde,
**Tarġa 2:** Azzopardi Ġann, Buttigieg Cristiano, Cauchi Denzel, Muscat Jake, Muscat Levi, Hili Clive,
**Tarġa 3:** Buttigieg Liam, Buttigieg Mikyle, Mifsud Jake.

## TFAL TAL-GRIŻMA BNIET - 2022



**Quddiem:** Sasha Farrugia, Charlise Cardona, Renee Said, Thea Attard, Thea Buttigieg, Ilona Mifsud, Elena Portelli, Claire Cutajar,
**Tarġa 1:** Rachel Sultana,Kyla Muscat Borg,Megan Rapa, Joslyn Portelli, Shaylee Cauchi, Mariah Rapa, Lindsey M Grima, Elena M. Zammit,
**Tarġa 2:** Kristy Said, Caroline Cefai, Claudia Muscat, Celine Borg.

## TFAL TAL-GRIŻMA SUBIEN - 2022



**Quddiem:** Portelli Justin, Muscat Manuel, Mercieca Preston, Tarricone Alessandro, Portelli Mason, Portelli Andrè, Muscat Aiden, Grech Kevin, Abela Joseph,
**Wara:** Borg Clyde, Attard Aleksander, Galea Liam, Hili Adrian, Buttigieg Marlon, Mercieca Neil, Vassallo Jake, Vella Riley, Muscat Joseph, Cilia Peter Paul.

# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

Daniel Meilak

MAGĦMUDIJIET | ŻWIĠIJIET | MWIET ■ 2022

*Matul l-2022 fil-parroċċa tan-Nadur saru 6 żwiġijiet, ġew mgħammda 25 tarbija filwaqt li sar il-funeral jew difna ta' 30 persuna. L-età medja tal-mewt kienet dik ta' 80 sena. Xi dfin li sar fl-oqbra li Barts – Queen Mary University of London għandha fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina mhux qed jitniżżlu hawn peress li ma kinux residenti fin-Nadur.*



MAGĦMUDIJIET

| DATA | ISEM IT-TARBIJA | MISSIER | OMM |
|---|---|---|---|
| **JANNAR** | | | |
| 2 | Theo | Nigel Azzopardi | Lucy Buchland |
| **FRAR** | | | |
| 6 | Nolan | Gary Sultana | Melissa Cassar |
| 19 | Louie Joe | Joseph Spiteri | Lacey Tyler Edwards |
| **APRIL** | | | |
| 23 | Giuseppe | Matthew John Camilleri | Elaine Buttigieg |
| **MEJJU** | | | |
| 1 | Becca | Karol Mifsud | Amanda Buttigieg |
| 8 | Phoebe | Sean Muscat | Tamara Tabone |
| 8 | Martina | Patrick James Meilak | Nicoleta Camilleri |
| 22 | Chloe | David Falzon | Hailey Portelli |
| **ĠUNJU** | | | |
| 2 | Edie | Andrew Clark | Ancuta Anton Clark |
| 19 | Gwen | Jean Pierre Saliba | Julie Vella |
| 26 | Alexander | Sandro Buttigieg | Angel Buttigieg |
| **LULJU** | | | |
| 3 | Yannick | Sammy Grima | Ylenia Grech |
| 24 | Hazel Mae | Charles Portelli | Gabrielle Portelli |
| 24 | Julia Rose | James Joseph Galea | Marice Grech |
| 24 | Elania Mary | James Joseph Galea | Marice Grech |
| 31 | Nicolas | Stefan Sultana | Laura Alfino |
| **AWWISSU** | | | |
| 6 | Eleanor Jane | Robert Xuereb | Amanda Marie Camilleri |
| 7 | Yana | Paul Muscat | Madelene Schembri |
| 20 | Bradley Paul | Anthony Paul Piscopo | Kimberly Muscat |
| 21 | Noella | Mario Cauchi | Nicole Magro |
| **SETTEMBRU** | | | |
| 3 | Jeanelle | James Meli | Angela Camilleri |
| **OTTUBRU** | | | |
| 7 | Maria | John Paul Vella | Victoria Muscat |
| **NOVEMBRU** | | | |
| 13 | Ben | Emmanuel Camilleri | Monique Curmi |
| **DIĊEMBRU** | | | |
| 3 | Ava | Wilfred Pace | Antonella Meilak |
| 3 | Josmar Emmanuel | Mario Said | Joanna Muscat |



# ŻWIĠIJIET

| DATA | GĦARUS | GĦARUSA |
|---|---|---|
| **ĠUNJU** | | |
| 18 | Mathias Scicluna (In-Naxxar) | Sandy Attard |
| 24 | Marlon Spiteri | Michelle Vella |
| 25 | Nicholas Farrugia (Ta' Sannat) | Elaine Debono |
| **AWWISSU** | | |
| 27 | Valerio Hili (Ix-Xewkija) | Nicole Falzon |
| **SETTEMBRU** | | |
| 10 | Charlon Spiteri (Il-Qala) | Melissa Said |
| 23 | Joseph Hili (Ix-Xagħra) | Charmaine Meilaq |

# MWIET



| DATA | ISEM | ETÁ |
|---|---|---|
| **JANNAR** | | |
| 8 | Pawla Tabone | 83 |
| 17 | Saviour Azzopardi | 69 |
| 20 | Kevin Vella | 46 |
| **FRAR** | | |
| 6 | Michelino Sammut | 89 |
| 10 | Carmela Attard | 69 |
| 15 | Pauline Meilak | 91 |
| **MARZU** | | |
| 11 | Marija Camilleri | 81 |
| 29 | Peter Paul Vella | 72 |
| **APRIL** | | |
| 11 | Angelo Mercieca | 90 |
| 12 | Joseph Attard | 82 |
| 26 | Pawlu Muscat | 75 |
| 26 | John Hemmings | 72 |
| **ĠUNJU** | | |
| 10 | Carmen Farrugia | 82 |
| 18 | Salvina Curmi | 83 |
| **LULJU** | | |
| 2 | Mary Concetta Buttigieg | 84 |
| 5 | Maria Rosa Sacco | 89 |
| 11 | Joseph Curmi | 85 |
| 14 | Angelo Azzopardi | 85 |
| **AWWISSU** | | |
| 6 | Lonza (Nancy) Said | 74 |
| 7 | Joseph Muscat | 77 |
| 19 | Mary Abela | 73 |
| 21 | Michael Camilleri | 87 |
| **SETTEMBRU** | | |
| 1 | Coronata Cassar | 89 |
| 7 | Francis Muscat | 75 |
| 29 | Peter Paul Galea | 88 |
| 30 | Michael Sacco | 90 |
| **OTTUBRU** | | |
| 16 | Peter Paul Sammut | 74 |
| **NOVEMBRU** | | |
| 14 | Rita Azzopardi | 79 |
| 27 | Grace Rapa | 80 |
| **DIĊEMBRU** | | |
| 8 | Emmanuele Portelli | 90 |

# Dun Michael Said

## 25 SENA SAĊERDOT

INTERVISTA MINN MIRIAM MUSCAT

Il-Komunità Parrokkjali tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur din is-sena tingħaqad b'mod partikolari ma' Dun Michael Said biex flimkien nirringrazzjaw lil Alla għall-grazzji li għoġbu jagħti lilu u lill-parroċċa permezz tal-vokazzjoni tiegħu. Ħafna għadhom jiftakru l-jum tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu li saret nhar is-27 ta' Ġunju 1998 ġewwa l-Katidral ta' Għawdex mill-E.T. Mons Nikol Ġużeppi Cauchi, dakinhar Isqof ta' Għawdex. Huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu nhar il-Ħadd 5 ta' Lulju 1998 fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur.



Għal din l-okkażjoni qegħdin nippubblikaw intervista ma' Dun Michael li llum qed jagħmel xogħol ta' assistent surmast fl-iskola tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù u bħala viċi parroku tal-Parroċċa ta' San Ġużepp u Immakulata Konċezzjoni tal-Qala Għawdex.

> "DUN MICHAEL, NIBDEW BILLI NIFIRĦULEK GĦAL DAN L-ANNIVERSARJU LI JFISSER UKOLL TRAGWARD IMPORTANTI FIL-ĦAJJA PERSONALI TIEGĦEK. NIXTIEQU NIEĦDU DIN L-OKKAŻJONI BIEX NAQSMU L-ESPERJENZA TIEGĦEK MAL-PARRUĊĊANI NADURIN, LI ŻGUR SER IKUNU QED IĠEDDU L-MEMORJI TAGĦHOM FLIMKIEN MIEGĦEK."

***Taħseb li t-tfulija tiegħek, li int għaddejt fi ħdan il-komunità tan-Nadur, influwenzat l-għażla tiegħek li ssir saċerdot?***

Bla dubju. L-ewwel nett trabbejt fi ħdan familja kattolika u prattikanti u kuljum kont nieħu sehem fil-quddiesa u ngħidu r-rużarju d-dar. Ommi kienet teħodni bil-mixi l-erbgħat tal-Madonna ta' Pinu fit-3.00am u s-sibtijiet tal-Kunċizzjoni fil-5.00am, kull sena. Imbagħad, wara l-familja, l-iktar li ġejt influwenzat kien mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fejn kont nqatta' sigħat twal kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd, nilgħab, nitgħallem, naħdem u nagħmel xi praspura. Barra dan, kont attiv fil-gruppi tal-abbatini u għamilt xi snin nieħu ħsiebu flimkien ma' Mons. Salv Pace, fejn għaddejna minn ħafna esperjenzi sbieħ u oħrajn inqas, imma li flimkien sawruni f'dak li jien illum.

***Kien hemm xi ħadd jew xi ċirkostanza li ispiraw il-vokazzjoni tiegħek aktar minn kull ħaġa oħra?***

Naħseb l-iktar persuna wara ommi li ispiratni kien ħuha, iz-ziju Mons. Ġużeppi Borg Attard, li meta kont żgħir kien l-arċipriet tal-Qala u għal xi żmien kull nhar ta' Sibt kont ngħaddi nofstanhar fid-dar parrokkjali miegħu ...... u bla ma trid tibda tinġibed lejn dik il-ħajja li kont narah jagħmel - jgħin lin-nies, jipprepara l-prietki u fil-Knisja. Barra z-ziju, kien hemm xi qassisin min-Nadur li ispirawni, uħud għadhom iservu u oħrajn marru qrib dak li kienu taw ħajjithom għalih. U rrid insemmi wkoll iż-żewġ superjuri tal-MUSEUM u s-soċji ħbieb tiegħi. U fl-aħħar u żgur mhux l-inqas, l-għalliema kollha li kelli sa mill-ewwel skola li attendejt u l-formators tas-Seminarju.

***X'tgħidilna dwar dak iż-żmien meta veru ddeċidejt li timxi aktar mill-qrib wara Ġesù?***

Naħseb bħal kull min jiġi biex jiddeċiedi l-istat ta' ħajtu, jgħaddi minn żmien ta' mistoqsijiet u dubji. Hawnhekk id-direttur spiritwali Dun Mikiel Attard kellu l-ikbar sehem. L-ikbar diffikultà li kelli kienet nibqax soċju tal-MUSEUM u nsib xogħol ta' għalliem jew nidħolx is-seminarju u nara jekk hux imsejjaħ biex inkun saċerdot. Inħoss li Ġesù tani l-grazzja u sa ċertu punt nista' ngħid li wettaqthom kollha.

***Kif tiddeskrivi l-mixja vokazzjonali tiegħek sakemm ġejt ordnat saċerdot?***

Qabel dħalt is-seminarju kelli sena propedewtika li matulha kont nqatta' ġimgħa sħiħa fiċ-ċentru pastorali Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla. Peress li l-isptar kien tefa' ta' ġebla 'l bogħod, wara l-lezzjonijiet tas-sixth form, kont inħobb ngħaddi ftit ħin fejn il-morda fl-isptar. Imbagħad xħin dħalt is-seminarju ppruvajt nimxi mal-programm tal-ġurnata jiġifieri: Filgħodu talb, quddies u skola u filgħaxija mixja, studju u pastorali. Matul is-seba' snin kelli x-xorti li nagħti s-servizz pastorali tiegħi f'diversi parroċċi fosthom l-Għasri, il-Munxar u l-Qala u f'diversi ċentri fosthom dawk tar-Ragħaj it-Tajjeb, tal-Kapuċċini u dak ta' Kana. Fis-sena barra kont mort fil-Parroċċa ta' Saint Patrick ġewwa Woodbury, New Jersey u hemm kont ngħallem fl-iskola, ngħin il-Knisja u l-uffiċċju parrokkjali, kif ukoll ngħin nikkowċja żewġ timijiet tat-tfal adolexxenti tar-raħal ta' Woodbury, wieħed fil-football u ieħor tas-softball.

***25 sena ilu rċevejt is-Sagrament tal-Ordni Sagri – fejn tajt is-servizzi pastorali tiegħek matul dan iż-żmien?***

Kull saċerdot Għawdxi malli jilħaq imur jagħmel xi snin barra. L-ewwel parroċċa tiegħi kienet dik ta' Sant'Ugo ġewwa Ruma, fejn għaddejt l-ewwel tliet snin tal-ħajja saċerdotali tiegħi, nistudja fl-Università tas-Salesjani u ngħin fil-parroċċa. L-ispiritwalità Salesjana u l-kappillan li kelli Don Remo Chiavarini, inħoss li kienu l-pedament ta' kif ippruvajt ngħix is-saċerdozju. Lura Għawdex, ħdimt għal xi żmien fl-iskola Ninu Cremona u fil-Gym tas-seminarju. Jien kont sportiv u peress li nżomm mat-team tal-Liverpool, dħalt u għadni sal-lum id-direttur spiritwali tas-supporters club tal-Liverpool fix-Xewkija. Jien inqis li l-ewwel post f'Għawdex fejn tajt is-servizz tiegħi bħala saċerdot kien l-Oratorju Don Bosco ġewwa r-Rabat. Hawn nixtieq inrodd ħajr b'mod speċjali lill-mibki Dun Louis Bezzina u lil Dun Effie Masini, il-familji li ħdimt magħhom mill-qrib u lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ li magħhom kbirt għal disa' snin sħaħ. Imbagħad ġejt mitlub immur l-ewwel bħala amministratur u wara bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu l-Munxar. Anke hawn nixtieq nirringrazzja lill-komunità parrokkjali tal-Munxar, li għalkemm ma kellix idea ta' kif inkun kappillan, ħadu ħafna paċenzja bija u wara 11-il sena tlaqt minn hemm b'ħafna memorji sbieħ. Attwalment qiegħed inservi bħala viċi parrokku tal-Parroċċa tal-Qala u fl-iskola tas-Seminarju Minuri.

***X'parir tagħti lil żgħażagħ, bniet u subien, li forsi jħossu tinbet il-vokazzjoni iżda jħossuhom imbeżża' fil-konfront tad-deċiżjoni?***

Taqtgħux qalbkom, m'intomx waħedkom. Tkellmu ma' Alla u tkellmu ma' nies li kapaċi jgħinukom. Id-direttur spiritwali kien jgħidli li qatt m'inti ser tkun mija fil-mija ċert x'suppost tagħmel f'ħajtek u jekk ser tibqa' tistenna biex tkun aktar ċert, tispiċċa ma tiddeċiedi qatt. Ma tridx tgħaġġel imma lanqas toqgħod tħalli għal għada. Jekk tħossok f'postok u għandek il-ferħ, allura tibżax tgħid 'iva' u afda fil-Mulej.

***Għandek xi messaġġ ieħor li tixtieq twassal lill-komunità parrokkjali u lill-qarrejja ta' Luminaria f'din l-okkażjoni speċjali li qiegħed tfakkar?***

L-antifona tal-festa tgħid: Pietru l-Appostlu u Pawlu l-Imgħallem tal-ġnus, għallmuna l-liġi tiegħek Mulej. Ejjew ngħożżu u ma nwarrbux dak kollu li għallmuna l-Patruni tagħna billi ngħixuh kuljum fil-familji tagħna u ngħallmuh u ngħadduh lil ta' warajna.

***Grazzi Dun Michael. Nawgurawlek mill-ġdid u nwiegħduk li bħala komunità ser inkomplu nitolbu għalik, għas-saċerdoti u għall-persuni kkonsagrati fosthom dawk missjunarji.***

# AD MULTOS ANNOS!

APPREZZAMENT

# Ġużi Muscat

MONS. SALV MUSCAT



Id-dinja tiftaħar b'ħafna nies kbar li taw xi kontribut f'diversi oqsma. Il-Knisja wkoll tiftaħar b'tant insara li taw xi kontribut u għenu lill-parroċċa, min b'mod u min b'ieħor. Kien hemm dawk li kienu kbar għaliex għenu fil-qasam spiritwali, pastorali, kulturali, edukattiv, karitattiv kif ukoll fil-qasam ta' volontarjat.

Illum qed infakkru l-memorja ta' ħuna Ġużi Muscat mill-parroċċa tan-Nadur, li l-Mulej għoġbu jsejjaħlu għad-dar Tiegħu fis-sema nhar is-7 ta' Awwissu, 2022 fl-età ta' 77 sena. Ġużi huwa magħruf għall-ħidma twila ta' volontarjat fil-parroċċa tan-Nadur.

Ġużi dejjem wettaq dmirijietu bir-reqqa. Huwa għamel ħidma f'diversi sptarijiet f'Malta u Għawdex bħala nurse, idur bil-morda; kien amministratur tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Kien idur bil-pazjenti b'imħabba u b'kura kbira. Kien dedikat biex jgħin lil dawk li kienu jitolbuh l-għajnuna fil-mard tagħhom. Ġużi ġie li kien jirrakkonta xi ġrajjiet li seħħew fuq il-post tax-xogħol, grajjiet li juru l-atteġġjament uman tiegħu ma' min kien marid u vulnerabbli. Il-ħajja ta' Ġużi kienet ħajja ta' dedikazzjoni u għamel ħafna xogħol ta' volontarjat, xogħol li hu ta' għożża kbira għall-Knisja.

Personalment, jiena nistqarr li fil-bidu tal-ħidma tiegħi bħala Arċipriet ta' din il-parroċċa fl-1983, Ġużi kien minn tal-ewwel li ta għajnuna kbira fil-ħidma pastorali tiegħi. Kellu spirtu ta' volontarjat li wettqu b'serjetà, b'dedikazzjoni u kapaċità kbira, bla ebda interessi finanzjarji, u bla ebda pompi. Għal 40 sena sħaħ huwa kien jattendi fl-Uffiċċju Parrokkjali kważi kuljum, u kien imidd idejh għal diversi ħtiġijiet.

Mindu bdiet tiġi ppubblikata r-rivista parrokkjali "Luminaria" Ġużi beda b'interess kbir jieħu ħsiebha. Kien jiġbor artikli, jieħu ħsieb is-setting tagħha u tal-istampar ta' din il-pubblikazzjoni. Huwa stess kien jikteb u jippubblika diversi studji mir-reġistri parrokkjali.

Ma nistax ninsa l-aġġornament li Ġużi għamel fir-reġistri li għandna fl-Uffiċċju Parrokkjali. Dawn ir-reġistri tagħna tal-Magħmudija, Żwieġ u tal-Mewt imorru lura għas-sena 1688; huma miktuba bil-lingwa latina. Minkejja li Ġużi qatt ma studja l-Latin, xorta waħda rnexxielu jagħmel l-indiċi ta' kull reġistru mill-ewwel snin tat-twaqqif tal-parroċċa (fl-1688). Kienet biċċa xogħol li kienet tidher tqila, kważi impossibbli, iżda li saret possibbli bil-kapaċità tiegħu, u li issa hija tant meħtieġa, tant effiċjenti u tant tintuża. Huma ħafna dawk, anke barranin, li sabu ħafna għajnuna mingħand ħuna Ġużi meta xtaqu jsibu l-arblu tar-razza.

Ma nistax ma nsemmix l-għajnuna li ta fuq ir-reġistrazzjoni tal-quddies tal-fondazzjonijiet, ħidma li titlob ċerta attenzjoni u kapaċità biex taġġornahom ta' kull xahar. Barra minn hekk huwa kien ta daqqa t'id biex fil-bidu tal-parrokat tiegħi, bdejna l-istatus animarum. Illum kull familja fil-parroċċa tan-Nadur, għandha l-file tagħha li fih jinżammu d-dokumenti kollha relatati ma' dik il-familja u li kontinwament kienu jinġabru u jiġu ffaljati minn Ġużi.

Ġużi kien ta' għajnuna kbira lill-patri Alessandru Bonnici biex ġabar ħafna informazzjoni parrokkjali għaż-żewġ volumi dwar l-istorja tan-Nadur u l-ġrajjiet tal-Kolleġġjata u Bażilika imxebilkin fil-ħajja soċjali ta' Għawdex. Ġużi kien jieħu wkoll ħsieb tal-arkivju tal-Knisja Kolleġġjata tan-Nadur.

Huwa impossibbli li nsemmi ċerti rqaqat fl-għajnuna li Ġużi ta lill-Parroċċa. Hu kien bniedem erudit, iħobb jaqra, kellu intelliġenza kbira. Kien bniedem diskret, serju u li tafdah. Kien bniedem ċajtier u fuq kollox kuraġġjuż.

Meta waslitlu l-aħbar li kien marid serjament huwa uriena dan fl-uffiċċju parrokkjali b'ċerta kalma. Flok qata' qalbu u rtira, huwa xorta baqa' jattendi fl-uffiċċju qisu ma ġara xejn u kompla l-ħidma tiegħu bħal qabel. Rari kien isemmi li kien sejjer għal xi treatment. Billi huwa kien nurse, kien jaf fejn iwassal ċertu mard u għalhekk, darba, wara li marad u l-professur kemmex xofftejh minħabba l-avvanz tal-marda, qalilna : " u iva għad baqgħali sitt xhur ħajja!!, iċ-ċens daqt jagħlaq". Hu qatt ma gerger dwar il-marda terminali li ħakmitu. Sa xi għaxart'ijiem qabel il-mewt tiegħu, Ġużi baqa' jagħti l-għajnuna tiegħu fl-Uffiċċju Parrokkjali, u bl-istess ħeġġa, bl-istess imħabba u dedikazzjoni. Ħasadni meta dħalt fl-uffiċċju u qalli : "Dun Salv illum l-aħħar li jiena ġejt hawn; in-nifs qed iżommni". U hekk kien. Minn dak il-jum 'il quddiem ma daħalx iżjed fl-Uffiċċju Parrokkjali. Issa l-marda kienet ikkumplikat ruħha. It-tmiem kien fil-qrib.

Għal min jafu Ġużi kien bniedem tal-Knisja, serju, dedikat, diskret, ċajtier, u jaf imur ma' kulħadd. Ta' kull filgħodu kien isegwi l-aħbarijiet tal-Vatikan. Kien jinteressa ruħu u jara min miet fost il-kardinali, isqfijiet, kif ukoll min ġie magħżul. Nixtieq minn hawn li jiena f'isem l-arċipriet, kanoniċi u kleru, f'isem il-Parroċċa kollha tan-Nadur, nirringrazzjah tal-ħidma sfiqa li huwa wettaq fil-parroċċa u għall-parroċċa li kien tant iħobb.

Jalla, San Pietru u San Pawl protetturi ta' din il-parroċċa tan-Nadur, jieqfu ma' ħuna Ġużi u jwassluh mhux iżjed sal-Uffiċċju Parrokkjali biex ikompli l-ħidma ta' volontarjat, iżda jwassluh f'Dar il-Missier fis-sema biex il-Mulej jagħtih il-premju tal-ħajja ta' dejjem li huwa tant jistħoqq għall-qadi tiegħu, għax kien verament qaddej tajjeb u fidil.

# ARKIVISTA ĠDID

Wara li ġie nieqes Joe Muscat, Is-Sur Daniel Meilak inħatar arkivista tal-arkivju tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl. Joe Muscat kien qeda dan ir-rwol ghal iktar minn 30 sena. L-arkivju tal-parroċċa fih dokumenti importanti ħafna, li xi wħud minnhom imorru lura għas-seklu XVII. Dan l-arkivju huwa tassew "ħaj" fis-sens li huma ħafna l-persuni li mill-parroċċa stess u minn postijiet oħrajn jitolbu tagħrif importanti minnu. Dari n-Nadurin kienu jemigraw lejn l-Alġerija u Franza wkoll. Illum hemm ħafna dixxendenti tal-emigranti tal-bidu, li għadhom ifittxu li jkunu jafu xi ħaġa fuq il-familji tagħhom li jkunu oriġinaw min-Nadur.



Nawguraw lil Daniel għax-xogħol ġdid tiegħu u nirringrazzjawh, speċjalment f'isem dawk li jfittxu tagħrif mill-arkivju.

L-arkivju jinsab fl-Uffiċċju Parrokkjali. Hemm il-ħsieb li fix-xhur li ġejjin jitkabbar l-ixkaffar fejn ikunu jistgħu jiġu mħarsin id-dokumenti li għandha l-parroċċa.



*L-ARĊIPRIET*
*FLIMKIEN MAL-KAPITLU, IL-KLERU U L-POPLU*
*TAL-PARROĊĊA TA'*
*SAN PIETRU U SAN PAWL NADUR*
jixtiequ jifirħu lis-Saċerdot ta' din il-Parroċċa

# DUN CHARLES VELLA

li fi Frar li għadda ġie maħtur
**KANONIKU ONORARJU**
**TAL-KOLLEĠĠJATA TA'**
**SAN PAWL NAWFRAGU**
TAL-BELT VALLETTA

*Nawgurawlu u Nitolbu Għalih*

*Ad Multos Annos!*

# VOKAZZJONI ĠDIDA



Din is-sena l-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl irċeviet id-don ta' vokazzjoni ġdida. F'Settembru li għadda Jamie Buttigieg beda l-mixja li jekk Alla jrid twasslu għas-Saċerdozju. Filwaqt li nawgurawlu nwiegħduh li ser nakkumpanjaw lilu u lis-seminaristi sħabu f'din l-esperjenza permezz tat-talb komunitarju. Il-Mulej ikompli jħeġġeġ fihom ix-xrara li ġibdithom għal warajH.



# Swor Pasqualina Attard FCJ

DUN GEOFFREY GEORGE ATTARD

Fil-11 ta' Diċembru 2022, it-Tielet Ħadd tal-Avvent, saret quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl għas-servizz twil li tat fil-Parroċċa tan-Nadur Sr Pasqualina Attard.

Swor Pasqualina Attard twieldet ir-Rabat ta' Għawdex u ngħatat l-isem ta' Ċensa (għal nannuha Ċensu Fenech, bejjiegħ tal-biskuttelli fi Pjazza Savina, oriġinarjament mill-Ħamrun), nhar is-17 ta' Ottubru 1944, tifkira liturġika ta' Sant'Injazju ta' Antjokja. Hi l-ewwel wild u bint ta' Baskal Attard (ta' Kunċetta) u Maria Dolora mwielda Fenech; l-ewwel minn sebat aħwa. Il-parrini kienu nannuha Ġużepp Attard u nannitha maternali Michelangela Grech. Twieldet fid-dar Nru 22, Trejqet Agius de Soldanis, faċċata tal-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fi Strada Palma.

Sa minn ċkunitha kienet tħossha miġbuda lejn il-ħajja reliġjuża. Hija bdiet it-tħejjija tagħha għal reliġjuża nhar il-15 ta' Diċembru 1964. Ħadet il-Vestizzjoni nhar it-3 ta' Awwissu 1965, il-Professjoni Sempliċi nhar it-3 ta' Awwissu 1967, u l-Professjoni Solenni nhar is-17 ta' Settembru 1972. Fil-grupp tagħha kien hemm Sr Marċellina Tabone, mill-Parroċċa tal-Katidral, li ġiet maqtula fil-Pakistan fl-1997.

Wara l-Professjoni, Sr Pasqualina kienet tagħmel parti mill-komunità fil-Casa Madre sakemm fl-4 ta' Lulju 1979 intbagħtet bħala responsabbli tal-komunità tas-Sorijiet fix-Xagħra, maġenb il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu. Kien imbagħad fil-25 ta' Settembru 1988 li ntbagħtet responsabbli tal-komunità fin-Nadur. Hija qdiet dmirha fin-Nadur sat-23 ta' April 2022, meta għal raġunijiet ta' saħħa u età ġiet ittrasferita għall-Casa Madre fil-Belt Victoria fejn tinsab illum.



Kemm damet Superjura tal-Komunità tan-Nadur, jiġifieri għal 34 sena sħaħ, Sr Pasqualina ħadet ħsieb il-ħtiġijiet kemm materjali u kemm spiritwali tal-kunvent, fost l-oħrajn ir-restawr u t-tibjid mill-ġdid tal-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu. Fi żmienha s-Sorijiet komplew jagħtu s-servizz tagħhom lill-Parroċċa tan-Nadur b'diversi modi, fost l-oħrajn bħala katekisti, letturi, ministri straordinarji tat-tqarbin, kif ukoll fil-ħasil u ħjata ta' paramenti sagri. Kien fiż-żmien li hija kienet responsabbli fin-Nadur li ġie mfakkar iċ-Ċentinarju tal-preżenza tas-Sorijet fin-Nadur u ġie ppubblikat ktieb ta' Mons. Dr Joseph Bezzina biex ifakkar din il-memorja. Fit-13 ta' Novembru 2020, il-Kunsill Lokali tan-Nadur għażel li jonora lil Madre Pasqualina u sħabha s-sorijiet b'*Ġieħ in-Nadur*, okkażjoni li nżammet fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur.

Swor Pasqualina kienet dejjem reliġjuża affabbli, maħbuba u rrispettata xi ftit jew wisq minn kulħadd, li għarfet ukoll terfa' s-salib tal-kundizzjoni iebsa tal-ostreoporożi fis-skiet f'għaqda ma' Ġesù Msallab għal ħafna snin, kundizzjoni li ilha tbati biha sa mis-snin tal-formazzjoni tagħha.

**Nota editorjali:** Dan l-artiklu nkiteb min-neputi ta' Sr. Pasqualina Attard, Dun Geoffrey George Attard. Huwa xieraq li din il-pubblikazzjoni tal-parroċċa tirrikonoxxi u tirringrazzja l-ħidma sfiqa li wettqet Sr. Pasqualina tul tant żmien ta' ħidma flimkien mal-komunità tas-Sorijiet Franġiskani li tinsab fi Triq Madre Ġemma Camilleri fin-Nadur. Filwaqt li nawgurawlha nwegħduha t-talb tagħna.

# M.U.S.E.U.M. SUBIEN San Ġorġ Preca

JOE CAMILLERI

Dun Ġorġ kien iddikjarat beatu (flimkien ma' Adeodata Pisani u Nazju Falzon) fid-9 ta' Ġunju 2001 mill-Papa San Ġwanni Pawlu II fuq il-Fosos il-Furjana…sitt snin qabel kien iddikjarat qaddis. L-interess fuq min ikun ġie bbeatifikat jikber anke minn djoċesijiet barranin. Sentejn wara, fl-2003, Angelo Montanari kien ħareġ ktieb dwar Dun Ġorġ bl-isem 'Coraggio e Profezia. Un pioniere del Vaticano II: il beato Giorgio Preca – Malta 1880 – 1962. Kien ippubblikat minn San Paolo Edizioni taħt il-lista tagħhom ta' Fundaturi u Riformaturi.

Tieħu gost tara lil Dun Ġorġ ammirat minn barranin. Fid-deskrizzjoni li ta f'dan il-ktieb naqraw hekk: 'Min iżur Malta għall-ewwel darba jolqtu l-fatt li kważi fil-parroċċi kollha ta' dan l-arċipelagu jsir it-tagħlim tad-duttrina u l-formazzjoni 365 jum fis-sena jew kważi. Dan il-primat ta' min jgħir għalih huwa dovut prinċiparjament għall-figura eċċezzjonali ta' saċerdot li ftit ilu l-Papa għollieh għad-dinjità tal-artali: Dun Ġorġ Preca, fundatur ta' assoċjazzjoni ta' lajċi ġuvintur u xebbiet li jiddedikaw kompletament ħajjithom għat-tagħlim u formazzjoni, fl-ispazji tax-xogħol ta' kuljum. Figura li hawnhekk qed tiġi ppreżentata lill-Kattoliċi Taljani.'

Tfakkarni f'qassis żagħżugħ Naduri li meta kien jistudja Ruma ma kinux jemmnuh li f'pajjiżu għandu oqsma ta' tagħlim li huma miftuħa s-sena kollha. U wieħed jistaqsi lilu nnifsu, 'Kemm aħna konxji sabiex napprezzaw ix-xogħol ta' Dun Ġorġ u l-għaqda tiegħu?' Kull ħaġa li ssir fl-oqsma tal-Museum hija bl-iskop tat-tagħlim u l-formazzjoni. Tieħu gost tiltaqa' ma' dawk li għaddew mill-qasam fit-tfulija tagħhom u jgħidulek kemm kien żmien sabiħ. Jippruvaw li l-istess esperjenza jgħadduha lil uliedhom billi jagħmlu li jistgħu sabiex ma jtellfuhomx mil-lezzjonijiet tagħhom. U dan ma jgħoddx biss għal dawk li ser jersqu għall-Preċett u l-Griżma tal-Isqof. Anzi! Jalla kull tifel, adolexxent u żagħżugħ jibqa' jattendi almenu sakemm ikollu 16-il sena. Dan kien il-ħsieb ta' Dun Ġorġ. Żgur li ma kienx li jipprepara lit-tfal u l-adolexxenti għas-sagramenti imma li jakkompanjahom saż-żgħożija tagħhom permezz ta' tagħlim sod u formazzjoni sana li tinkorpora fiha attivitajiet lil hemm mill-klassi.

Il-Qasam tagħna jaħseb ukoll fiż-żgħażagħ u l-old boys billi kull l-ewwel Sibt tax-xahar jistedinhom għal-laqgħa tagħhom. Laqgħa li tiswielhom għall-ħajja għax tippreparahom għall-isfidi tagħha. Stedina li tasal fid-djar tal-ġuvintur u l-old boys Nadurin permezz tal-fuljett mensili Il-Ħbieb Isejħu. Jalla jkun hemm iktar min jaċċettaha din l-istedina.

Għalhekk għeżież ejja kull wieħed u waħda minna – speċjalment dawk il-ġenituri li għandhom uliedhom fl-iskejjel Primarji u Sekondarji – jinkoraġġixxu lit-tfal, adolexxenti u żgħażagħ sabiex ma jitilfux din l-okkażjoni ta' ġid. Qegħdin fil-bidu tas-Sajf u ġa bdejna bl-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan iż-żmien sabiħ. Barra minn hekk qed inħejju għall-Ġimgħa Museumina li din is-sena ser issir bejn is-Sibt 5 u l-Ġimgħa 11 ta' Awwissu. Il-programm jitqassam lejn il-bidu ta' Awwissu fil-fuljett tal-Benefatturi.

B'dan il-mod inkunu qed naċċettaw profeta f'pajjiżu. Inkunu qed napprezzaw ix-xogħol li beda Dun Ġorġ 116-il sena ilu u llum isir permezz tas-Soċjetà tiegħu tal-Museum.





# M.U.S.E.U.M. BNIET

## SUPERJURA U KATEKISTI

Għall-grazzja t'Alla issa ssetiljajna mhux ħażin fil-qasam il-ġdid. It-tfal u l-adolexxenti mhux biss jiġu għat-tagħlim, imma jiġu kmieni sabiex jilagħbu fil-bitħa u dawk li jattendu jiġu għal qalbhom. Imma jiddispjaċina li hemm oħrajn li mhux qed jattendu regolari għat-tagħlim. Nixtiequ nagħmlu appell lil dawn il-ġenituri konċernati sabiex ma jċaħħdux lil uliedhom mit-tagħlim Nisrani għax dan jiswielhom għall-futur tagħhom. Kulma għandhom żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa. Il-fundatur tagħna San Ġorġ Preca kien jgħid: "Għix biex titgħallem u tgħallem biex tgħix" u wkoll: "Hija ħaġa neċessarja li inti titgħallem il-kliem tal-ħajja ta' dejjem."

Xieraq li nwasslu l-fidi lil uliedna billi:
- Immorru magħhom il-knisja;
- Nitolbu flimkien bħala familja. Bħalma huma: it-talb filgħodu; qabel u wara l-ikel; qabel ma jorqdu; u meta joħorġu bil-karozza. Anke meta jkun hemm xi problema fil-familja, ejjew induru lejn it-tfal u ngħidulhom: "Ejjew ngħidu talba flimkien biex il-Mulej jgħinna." It-tfal mhux biss iħarsu lejn il-ġenituri, imma jimitawhom f'kollox, fit-tajjeb u fil-ħażin.
- Indarru lit-tfal jgħinu lill-oħrajn li huma inqas ixxurtjati minnhom;
- Noqogħdu attenti kif nitkellmu quddiemhom speċjalment meta nkunu maħkumin mir-rabja. San Ġorġ Preca jgħidilna: "Iż-żewġ imqadef tan-Nisrani għandhom ikunu s-silenzju u l-paċenzja."

Dawn il-kwalitajiet sbieħ kollha jkunu qed jixorbuhom uliedkom.

Nixtieq naqsam magħkom xi ħsibijiet tal-Papa Franġisku li kien għamel fil-festa tas-Sagra Familja fis-27 ta' Diċembru, 2020.
"Fil-familja hemm tliet kelmiet li hemm bżonn ngħożżu dejjem: NISTA', GRAZZI u SKUŻANI" Ikompli jgħid:
"NISTA' – biex ma nkunux invadenti fil-ħajja tal-oħrajn;
GRAZZI – il-gratitudni hija d-demm ta' qalb nobbli;
SKUŻANI – l-aktar waħda diffiċli. Għax aħna dejjem nagħmlu affarijiet koroh xi kultant xi ħadd iħossu offiż b'li nkunu għamilna."

## X'GĦADDA MINN GĦALINA

Matul is-sena kellna xi attivitajiet kemm għat-tfal kif ukoll għall-adolexxenti li attendew. Fis-sajf il-qasam jibqa' miftuħ u għal dawk li attendew organizzajna *pizza party* u attivitajiet oħra. Morna ħarġa f'Malta fejn żorna postijiet ta' interess kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Fuq kollox, żjara fuq il-kripta tal-fundatur, San Ġorġ Preca ma tonqos qatt.

F'Settembru Dun Ruben Micallef qaddsilna quddiesa ad unur ta' San Mikiel, din id-darba fil-qasam u mhux fil-knisja bħas-soltu. L-attendenza tad-devoti ta' San Mikiel kienet tajba u anke dik tat-tfal u adolexxenti.

Din id-darba, il-kunċert tal-Milied kien b'differenza għaliex għamilnieh fil-qasam u mhux fis-sala parrokkjali, kulħadd flimkien. Imma kull klassi ppreżentat l-*item* tagħha fil-ġurnata stabilita tagħha u dan sar matul in-novena. Hekk ma ħadniex fit-tul u l-ġenituri setgħu jaraw lil uliedhom jieħdu sehem wisq aħjar. Il-konkorrenza tal-ġenituri kienet tajba ħafna. Wara kull ġurnata tellajna rigal għall-ġenituri.



Il-premjazzjoni tar-rigali tal-Milied saret fil-20 ta' Diċembru, 2022 u l-festin tal-Milied ġie organizzat fis-sala parrokkjali fis-27 ta' Diċembru, 2022. Fil-vaganzi tal-Milied, jiġifieri fil-5 ta' Jannar, 2023 organizzajna ħarġa oħra għal Malta għal dawk li kienu jattendu.

Nirringrazzjaw 'l Alla li pprovdielna qasam adekwat għalkemm għad fadal xi xogħol li għad irid isir. Qed nirreferu għall-bibien ta' ġewwa ta' xi klassijiet u l-palk fis-sala. Il-palk ser ikun iffinanzjat mill-Kunsill Lokali, grazzi lis-Sindku u lill-kunsilliera li dejjem għinuna kull meta tlabniehom. Aħna kuljum nitolbu għall-benefatturi tagħna u rigward il-finanzi dejjem nafdaw fil-providenza t'Alla li dejjem jinqeda b'benefatturi ġenerużi li jagħtu s-sehem tagħhom. Is-Sinjur Alla jħallashom kif jaf Hu.

Nieħdu din l-opportunità biex nawguraw lin-Nadurin kollha l-festa t-tajba u qaddisa mmexiha fuq l-eżempji sbieħ tal-patruni tagħna, San Pietru u San Pawl.

# L-Iskola Primarja tan-Nadur

MARK AZZOPARDI

Din is-sena skolastika 2022-2023 ġabet ħafna tibdiliet magħha. Ibda biex matul ix-xhur tas-sajf beda x-xogħol tant mistenni u bżonnjuż fuq refurbishment tal-iskola tagħna. Fix-xhur tas-sajf twaqqa' s-saqaf tat-tieni sular u sar saqaf ġdid. Nofs il-binja tal-iskola kellha tingħalaq għaliex spiċċat bħala sit ta' kostruzzjoni. Dan sar biex sakemm parti mill-iskola tibqa' tintuża mill-istaff u l-istudenti, fil-parti l-oħra jibqa' għaddej ix-xogħol fuq il-klassijiet u l-kurituri ħalli malli dawn jitlestew, l-istudenti jkunu jistgħu jiċċaqalqu għall-parti li tkun lesta mix-xogħlijiet. Anke l-bitħa interna kellha tingħalaq parti minnha sabiex jiffaċilita lill-ħaddiema billi jkollhom spazji biżżejjed fejn jitqegħdu l-inġenji u l-materjal tal-bini. Dan ġab bosta limitazzjonijiet kemm bħala daqs u kemm bħala użu biżżejjed ta' kmamar sabiex l-iskola tkun tista' tibqa' taħdem b'mod normali. Però, fuq nota pożittiva, l-iskola baqgħet tiffunzjona mill-aħjar li setgħet bl-istudenti tagħna jibqgħu jattendu t-tagħlim fir-raħal tagħhom u mhux jintbagħtu band' oħra.

Kellna wkoll bidla fl-amministrazzjoni tal-iskola. Minn hawn nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil Ms. Anita Sciberras (Kap tal-iskola), Ms Maria Grima u Ms Julie Farrugia (Assistenti Kapijiet) li servew f'din l-iskola għal numru ta' snin u dejjem ħadmu biex jogħllu l-livell tat-tagħlim fl-iskola tagħna. Fl-istess waqt ilqajna fostna lil Ms Mary Jane Camilleri (Kap tal-iskola) kif ukoll lil Ms Christabelle Camilleri u Ms Marica Sultana (Assistenti Kapijiet tal-iskola) li mill-ewwel intefgħu bl-entużjażmu kollu fil-ħidma tagħhom fi żmien ta' taqlib u limitazzjonijiet minħabba x-xogħol li għaddej bħalissa fuq il-bini tal-iskola.

Għalkemm din is-sena kellna ngħaddu mingħajr is-sala tal-iskola għaliex inqasmet f'żewġ klassijiet xorta fittixna li nsibu rimedju għal dan in-nuqqas. Għalhekk għall-quddiesa tax-xahar konna nitilgħu l-Knisja biex flimkien niċċelebraw il-Quddiesa. Dan sar lejn l-aħħar ta' Ottubru, fi żmien in-novena tal-Milied, kif ukoll fil-jiem qrib il-Ġimgħa l-Kbira. Biex infakkru d-90 sena mill-ftuħ tal-Iskola Primarja fi Triq it-Tiġrija stedinna wkoll lill-ex-għalliema għall-quddiesa ta' Ottubru fejn ħadna wkoll ritratt ta' tifkira. Kellna wkoll okkażjonijiet oħra li fihom tlajna sal-Knisja u żorna wirja fuq il-Beatu Carlo Acutis, wirja tal-Presepji qrib il-Milied u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dakinhar żorna wkoll iċ-Ċena tas-Sinjur fil-Museum tas-Subien u wirja oħra ta' statwi relatati mal-Ġimgħa l-Kbira fi Triq Diċembru 13.



Okkażjoni sabiħa oħra kienet li erġajna tellajna l-Kunċert tal-Milied quddiem il-ġenituri u ħbieb oħra, din id-darba fit-Teatru MBC. F'din il-produzzjoni ħadu sehem l-istudenti kollha tal-iskola li ħadmu flimkien mal-għalliema tagħna u ma' Ms Mariella Cefai, li f'idejha kienet din il-produzzjoni. Nieħdu l-okkażjoni biex mill-ġdid nirringrazzjaw lill-President u lill-Kumitat tal-Banda Mnarja Nadur li selfulna s-sala biex stajna tellajna din il-produzzjoni. Bħas-snin ta' qabel inżammu bosta attivitajiet marbuta mal-Milied fl-iskola u qabel ma t-tfal skolaw għall-btajjel tal-Milied organizzajna wkoll il-festin tal-Milied f'kull klassi.



Din is-sena tajna wkoll spinta lejn it-tagħlim barra mill-erba' ħitan tal-klassi. Dan kien possibbli issa li ħriġna minn perjodu fejn dawn ma kinux permessi jew limitati minħabba l-miżuri tas-saħħa li kienu għadhom fis-seħħ. Saru ħarġiet għall-klassijiet kollha, kemm għal dawk tal-kindergarten kif ukoll għall-klassijiet mill-ewwel sas-sitt sena. Fost oħrajn żorna ċ-Ċittadella, il-Farm tax-Xewkija, l-Mitħna tax-Xewkija, u ħarġiet fil-widien marbuta mal-kampanja Let's Talk Farming li ttellgħet fuq bażi nazzjonali. Kellna Maths Trails u Mathracy events li huma attivitajiet marbuta mal-matematika f'diversi postijiet f'Għawdex fosthom il-Villa Rundle, it-Teatri Aurora u Astra. Qsamna wkoll il-fliegu fejn l-istudenti tal-klassijiet il-kbar żaru l-Belt Valletta u l-Birgu. Żjara interessanti ħafna kienet dik li attendew għaliha l-istudenti tal-Ħames u s-Sitt Sena fil-Berġa ta' Kastilja fuq stedina personali tal-Prim Ministru Robert Abela. Meta huwa żar l-iskola fil-bidu ta' Marzu biex jara l-progress fuq ix-xogħol li għaddej bħalissa, wassal din l-istedina lit-tfal wara li waħda mill-istudenti tas-sitt sena kitbitlu ittra fejn urietu din ix-xewqa. L-istudenti tagħna marru ppreparati u barra li ngħataw stampa ta' kif tiffunzjona l-amministrazzjoni leġiżlattiva huma setgħu wkoll jistaqsu lill-Prim Ministru mistoqsijiet ta' kurżità li riedu huma. Wara ngħataw tour tal-bini li llum iservi bħala l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-post fejn jiltaqa' l-kabinett tal-ministri.



Bla dubju kellna wkoll bosta żjajjar oħra minn għaqdiet u organizzazzjonijiet oħra kemm dawk edukattivi kif ukoll kulturali li jaħdmu fil-qasam tat-tfal li huwa impossibli li ssemmihom kollha, imma nixtieq insemmi fost oħrajn lil Puttinu Cares, li minbarra ġabra ta' karità li għamilna fl-iskola tagħna, organizzaw għall-iskejjel kollha t'Għawdex Quddiesa Ta' Pinu u wara 'Breakfast with Santa' fi żmien il-Milied. Żarna wkoll Fr. Raymond Portelli, 'old boy' tal-iskola tagħna fejn ilu għal dawn l-aħħar 26 sena missjunarju fil-Perù. Saret ġabra mill-istaff u l-istudenti fejn inġabret is-somma sabiħa ta' kważi €1800. Kellna wkoll żjara mill-Plejers u d-diriġenti tan-Nadur Youngsters Football Club fejn fl-okkażjoni tar-rebħ tal-kampjonat tal-First Division t'Għawdex ġabu t-tazzi u t-trofej kollha li ntrebħu matul din is-sena u ħolqu wkoll sessjonijiet ta' taħriġ lit-tfal tagħna.



Issa li resqin lejn tmiem din is-sena skolastika, fejn it-tfal tal-klassijiet il-kbar jersqu għall-eżamijiet annwali tagħhom qabel jibdew il-vaganzi tas-Sajf, inħarsu lura lejn sena impenjattiva imma fl-istess ħin miżgħuda b'esperjenzi u attivitajiet sbieħ. Bl-istess entużjażmu nħarsu 'l quddiem biex fi ftit xhur oħra nidħlu lura fi skola moderna u attrezzata għaż-żminijiet tal-lum, post li tassew jixraq lill-istaff u l-istudenti tagħna. Fl-aħħar nett nieħu l-okkażjoni sabiex nawgura l-festa t-tajba lill-qarrejja kollha tar-rivista Luminarja.

# IL-BANDA MNARJA

JAMES BUTTIGIEG

Għeżież Nadurin, insellmulkom.

Wara l-pandemija s-Soċjetà Filarmonika Mnarja reġgħet ħadet ir-ruħ u bil-mod il-mod bdejna niġu lura għan-normal. Għadna ma lħaqniex il-livelli ta' fundraising li kellna qabel, imma biż-żmien qed nerġgħu nibnu b'nies ġodda u attivitajiet ġodda. Il-bottegin tal-każin qed ikollu attendenza tajba wkoll. Nistgħu ngħidu li l-każin qed jerġa' jiffjorixxi kif nixtiquh aħna bħala kumitat.

Din is-sena kellna għadd ta' attivitajiet fit-Teatru MBC li varjaw minn kunċerti tal-Banda Mnarja għal show fil-Milied u żewġ attivitajiet umoristiċi. Ospitajna wkoll l-Kunċert tal-Milied tal-Iskola Primarja tan-Nadur. F'dawn l-attivitajiet ħadna gost naraw it-teatru mimli daqs bajda. Grazzi tal-attendenza tagħkom. Din is-sena tellajna wkoll b'suċċess kunċert ta' żmien l-Għid fil-Bażilika tagħna. Kien kunċert b'mużika klassika u ake kien imżewwaq b'żewġ poeżiji u anke ħsieb qasir mill-Arċipriet.

Din is-sena l-parteċipazzjoni tagħna għal servizz ta' marċi kienet qrib in-normal. Il-Banda ħadet sehem fil-festa ta' San Koronatu u anke tellajna kunċert lejlet il-festa ta' San Koronatu. Ħadna sehem fil-purċissjoni tal-Milied li jorganizzaw il-membri tal-Museum tas-Subien tan-Nadur. Ħadna sehem ukoll fl-attività tal-Milied organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur. Il-Banda Mnarja ipparteċipat ukoll fil-Karnival Reġjonali tar-Rabat Għawdex kif ukoll f'dak organizzat mill-Kunsill Lokali tan-Nadur. Il-Banda ħarġet bl-unuri kollha u kien hemm attendenza tajba mill-bandisti tal-post, fatt li jawgura tajjeb għaż-żmien li ġej. F'kull okkażjoni l-Banda kienet armata sew u kollox mar sewwa u ħarġet bl-unuri kollha. Il-Banda Mnarja qed tipprepara bi sħiħ għall-festa ta' San Pietru u San Pawl f'Ġunju li ġej. Din is-sena l-preparamenti kellhom isiru f'qasir żmien u kollox bl-għaġla u anke b'nuqqas ta' fondi.

Il-kunċert annwali Big Band Adventures li jsir fil-pjazza ser isir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju. Il-Banda qed tipprepara qatigħ għal dan il-kunċert li ser isir f'qasir żmien. Il-kunċerti għal dan il-programm bdew f'Mejju meta s-soltu jibdew isiru minn Ottubru tas-sena ta' qabel. Però fiduċjużi li dan jirnexxi wkoll. Dan il-kunċert ser isir bl-għajnuna qawwija mill-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll minn entitajiet oħra bħal J. Portelli Projects, Karkanja Property Development u l-Kunsill Lokali tan-Nadur.

Il-kumitat għamel li seta' biex ikompli t-tagħlim tal-aljievi b'mezzi elettroniċi imma kienet ferm aktar diffiċli u inqas effettiva. Il-fatt li ma tiltaqax kien ferm diffiċli u tellef ħafna mill-effett tat-tagħlim. Anke l-fatt li l-inċentiv li l-aljievi joħorġu jdoqqu mal-Banda spiċċa sar aktar diffiċli biex timmotivahom. Minn hawn nixtieqū nirringrazzjaw lill-aljievi tal-impenn u l-perseveranza biex komplew jitgħallmu f'ambjent daqshekk diffiċli. Grazzi wkoll lill-ġenituri tal-aljievi tal-ħidma tagħhom f'dan ir-rigward.



Matul is-sena organizzajna diversi attivitajiet bħal ġiti Malta u anke mawriet fi Sqallija. Il-fundraising ma qata' xejn sajf u xitwa biex inkunu nistgħu nsostnu l-operat tal-Banda tagħna. It-tombli ta' nhar ta' Ħadd u ta' matul il-ġimgħa huma sors importanti ta' finanzjar. Il-kirjiet tal-antennas, tal-bar u tal-lottu huma sors ieħor ta' dħul li mingħajru l-każin fi żmien il-pandemija kien imut. L-attendenza għall-attivitajiet tal-fundraising żdiedet minn Jannar ta' din is-sena u nisperaw li l-attendenza għalihom tkompli tiżdied biex inkunu f'pożizzjoni aktar komda biex norganizzaw il-festa. Il-futur tal-Banda Mnarja jinsab f'idejkom. Dan il-għaliex il-Banda tiddependi mill-bandisti u għalhekk it-tagħlim tal-mużika jibqa' prijorità. Minn din il-paġna dejjem inħeġġu biex aktar persuni jitħajru jitgħallmu l-mużika u jagħtu s-sehem tagħhom lill-Banda tagħna bħala mużiċisti biex b'hekk il-Banda Mnarja tkun tista' tagħti s-servizz tagħha b'mod vijabbli.

Minn din il-paġna nawguraw l-Festa t-tajba lin-Nadurin kollha.



# L-GĦAQDA ABBATINI NADUR

SAVIOUR PORTELLI

L-Għaqda Abbatini Nadur tista' tgħid li tkun impenjata s-sena kollha. Bħalissa għaddejja bil-preparamenti għall-festa ta' San Pietru u San Pawl li tiftaħ bil-ħruġ tal-istatwa min-niċċa, tkompli bin-novena u mbagħad tagħlaq bil-purċissjoni. Infatti, għal dawn l-okkażjonijiet speċjali jsiru laqgħat u provi peress li ċertu servizzi jieħdu xejra differenti minn tas-soltu. Wara l-festa jibdew il-vaganzi tas-sajf fejn f'dan il-perjodu l-abbatini tagħna jkunu jistgħu jieqfu ftit mill-festi li tiċċelebra l-knisja kattolika.

Għalhekk f'dawn il-jiem tas-sajf nieħdu l-opportunità li norganizzaw ħarġiet, ikliet, BBQ's, boat rides u anke xi logħba futbol kontra gruppi ta' abbatini minn barra r-raħal. Grazzi lill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri u lill-Kan. Reuben Micallef li jorganizzaw dawn l-attivitajiet.

Imbagħad, hekk kif joqrob Novembru, inkunu qed naħsbu għall-festa sekondarja tal-parroċċa għad unur San Koronatu, li tibda bit-tridu fejn ikun hemm ukoll servizzi speċjali sa nhar il-festa. F'Diċembru mbagħad ikollna n-novena tal-Milied u l-quddiesa solenni tal-Milied (ta' nofsillejl). Biex imbagħad, ġimgħa wara, il-parroċċa tagħna tkun qed tiċċelebra l-Kwaranturi fejn għal darb'oħra l-abbatini tagħna jkunu impenjati fis-servizz tagħhom. Tul il-vaganzi tal-Milied isiru ħafna attivitajiet u ħarġiet, fejn waħda mill-attivitajiet tkun dik li mmorru nżuru l-presepji madwar Għawdex.

Wara li jgħaddu l-festi tal-Milied, il-qofol imbagħad ikun fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa fejn nibdew minn Ħadd il-Palm u nispiċċaw bl-akbar festa tal-Knisja, l-Għid il-Kbir. Din tkun l-iktar ġimgħa impenjattiva fejn is-servizz ikun differenti minn tas-soltu u aktar elaborat. Tul dan iż-żmien, apparti l-provi li jsiru, il-grupp tal-abbatini jkollu laqgħat u rtiri speċjali. Dan biex jgħin lill-abbatini jiffurmaw lilhom infushom b'mod spiritwali.

Barra dawn il-festi, l-abbatini jkunu għaddejjin bil-quddies tal-Ħadd u quddies ieħor kantat. Jieħdu ħsieb ukoll li jagħtu servizz waqt il-funerali fil-parroċċa.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lil sħabi l-abbatini preżenti tas-servizz li jagħtu matul is-sena kollha kif ukoll inħeġġeġ lil dawk li jixtiequ jingħaqdu mal-grupp tal-abbatini sabiex ikellmu lill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri jew lill-Kan. Reuben Micallef.



NTYC
NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

# Iċ-Ċentru, xi jfisser għalija?

Waqt it-tberik tal-familji wara l-Għid, kelli x-xorti niltaqa' ma' xi wħud li bħali għandhom għal qalbhom il-ħidma maż-żgħażagħ u l-adolexxenti. U tiskanta kif jgħaddi kemm jgħaddi żmien, it-tajjeb li jkun inżera' f'qalbna minn xi ħadd ieħor fiż-żgħożija tagħna, ma jintilef qatt.

U fost l-oħrajn iltqajt ma' wħud li rrakkontawli kemm fil-passat sabu appoġġ minn persuni li ispirawhom u li 'l quddiem, anke indirettament, għinuhom jagħmlu għażliet importanti f'ħajjithom.

Jiena wkoll, għalkemm ġej minn kuntest ieħor, fit-trobbija tiegħi u anke f'żgħożiti sibt min jispirani u jħeġġiġni biex illum jien ukoll qed nagħti ħini għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ. U din il-katina sabiħa għandha tibqa' għaddejja minn ġenerazzjoni għal oħra.

Iż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna, nibqa' dejjem ngħid, li huma verament fortunati li sabu parroċċa li taħseb fihom u tipprovdilhom post biex fih ikunu jistgħu jgħaddu l-ħin ta' rikreazzjoni tagħhom, jitgħallmu u jipprattikaw xi talent, filwaqt li jisimgħu tagħlim fuq il-ħajja ta' Kristu.

**Però fil-verità, iċ-Ċentru xi jfisser għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna?**



*Martha Scerri*

"Għalija, iċ-Ċentru huwa familja 'l barra mid-dar u ngħaqqadna minħabba żewġ skopijiet: il-ġibda li nsiru eqreb lejn Alla, u li nsibu post fejn inħossu sens ta' belongingness. Huwa l-post fejn niltaqgħu ta' spiss biex nitgħallmu, nidħku xi daħka, nippruvaw nkunu ta' għajnuna għal żgħażagħ oħra u l-komunità, nitolbu, nsajru, u kultant nillatikaw ukoll! Iċ-Ċentru tani esperjenzi li ma ninsa qatt, u ħbiberiji li kibru. Fuq kollox, kien ukoll il-post fejn bdejt mixja ta' spiritwalità li kibret u għadha tevolvi."



## Jason Attard

"Iċ-Ċentru tan-Nadur mhuwiex biss binja fejn aħna ż-żagħażagħ immorru biex ngħaddu siegħa għax ma jkollniex x'nagħmlu, imma hu post fejn kull persuna tħossha importanti. Huwa post mimli ħajja żagħżugħa fejn norganizzaw diversi attivitajiet. Xi wħud minnhom biex ngħinu lil ħaddieħor bħal meta nżuru lill-anzjani, niġbru flus għall-foqra u għal min għandu bżonn. Iċ-Ċentru huwa wkoll post fejn aħna nikbru; nikbru bħala individwi kemm soċjalment kif ukoll spiritwalment. Dan nagħmluh meta mmorru ħarġiet u rtiri jew niltaqgħu fi prayer groups. Personalment iċ-Ċentru nqisu bħala t-tieni dar tiegħi. Huwa l-post fejn inħossni "at home" ma' sħabi f'ambjent tajjeb u sikur. Żgur li hawn qed noħloq uħud mill-isbaħ memorji u esperjenzi li se ngħaddi minnhom f'ħajti. Grazzi kbira lill-animaturi u lill-helpers li jagħmlu dan kollu possibbli.



## Shazney Attard

"Ħafna xħin jisimgħu biċ-Ċentru forsi jaħsbu f'xi lezzjoni 'boring', però ċ-Ċentru huwa ferm aktar minn hekk. Ilni nattendi ċ-Ċentru għal dawn l-aħħar ħames snin u nista' ngħid li għinni ħafna niżviluppa l-karattru tiegħi. Grazzi għaċ-Ċentru taż-żgħażagħ irnexxieli niltaqa' ma' diversi persuni ġodda u b'hekk inkabbar iċ-ċirku ta' ħbieb tiegħi. Iċ-Ċentru jagħtini l-opportunità li nieħu sehem f'diversi attivitajiet, fosthom attivitajiet ta' fundraising kif ukoll xi korejografija taż-żfin, li minnhom nitgħallem. Jagħtini wkoll iċ-ċans li ngħin fl-organizzazzjoni li għinitni ħafna biex inkun iktar responsabbli u kunfidenti. Għalija ċ-Ċentru huwa post mimli ferħ u għaqda fejn jinħolqu memorji sbieħ u fejn ikolli ċans nesprimi ruħi u l-ideat tiegħi."



## Katelyn Haber

"Għalija ċ-Ċentru hu post fejn jien, flimkien ma' sħabi, nitgħallem u inkompli insaħħaħ il-fidi tiegħi filwaqt li nieħu gost. Li jogħġobni miċ-Ċentru hu li nitgħallmu dwar il-fidi tagħna b'mod aktar modern u adattat għall-età tagħna. Pereżempju jkollna ħarġiet Ta' Pinu, iċ-Ċittadella, xi rtir u anke saħansitra camping. Però l-aktar ħaġa importanti għalija hija li ċ-Ċentru jgħaqqadna flimkien. Permezz tal-laqgħat u tal-ħarġiet li jkollna, inqattgħu aktar ħin flimkien u nitgħallmu nikkoperaw flimkien. Fl-aħħar mill-aħħar inkunu qed nikbru fil-fidi u noħolqu memorji sbieħ flimkien fl-istess ħin!"

Kif rajtu, iċ-Ċentru jfisser ħafna għal dawk li jattendu. Inħeġġukom tkomplu titolbu: sabiex aktar adolexxenti u żgħażagħ jkomplu jingħaqdu magħna biex b'xi mod jew ieħor jiltaqgħu ma' Ġesù; sabiex kull wieħed u waħda minnhom jagħrfu l-vokazzjoni tagħkom; u sabiex aktar żgħażagħ u adulti jagħtu ħinhom għal din il-pastorali. U fl-aħħar u mhux l-inqas, grazzi lill-benefatturi li jgħinunha finanzjarjament u bit-talb spiritwalment.

Fr Mark Bonello





# STAĠUN MEMORABBLI *fuq quddiem nett*

CHARLIE GRECH

L-istaġun 2022-2023 ser jibqa' mfakkar għal diversi raġunijiet, fosthom li Nadur Youngsters rebħu t-tliet kompetizzjonijiet maġġuri għat-tieni staġun konsekuttiv, imma l-aktar għax bir-rebħ tal-14-il kampjonat, in-Nadur telgħu fil-quċċata tal-klassifika għal timijiet li rebħu l-kampjonati. Dan filwaqt li saħħew posthom fil-quċċata ta' l-aktar team li rebaħ unuri f'Għawdex, 63 b'kollox. Ukoll it-team tan-Nursery bl-isem Nadur/Qala rebaħ kemm-il Kampjonat kif ukoll in-KO. Tajjeb insemmu wkoll li l-iskola Primarja tan-Nadur (Gozo College Dun Salv Vella) rebħu l-College Football tournament. Nifirħulhom.

Il-Kumitat kien kompost minn Tristen Portelli - President; Edgar Portelli - Viċi President u PRO; Jean Pierre Saliba - Segretarju; Derek Borg - Kaxxier; Renald Xuereb - Ass. Kaxxier; Mario Pace u Joseph Said - Kit Managers; Joseph Portelli Xuereb - Nursery u Ground Manager; Franco Borg - Ass. Nursery u Ground Manager; Rupert Grech, Paul Azzopardi u Mario Mercieca - Event Managers; Dr. Chris Said - Rappreżentant Legali; Dr. Mario Saliba - Tabib tal-Club; Dun Karm Portelli - Direttur Spiritwali; u Buttigieg Accountants - Accountants tal-Club.
Il-65 staġun ta' Nadur Yongsters beda l-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2022 bil-Final tas-Super Cup kontra Għajnsielem. It-team Naduri kien differenti minn dak tal-aħħar staġun u dan deher fil-ground. Għajnsielem fetħu l-iskor fit-2 minuta minn Patrick dos Santos Cruz, u fil-25 minuta Joseph Zammit kiseb id-draw għal Nadur. Daniel Farrugia reġa' poġġa lill-Blacks fil-vantaġġ ma' tmiem l-ewwel taqsima u Santos Cruz minn penalty kabbar il-vantaġġ. Auto goal minn Adrian Parnis, issikkat minn Barbosa, daħħal lil Youngsters fil-partita. Nadur tefgħu kollox fuq l-attakk, imma kien Shaun Attard, 3 minuti fil-ħin miżjud, li ta t-tazza lil Għajnsielem.

Iċ-Champions bdew id-difiża tagħhom tal-kampjonat b'partita missielta kontra Victoria Hotspurs fil-11 ta' Settembru. It-team Naduri deher aktar avventuruż u fis-26 minuta Igor Nedejkovic fetaħ l-iskor, bl-uniku goal fl-ewwel taqsima. Fil-50 minuta Olimpio Gabriel Fernandes kiseb id-draw imma 2 minuti biss wara reġa' kien Nedeljkovic li skorja għal Nadur. Elton Aleksandre da Silva reġa' kiseb id-draw għar-Rabtin fis-56 minuta. B'Nadur fuq l-attakk, huma ngħataw penalty għal foul fuq Nedeljkovic li minnu Marcelo Junior Barbosa ta vantaġġ lill-Youngsters. Fit-78 minuta, daqqa ta' ras ta' Lucas Baretto da Silva ħabtet mal-mimduda u Oliver Cremona kkommetta auto goal f'attentat biex jikklerja. Da Silva reġa' naqqas il-marġini tal-iskor 4 minuti fil-ħin miżjud u 2 minuti wara Barbosa f'kontra attakk veloċi għamel l-iskor finali 5-3 għal Nadur.

It-tieni partita kienet kontra Oratory Youths fis-16 ta' Settembru, fejn Nadur Youngsters kellhom jitħabtu aktar milli mistenni biex kisbu t-tliet punti. Nadur ħadu kmand tal-logħba mill-ewwel suffara imma sabu lid-difiża tal-Youths attenta u meta nqabżet il-goalkeeper Brignoli wettaq saves tajbin. Għalkemm b'dominanza assoluta, il-Youngsters sabu l-goal tal-vantaġġ fil-71 minuta minn Joseph Zammit u 3 minuti wara kien Marcelo Junior Barbosa li għamel ċert mit-tliet punti, b'xutt minn barra l-kaxxa.

Iż-żewġ timijiet f'ras il-klassifika, Nadur Youngsters u Għajnsielem, iltaqgħu fit-tielet logħba fil-21 ta' Settembru. Nadur kienu determinati biex ipattu għat-telfa kontra Għajnsielem aktar qabel u ħarġu aktar aggressivi, iddominaw l-ewwel taqsima, fejn skurjaw darbtejn, u ma tawx ċans lil Blacks jidħlu fil-logħba. Wara 15-il-minuta, Marcelo Junior Barbosa rebaħ ballun fid-difiża u b'azzjoni sabiħa poġġa lil Youngsters fil-vantaġġ. Azzjoni tajba bejn Barbosa u Igor Nedeljkovic, b'xutt qawwi sammar fis-saqaf tax-xibka għal 2-0. Nadur reġgħu fetħu bil-kbir fit-tieni taqsima u wara biss 23 sekonda kisbu t-tielet goal. Nedeljkovic daħal fil-kaxxa u għadda l-ballun lill-iżmarkat Barbosa li ma kellux diffikultà jitfa' ġewwa. Hawn il-Youngsters naqqsu xi ftit ir-ritmu u Għajnsielem daħlu aktar fil-logħba, u fil-71 minuta, Claudio Henrique da Silva Barbosa kiseb il-goal ta' konsolazzjoni.

Fir-4 ġurnata, 25 ta' Settembru, il-Youngsters kienu sorpriżi minn Xewkija Tigers, li għarfu jiddefendu b'kull mod, tant li Nadur, għalkemm fil-kontroll tal-partita, dehru xi ftit nervużi. Intant Xewkija fetħu l-iskor fit-23 minuta minn Rodney Buttigieg, vantaġġ li rnexxielhom iżommuh sat-tmiem.

It-team rivelazzjoni Qala Saints, kienu l-avversarji ta' Nadur fil-5 ġurnata, fit-2 ta' Ottubru. Partita missielta li però Nadur sabu l-ewwel goal b'xutt mill-bogħod ta' Lucas Baretto da Silva fis-37 minuta. Fid-79 minuta kien xutt ieħor mill-bogħod ta' Gennaro Hili li għamilhom 2-0.

Fid-9 ta' Ottubru, Nadur iltaqgħu kontra Kerċem Ajax, fejn il-partita spiċċat 0-0. Logħba fejn rajna liż-żewġ difiżi jikkontrollaw lill-attakkanti biex kien riżultat ġust.

L-aħħar logħba tal-ewwel round, fl-14 ta' Ottubru, spiċċat b'rebħa fuq Sannat Lions 2-1. Żewġ goals fl-ewwel taqsima minn Marcelo Junior Barbosa 33' u Predrag Pedja Djordjevic 36', kienu biżżejjed biex il-goal ta' Camilo Andres Sanchez Gonzales 61' ma kellux effett fuq ir-riżultat. Nadur spiċċaw fl-ewwel post. 2 punti vantaġġ fuq Qala Saints.

Hawn kien imiss li l-logħob imur fil-Kerċem Arkafort Stadium, sabiex isiru l-partiti tan-KO's. Bdejna fit-30 ta' Ottubru, partita tal-kwarti finali tan-KO tal-ewwel diviżjoni kontra Kerċem Ajax, rebħa faċli ta' 3-0 b'goals minn Gustavo Dourado Ferreira 14', Gabriel Farrugia 58', Lucas Baretto Da Silva 62'. Fit-13 ta' Novembru fil-kwarti tal-finali tat-tazza GFA rebħa oħra bla storja kontra Munxar Falcons ta' 4-0, bil-goals jaslu minn Joseph Xerri 12', Predrag Pedja Djordjevic 27', Neil Mifsud 58', Gabriel Farrugia 74'. Imbagħad fid-19 ta' Novembru konna impenjati fir-round preliminarju għall-FA Trophy tal-MFA kontra Vittoriosa Stars. Hawnhekk kellna xalata ta' 7-1. Għal Nadur skurjaw Igor Nedeljkovic 2', 7', 44', Gustavo Dourado Ferreira 14', 34', 53', Predrag Pedja Djordjevic 36', waqt li penalty minn Mauricio Osmar Britto Rodrigues fl-84 minuta kiseb il-goal tal-Bandiera għat team mill-Isla.

Fl-10 ta' Diċembru irritornajna lejn il-Gozo Stadium għat-tieni round tal-kampjonat. Bdejna kontra Victoria Hotspurs fejn Nadur Youngsters kisbu rebħa ta' 3-0. Bidu tajjeb mir-Rabtin fejn kien Sultana li żammhom milli jiftħu l-iskor fi 3 attentati sakemm fil-35 minuta kien Joseph Xerri li skorja għall-Youngsters minn pass tajjeb ta' Barbosa. Tmien minuti wara, id-difensur Manwel Tabone bir-ras skorja l-ewwel goal tiegħu bil-flokk ta' Nadur. Erba' minuti mit-tmiem Marcelo Junior Barbosa għamilhom 3-0.

Is-Sibt 17 ta' Diċembru, Nadur messhom kontra Oratory Youths, team li kien fl-aħħar post tal-klassifika. Il-Youths ħasdu lill-Youngsters b'żewġ goals fl-ewwel taqsima minn Haraan Hajazan Goncalves Barbosa fl-24 minuta, u Sunday Uforma Ubuwere fit-42 minuta. Għalkemm Nadur kellhom aktar mill-ballun sabuha diffiċli ħafna jersqu perikolużi lejn il-lasti. Nadur imma, ħarġu ferm aktar aggressivi fit-tieni taqsima. Marcelo Junior Barbosa minn penalty fit-53 minuta, daħħal lil Youngsters lura fil-logħba biex imbagħad Gustavo Dourado Ferreira fit-72 minuta kiseb id-draw, u għall-anqas ksibna punt.

Il-partita kontra Għajnsielem, fit-8 ta' Jannar, kellha bidu drammatiku. Fl-1 minuta, il-Youngsters ingħataw penalty għal foul fuq Nedeljkovic, imma Barbosa ra lil Parnis isalvalu x-xutt tiegħu. Għajnsielem fetħu l-iskor minn Claudio Henrique da Silva Barbosa fit-3 minuta. Il-Blacks komplew ikunu perikolużi sakemm skorjaw fis-27 minuta minn Stefan Cassar li kien qed jirritorna mal-club. Il-Youngsters kellhom lil Lucas Baretto da Silva mkeċċi fit-2 minuta ta' ħin miżjud. Nadur komplew jinsistu u fil-5 minuta ta' ħin miżjud Patrick dos Santos Cruz ikkommetta auto goal għal vantaġġ ta' Nadur. Bil-partita issir aktar interessanti, l-azzjonijiet denji kienu fuq iż-żewġ naħat. Fit-82 minuta cross perikolż ta' Barbosa ġiegħel lil Daniel Farrugia jitfa' fix-xibka tiegħu stess f'attentat biex jikklerja. B'Għajnsielem xi ftit mifxula, 2 minuti wara Igor Nedeljkovic b'xutt sabiħ għamilhom 4-1. Minuta mit-tmiem Joao Pedro Oliveira Santos għamel l-iskor aktar rispettabbli għal Għajnsielem. Lejn it-tmiem kellna 2 tkeċċijiet oħra, Joseph Xerri għal Nadur u Junior Valdeci Candido għall-Blacks.

Il-logħba tat-3 round tal-FA Trophy tal-MFA kontra Birkirkara saret fis-Centenery Stadium f'Ta' Qali fl-14 ta' Jannar. Id-differenza bejn it-timijiet kienet ovvja għalkemm Nadur taw dak kollhu li setgħu, kienu Birkirkara li skurjaw 2 goals f'kull taqsima. Kien Osvaldo Iorio fil-11 u Yannick Yankam fil-41 minuta fl-ewwel taqsima. Fit-2 waħda kienu Alex Da Paixao Alves fil-51 u Kevin Tulimieri fis-67 minuta li skurjaw il-goals ta' Birkirkara.

Fil-21 ta' Jannar, Nadur rebħu l-konfront kontra Xewkija Tigers 3-1. Il-Youngsters fetħu l-iskor fit-8 minuta minn Predrag Pedja Djordjevic biex b'reazzjoni qawwija t-Tigers ġabu d-draw minn Matthias Mercieca fit-22 minuta. Fit-33 minuta, Nadur fil-vantaġġ. Goal ta' Gennaro Hili, b'xutt mill-bogħod tefa' fix-xibka. Nadur komplew jikkontrollaw u bdew isibuha diffiċli li jsibu x-xibka. F'kontra attakk veloċi fit-78 minuta Dordjevic seraq ballun, sab lil Barbosa li żmarka lil Igor Nedeljkovic li sab ix-xibka u serraħ ras il-partitarji Nadurin mit-3 punti.

Il-logħba bejn iż-żewġ timijiet fil-quċċata tal-klassifika, Nadur Youngsters u Qala Saints, saret fid-29 ta' Jannar u spiċċat fi draw mingħajr goals. Partita milgħuba l-aktar f'nofs il-ground, bid-difiżi sodi u l-attakkanti jsibuha diffiċli jippenetraw u joħolqu periklu, uriet l-importanza li kellha partita bħal din. Riżultat ta' draw li ikkuntenta liż-żewġ timijiet kif ukoll lil Kerċem Ajax li resqu 3 punti biss taħt Nadur u Qala.

Konfront ieħor dirett bejn Nadur u Kerċem fil-5 ta' Frar. Kienu Kerċem li ħarġu determinati, u kellhom aktar mill-ballun, imma l-konklużjonijiet tagħhom kienu żbaljati. Fit-tieni taqsima l-partita kienet interessanti biż-żewġ naħat setgħu sabu x-xibka. Nadur ingħataw penalty meta Luiz Henrique Santana Motta, f'attentat biex iwaqqaf lil Igor Nedeljkovic, mill-art tajjar il-ballun b'idu. Mill-11-il metru l-istess Nedeljkovic ma' żbaljax. Nadur għamlu żgur mit-tliet punti fit-3 minuta ta' ħin miżjud meta Nedeljkovic żmarka lil Joseph Zammit li kien pront spara fix-xibka.

L-aħħar partita tat-tieni round kontra Sannat Lions fl-14 ta' Frar spiċċat 6-0 favur Nadur Youngsters. Partita bla storja fejn kienu Predrag Pedja Djordjevic fl-10 u fis-60 minuta, Marcelo Junior Barbosa minn penalty fit-13 u fl-54 minuta, Joseph Zammit fil-51 u Stefan Cassar fil-65 minuta li skurjaw għal Nadur, biex issa jinsabu 5 punti vantaġġ fil-klassifika.

Għat-tielet round, it-timijiet inqasmu f'2 gruppi, l-ewwel 4 jilgħabu fit-top 4, u l-erbgħa l-oħra fil-playout, 2 rounds kontra xulxin. Nadur bdew kontra Xewkija Tigers fit-28 ta' Frar u kisbu rebħa oħra ta' 2-1. Il-Youngsters żammew pressjoni kontinwa tul l-ewwel taqsima fejn batew biex isibu x-xibka. Il-ġoal tal-vantaġġ wasal fl-24 minuta minn Joseph Zammit wara cross minn Barbosa. Nadur komplew jattakkaw fit-tieni taqsima u fit-53 minuta għamluhom 2-0 minn Igor Nedeljkovic wara pass perfett ta' S. Cassar. Xewkija għamlu reazzjoni tajba imma Nadur ikkontrollaw anke jekk bi ftit tad-diffikultà. Fit-80 minuta Xewkija ngħataw penalty għal foul ta' M. Tabone fuq Lucas Vinicius Viana Prati, u minnu l-istess Brażiljan għamilhom 2-1.

Il-partita kontra Kerċem Ajax tal-5 ta' Marzu kienet mistennija ħafna, peress li b'rebħa Kerċem kienu jifthu l-kampjonat beraħ. Nadur Youngsters fetħu fuq l-attakk waqt li Kerċem operaw bil-kontrattakki. L-azzjonijiet perikolużi kienu ftit fuq iż-żewġ lasti. Marcelo Junior Barbosa, dirett minn corner, fetaħ l-iskor għall-Youngsters fil-31 minuta. Ir-reazzjoni ta' Kerċem kienet tajba u t-tieni taqsima saret aktar interessanti. Kerċem ingħataw penalty għal foul ta' Tabone fuq G. Cardona. O. Rolovic ra lil S. Sultana jsalvalu x-xutt mill-11-il metru, mir-rebound Sultana reġa ċaħħad lil Rolovic biex finalment il-ballun wasal għand Pablo Vinicius de Moraes Ferreira li spara fix-xibka għal goal tad-draw. Nadur reġgħu kisbu l-vantaġġ minn Igor Nedeljkovic wara pass ta' G. Dourado Ferreira, fil-75 minuta.

L-Erbgħa, 8 ta' Marzu saret il-partita tas-semi finali tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni fejn il-Youngsters kisbu rebħa faċli fuq Victoria Hotspurs, 4-1. Il-goals ta' Nadur waslu minn Lucas Baretto Da Silva fl-20, Predrag Pedja Djordjevic fit-42, Marcelo Junior Barbosa fis-56, Neil Mifsud fil-81 waqt li Andrea Debrincat kiseb il-goal ta' konsolazzjoni fl-ewwel minuta ta' ħin miżjud.

Fit-12 ta' Marzu, Nadur Youngsters kellhom l-ewwel okkażjoni sabiex b'rebħa kontra Qala Saints, ikunu nkurunati champions. Dan fil-verità ma seħħx, għax kienu s-Saints li rebħu l-konfront 2-1. Qala kisbu vantaġġ ta' 2-0 b'auto goal ta' S. Sultana fit-32 minuta, u Jordi Parnis fis-67 minuta. Reazzjoni tajba mill-Youngsters wara dan it-tieni goal wasslet biss biex Marcelo Junior Barbosa naqqas il-marġni tal-iskor għal 2-1 fl-74 minuta. Riżultat jidher sorpriża, imma Qala ma serqu xejn, f'din li dehret li kienet l-aqwa logħba tagħhom dan l-istaġun.

Ġimgħa wara, fid-19 ta' Marzu waslet it-tieni okkażjoni tal-Youngsters li b'rebħa kontra Xewkija Tigers, jsiru champions, imma anke din ma rnexxietx. It-Tigers fetħu l-iskor fl-24 minuta, meta Rodney Buttigieg seraq ballun lil S. Sultana u tefa' f'xibka vojta. Reazzjoni immedjata mill-Youngsters li kisbu d-draw 2 minuti



wara minn Predrag Pedja Djordjevic, b'daqqa ta' ras wara corner ta' Cassar. Fit-2 minuta ta' ħin miżjud, S. Cassar ra x-xutt tiegħu salvat mill-goalkeeper u pront daħal Igor Nedeljkovic li spara fix-xibka, għall-goal tal-vantaġġ. Nadur dehru komdi jikkontrollaw il-partita fit-tieni taqsima, sakemm fit-62 minuta free kick ta' Damir Andelovic issorprenda lil Sultana u spiċċa fix-xibka.

Dak li ma' seħħx fl-aħħar żewġ logħbiet, seħħ fil-25 ta' Marzu, meta Qala Saints naqsu milli jirbħu l-partita tagħhom kontra Xewkija Tigers biex Nadur Youngsters saru matematikament Champions. Għalhekk il-Ħadd 26 ta' Marzu, Nadur niżlu għal partita kontra Kerċem Ajax bla pressjoni ta' xejn u dan intwera fil-ground, għax iddominaw il-partita u rebħuha 4-1. F'vena ta' festa, f'atmosfera mill-isbaħ, fi ground armat kif jafu jagħmlu l-White Force Nadur Ultras u b'folla numeruża warajhom, Nadur iddominaw il-partita u skurjaw minn hat trick Marcelo Junior Barbosa fil-11, fid-49 u fid-59 minuta, u Igor Nedeljkovic fid-19-il-minuta. Pablo Vinicius De Moraes Ferreira fl-64 minuta kiseb il-goal tal-bandiera għal Kerċem.

Hawn ukoll ta' min isemmi li nkitbet l-istorja fil-football Malti meta għall-ewwel darba f'pajjiżna, Joseph Portelli, President ta' Ħamrun Spartans, u ibnu Tristen Portelli, President ta' Nadur Youngsters rebħu l-Kampjonati tal-Oġħla Diviżjoni f'Malta u f'Għawdex, u dan fl-istess staġun. Nifirħulhom!

Fis-semi finali tat-Tazza GFA, li saret fit-2 ta' April, Nadur Youngsters kisbu d-dritt li jikkompetu f'final oħra dan l-istaġun. Kienu Qala Saints li ħarġu aktar avventurużi fil-bidu tal-ewwel taqsima, fejn il-Youngsters ikkontrollaw tajjeb, u mal-ħin bdew jidħlu fil-partita fejn spiċċaw ħadu vantaġġ ta' 2 goals qabel ħin il-mistrieħ. Kien Lucas Baretto da Silva li bir-ras xellef għal ġewwa free kick ta' Barbosa fl-34 minuta, u l-istess Marcelo Junior Barbosa għamilhom 2-0 minn penalty wara *hands* ta' E. Buttigieg, żewġ minuti fil-ħin miżjud. Fit-72 minuta Emanuel Buttigieg naqqas l-iskor għal Qala biex 5 minuti wara Igor Nedeljkovic xeħet lill-Youngsters fil-finali.

Il-Final tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni saret l-Erbgħa 12 ta' April. Konfront ieħor bejn Qala Saints u Nadur Youngsters, partita denja ta' final, partita kumbattuta ferm l-aktar wara li Nadur kellhom player imkeċċi wara nofs siegħa logħob. Kien Marcelo Junior Barbosa li fetaħ l-iskor għall-Youngsters wara biss 11-il minuta bi free kick dirett. Fit-30 minuta, Igor Nedeljkovic dabbar it-tieni karta safra fid-disa' minuta, biex safa mkeċċi. Qala ħadu vantaġġ minn din it-tkeċċija u fit-32 minuta kisbu d-draw minn Rafael Conrado Prudente. Nadur komplew jilagħbu b'ċerta kalma u free kick dirett ta' Gennaro Hili spiċċa fix-xibka għal 2-1 favur Nadur. Għalkemm Qala sfurzaw aktar fit-2 taqsima kienu Nadur li amministraw il-logħob u spiċċaw rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni għat-3 darba.

L-aħħar logħba tal-kampjonat li fiha Nadur Youngsters kienu nkurunati Champions kienet it-tielet konfront konsekuttiv kontra Qala Saints. Partita milgħuba f'atmosfera ta' festa fejn ir-riżultat ma kellu ebda effett. Fit-8 minuta Joshua Buttigieg kien sfortunat li tefa' fix-xibka tiegħu stess waqt li 2 minuti wara Jordi Parnis kiseb d-draw għall-Qala. Kienu Nadur li ħadu l-vantaġġ fit-83 minuta minn Marcelo Junior Barbosa, biex spiċċa wkoll l-Aqwa Skorer tal-Ewwel Diviżjoni. Qala kisbu d-draw minn Joao Vitor Ferrari Silva fis-87 minuta, waqt li Ayesller Carvalho, 3 minuti fuq il-ħin regolamentari, kiseb il-goal tar-rebħa għas-Saints.

Fit-23 ta' April ġie fi tmiemu l-istaġun 2022-2023, bil-final tat-Tazza GFA, bejn Nadur Youngsters u Għajnsielem. Nadur irrendew dan il-konfront f'rebħa faċli meta kisbu 6 goals bla risposta sabiex pattew għat-telfa li kienu ħadu kontra Għajnsielem fis-Super Cup. Dominju assolut mill-Whites li b'4 goals fl-ewwel taqsima minn Marcelo Barbosa fis-7 u fit-23 minuta, Stefan Cassar fil-21 minuta u Igor Nedeljkovic fit-28 minuta serrħu rashom mir-riżultat. L-andament kompla fit-tieni taqsima fejn kisbu 2 goals oħra minn penalty ta' Barbosa fil-55 minuta biex għaqqad hat-trick, u goal ieħor ta' Nedeljkovic fil-61 minuta. Fi tmiem il-logħba bdew ċelebrazzjonijiet kbar fin-Nadur li komplew sal-gimgħa ta' wara. Nifirħu lill-Youngsters tas-suċċessi li kisbu u nawgurawlhom għall- ġejjieni. Nieħdu l-opportunitabiex nawguraw il-Festa t-Tajba lin Nadurin kollha.

All Kinds of Furniture

HEIRLOOM FURNITURE
Mr. Michael Camilleri
*Managing Director*
Heirloom Furniture Ltd.
N.B. Off Qortin Street,
Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 21556954 Mobile: 99866682
e-mail: info@heirloominteriors.com
website: www.heirloominteriors.com

Parquet Flooring

Wooden Apertures According to CE Standards

Certified Firedoors Exova Warringtonfire Certificate No. WF 186793



# Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur

JOE MUSCAT

## REĠGĦET ĦARĠET

Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Nadur hija manifestazzjoni li ta' kull sena tiġbed tant interess kemm mill-parruċċani Nadurin, kif ukoll mill-barranin li jżuru r-raħal tagħna fil-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira.

Nhar il-Gimgħa l-Kbira ta' din is-sena 2023, li ħabtet fis-7 ta' April, wara nuqqas ta' tliet snin infila, reġgħet ħarġet il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika ddedikata lil San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Dan għaliex sfortunatament matul dawn l-aħħar tliet snin 2020, 2021 u 2022, minħabba miżuri marbuta mal-pandemija Covid-19, kif ukoll minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp, il-Purċissjoni ma' ħarġitx.

Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira timpenja mijiet ta' nies, fosthom reffiegħa, nies lebsin ta' persunaġġi bibliċi u tfal. Din is-sena l-purċissjoni reġgħet ħarġet, fil-forma li nafuha qabel il-pandemija, jiġifieri bil-vari kollha, il-persunaġġi bibliċi, suldati u tfal, dawk tal-wegħdi (ktajjen u slaleb), il-Banda Mnarja, fratelli u Kleru. It-temp, li jilgħab fattur importanti f'din il-puċissjoni, ippermetta wkoll, sabiex wara nuqqas ta' tliet snin din il-manifestazzjoni esterna setgħet toħroġ.

Huwa ovvju li sabiex purċissjoni ta' din ix-xorta tirnexxi tirrekjedi ħidma u koordinazzjoni mhux biss fil-ġurnata li fiha toħroġ iddur mat-toroq prinċipali ta' raħalna, iżda matul is-sena kollha. Ix-xogħol tal-kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur ma' jibdiex fil-ġranet tar-Randan imma hija ħidma kontinwa matul is-sena kollha. Il-kumitat jiltaqa' b'mod regolari kull xahar bil-frekwenza tal-laqgħat tvarja skont il-ħidma li tkun għaddejja.

Hija ħidma li ma taqta' xejn u li l-għan prinċipali tagħha huwa li din il-Purċissjoni tkompli miexja 'l quddiem, bl-iskop aħħari li barra li tkun attrazzjoni artistika u viżwali sservi bħala mezz ta' ġabra u ħsieb fuq it-tbatija li ġarrab Sidna Ġesù Kristu għall-fidwa tagħna lkoll.

Matul dawn ix-xhur li għaddew ġew organizzati wkoll diversi attivitajiet ta' fund raising fosthom ikliet u anke lotteriji, sabiex jinġabru fondi b'risq din il-purċissjoni, li jgħinuna biex inkomplu nmantnu, nirranġaw u nsebbħu din il-manifestazzjoni tal-parroċċa tagħna.

Minbarra d-diversi laqgħat li jiġu msejħa fuq bażi regolari, il-membri tal-kumitat jiltaqgħu ukoll drabi





oħra fil-maħżen tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira sabiex inaddfu, jirranġaw u jorganizzaw dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan li ġej huwa elenku ta' uħud mix-xogħlijiet li ġew imwettqa mill-kumitat għall-purċissjoni ta' din is-sena 2023.

- Inxtara u nbidel r-rixx ġdid ta' 24 elmu tas-suldati Rumani, ta' kulur li issa jaqbel mall-mantelli l-ġodda.
- Saru interventi ta' restawr u żebgħa fuq l-istatwi ta' Kristu, fil-vara taċ-Ċaħda ta' Pietru, kif ukoll fuq l-istatwa ta' San Ġwann fil-vara l-Kbira. Dan ix-xogħol sar mill-awtur tagħhom stess, l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi.
- Ġew meħjuta 30 konfratija ġdida għal dawk li jġorru s-slaleb u l-ktajjen sabiex jikkumplimentaw lil 30 barnuża ġdida li ġew meħjuta s-sena l-oħra.
- Inxtraw 60 metru ħabel ġdid biex sar kurdun għal kull konfratija ġdida.
- Sar xkaffar fil-maħżen tal-purċissjoni sabiex ġiet organizzata armerija li ġewwa fiha qed jinġabru l-elmijiet, korazzi, sandlijiet tas-suldati u diversi aċċessorji oħra marbuta mal-armata tas-suldati Rumani.
- Il-kostumi tal-persunaġġi fil-Walk-in Wardrobe li fiha qed jinġabru u jiddendlu kollha b'mod ordnat, issa ġew kollha nnumerati u mmarkati.
- Ġew meħjuta 13-il-beritta tal-kavallieri mill-ġdid biex jinbidlu dawk oriġinali li qdiemu.
- Inxtara sett ta' 50 par qrieq ġodda għall-persunaġġi Bibliċi.
- Saru alterazzjonijiet fil-mantelli tas-suldati rumani sabiex jintlibsu b'mod iktar faċli u ordnat.
- Sar frame ġdid għas-simbolu tal-wiċċ ta' Kristu.
- Inxtraw ħadida u mejda tal-mogħdija.
- Inżebgħu t-trolleys kollha tal-ħadid li fuqhom jiddendlu l-kostumi kollha qabel il-ħruġ tal-purċissjoni.
- Saru bosta tiswijiet u tindif fuq id-diversi simboli, u aċċessorji.

Issa li ħallejna warajna ż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa, l-impenn tal-kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira huwa ffukat biex matul din is-sena li ġejja nkomplu minn fejn ħallejna. L-attenzjoni primarja hija marbuta mal-premessa li sa fejn hu possibbli jiġi mħares, irranġat, imsebbaħ u rrestawrat dak kollu li ħallewlna ta' qabilna. Il-ħsieb wara kull proġett ġdid li qed nippjanaw li nidħlu għalih huwa msejjes u marbut ma' dawn l-għanijiet imsemmija.

Ħafna huma dawk li qed javviċinawna sabiex huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom fl-inizjattivi ta' tiġdid u titjib tal-purċissjoni. Aħna napprezzaw ħafna dan is-sens ta' ġenerożità qawwija li għandu l-poplu Naduri. Madankollu huwa importanti li wieħed jifhem ukoll il-prijoritajiet f'din il-ħidma li hemm bżonn biex nilħqu l-għanijiet ta' titjib fil-purċissjoni.

Għalhekk l-attenzjoni tagħna qed niffukawha fuq ħtiġijiet immedjati li hemm bżonn naħdmu fuqhom, fosthom:

- Lasti tal-irfih għall-vari kollha
- Bdil ta' xi kostumi b'disinn, drapp u ħjata mill-ġdid
- Sett ta' kostumi ġodda għall-Kavallieri
- Bdil tas-sandlijiet tas-suldati rumani
- Restawr tal-armi rumani
- Restawr tal-Arka u l-kandelabru
- Trolleys għall-bankuni tal-Vari

Kif wieħed jista' jinnota, l-ispejjeż huma kbar, iżda għandna fiduċja sħiħa li l-ġenerożità tal-poplu Naduri tiżboq bil-bosta l-ammont ta' fondi li l-kumitat għandu bżonn sabiex ikompli bil-ħidma tiegħu.

Filwaqt li minn hawnhekk nirringrazzjaw lil kulħadd tal-għajnuna u s-sapport, nixtiequ nwasslu lilkom ilkoll, l-awguri tagħna għall-festa tal-Imnarja mimlija b'ferħ u spirtu qaddis b'ċelebrazzjonijiet denji ad unur il-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

**Andria**
**Cafetteria & Bar**

**Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur.**



# TAGĦRIF DWAR l-Azzjoni Kattolika FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR

MONS. SALV MUSCAT

Ma għandnhiex id-data eżatta ta' meta bdiet l-Azzjoni Kattolika (A. K.) fil-parroċċa tan-Nadur. Nafu biss li din tissemma l-ewwel darba fis-sena 1932 bħala 'Ċirklu ta' Ġuvintur Kattoliċi'. Kien l-Arċipriet Ġużeppi Cassar li fir-relazzjoni parrokkjali kiteb: "iċ-Ċirklu ta' ġuvintur Kattoliċi m'ilux li twaqqaf. Nista' ngħid li ż-żgħażagħ iħossuh għal qalbhom ħafna."



Fis-sena 1933 l-Arċipriet ra li l-membri bdew jonqsu. Il-membri bdew jonqsu għaliex:

a) "bdew jattendu ukoll dawk li ma kellhomx kondotta tajba", u s-sitwazzjoni marret għall-agħar minħabba li
b) "il-mexxejja tal-A. K. kellhom xi nkwiet bejniethom."

Fis-sena 1935 kien hemm Assistent Ekkleżjastiku ġdid li fit-tmexxija tiegħu żdiedu ħafna membri, u sar ħafna ġid għax irnexxielu jressaqhom lejn is-sagramenti. Fis-sena 1939 nafu li ż-żgħażagħ infushom kienu wkoll iqassmu l-ġurnal "Leħen is-Sewwa".

Fil-gwerra l-A. K. għaddiet minn żminijiet diffiċli u propju l-isqof Gonzi fl-1943 kiteb u qal li "l-A. K. kienet nieqsa minn għeruq tajbin".

Fl-1943 kien hemm 2 sezzjonijiet maskili waħda għall-kbar u l-oħra għall-aspiranti. Il-Kan D. Mikiel Portelli, il-futur Arċipriet, ħadem ħafna fost l-aspiranti.

Fis-sena 1947 l-fergħa femminili kienet bdiet, iżda għalqet proviżorjament. L-Isqof Gużeppi Pace ħeġġeġ lill-Arċipriet biex jiddiskuti l-problema tal-fergħa femminili mal-assistent Ekkleżjastiku Djoċesan. F'din is-sena mill-fergħa maskili kien hemm biss il-fergħa aspiranti li kienet immexxija tajjeb mill-Kan. Mikiel Portelli.

Fl-1948 l-A. K. reġgħet rawmet l-adulti u l-aspiranti.

Fl-1950, billi għan-nisa kien għadu ma sar xejn, l-Arċipriet Cassar kien imħeġġeġ biex jara x'jagħmel għal fergħa tan-nisa. Kien hemm diffikultajiet biex jinġabru.

Fl-1954, l-Arċipriet Portelli fir-relazzjoni parrokkjali kiteb: "fil-parroċċa hawn il-fergħa tal-ġuvintur u oħra tal-aspiranti subien".

Fi żmien l-Arċipriet Portelli l-A. K. baqgħet ħajja u tiffjorixxi.

Sas-sena 1967 il-fergħat kollha kienu jeżistu fil-parroċċa (Irġiel, nisa, ġuvintur, xebbiet, aspiranti subien u tfajliet studenti.

Illum li qed jinkiteb dan it-tagħrif, fil-parroċċa għad baqa' 2 fergħat: dik tan-nisa miżżewġin u dik tax-xebbiet adulti.

Il-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika kienu jinżammu f'dawn it-toroq: Triq Xandriku, Triq Diċembru 13, Triq il-Kappillan, u Triq Rakela Camilleri.

Nirringrazzjaw lill-Assistenti Ekkeżjastiċi kollha li ħadu ħsieb tal-A. K. fosthom Dun Franġisk Grima (żgħazagħ), Dun Mikiel Galea (nisa), Dun Karm Caruana (żgħażagħ), Kan. Pawlu Meilak (tfajliet) , Kan. Anton Meilak, Kan. Anton Buttigieg, Kan. Anton Borg, Mons. Salv Muscat, Mons. Salvu Pace.



# XI ĦIDMIET LI JSIRU MIL-LEĠJUNARJI TA' MARIJA FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR

ANTOINETTE TABONE

**Il-Manwal tal-Leġjun jgħidilna:**

*"Il-Ħidma mhijiex ħlief talb taħt għamla oħra."*

*"Il-Ħidma leġjunarja għandha ssir f'għaqda sħiħa ma' Marija."*

Bħal f'kull parroċċa jew kull fejn hemm il-Leġjun isiru ħidmiet varji. L-aktar xogħol importanti għal-Leġjun hu l-kuntatt personali ma' individwi jew gruppi. Dan isir biex inressqu iktar persuni qrib ta' Alla.

Nagħmlu wkoll żjajjar bil-Madonna fid-djar, fejn meta mmorru għand il-familji nwasslu xi messaġġ spiritwali u nħeġġu għal aktar parteċipazzjoni fil-quddies u biex jingħad ir-rużarju fil-familji. Inkunu wkoll għad-dispożizzjoni tal-Arċipriet biex inwettqu dak li jitlobna nagħmlu, bħalma qassamna l-Evanġelju ta' San Mattew, babysitting waqt laqgħat li jsiru għall-ġenituri, eċċ.

Inżuru wkoll lix-xjuħ u morda fi djarhom. Ħafna minnhom jitolbuna huma stess jew nieshom biex inżuruhom. Dawn iż-żjajjar tant ikunu mixtieqa u apprezzati li spiss jitolbuna biex inżuruhom b'mod aktar frekwenti, speċjalment minn persuni li jgħixu jew ikollhom ħafna ħin waħidhom. Isiru wkoll żjajjar lill-morda fl-isptar.

Kull nhar ta' Ħadd żewġ membri jieħdu ħsieb jorganizzaw quddiesa bl-Ingliż għal nies barranin. Din issir fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur.

Ħidma oħra importanti hi l-kura taż-żgħar li għalihom għandna tliet gruppi. Flimkien ma' dawn isiru aktar ħidmiet. Fin-Nadur għandna 11-il grupp (Praesidia). Dawn huma mqassmin hekk: 2 tal-irġiel, 6 tan-nisa u 3 tat-tfal.

Jekk xi ħadd jixtieq jingħaqad f'xi wieħed minn dawn il-gruppi, jista' jkellem lil xi membru. L-iskop tal-Leġjun hu l-glorja ta' Alla u t-tqaddis tal-membri.



*Ħarġa bit-train*





*Il-Leġjun ta' Marija_Irtir għall-membri żgħar u intermediates ġewwa l-Legion Office*

RABOKK PIZZA
Snack Bar
Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.
Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629

ANTHONY'S FURNITURE
Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam
Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.
Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107
"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex

EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX
American Style
Gozo Verticals, Blinds & Shades
TA' TONY CAMILLERI
Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ
Għal aktar dettalji u stima b'xejn
Ċemplu 2155 3352/2156 2211
jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

FREEWAY PLUS
-GIFT SHOP
-STATIONARY
-PHOTOCOPING
-SCANNING
-PASSPORT PHOTOS
-WOOL / KNITTING SUPPLIES

# DAY CENTRE ANZJANI NADUR

LINA MIFSUD

Id-Day Centre tan-Nadur huwa ffinanzjat mill-Kunsill Lokali. Il-Mission Statement tal-għaqda tad-Day Centre huwa li ngħinu lill-anzjani tagħna jtaffu ftit mis-solitudni li jiffaċċjaw ta' kuljum, li nagħtuhom l-għajnuna li jkollhom bżonn, u li narawhom kuntenti. Ħafna minnhom iħossuhom grati ħafna tal-ftit li nagħmlu magħhom u dan jagħtini kuraġġ biex inkompli mmexxi d-Day Centre.

Fl-għaqda tagħna għandna fuq 80 anzjan. Aħna niltaqgħu kull nhar ta' Tlieta u nibdew fid-9 ta' filgħodu b'Quddiesa fis-Sala Parrokkjali, u nisimgħu l-Kelma tal-Mulej. Wara nieħdu l-kolazzjon u ngħidu kelma bejnietna. Xi drabi naqsmu xtieli u basal tal-fjuri flimkien. Qabel il-Covid-19 kien ikollna xi kelliema fuq suġġetti li huma ta' interess għall-anzjani, u anke infermiera u tobba li jiġu jiċċekkjaw il-pressjoni u d-diabete u jkellmuna fuq is-saħħa. Sfortunatament dawn kollha waqfu. Iżda aħna għadna niltaqgħu regolarment. Wara ftit logħob ta' Tombla. Qabel jitilqu lura d-dar, l-anzjani jieklu l-lunch li nipprovdulhom. Transport huwa provdut għal dawk li jkollhom bżonn. Darba fix-xahar norganizzaw ħarġa għalihom barra minn Nadur u anke f'Malta.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku u lil Kunsill Lokali li dejjem tawni l-għajnuna u s-support li jkun hemm bżonn u lit-tliet helpers li mingħajr l-għajnuna tagħhom ikun impossibli li tmexxi d-Day Centre b'numru daqshekk kbir.



*Ħarġa biċ-choo choo train*



*Żjara fil-mużew tal-bizzilla*

# GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA

ANTONIA SAMMUT

L-Għaqda Dun Franġisk Grima torganizza ħarġiet għall-anzjani tagħna. Inħobbu nżuru kappelli mwarrba fil-kampanja sabiħa tagħna. Hawn naraw id-devozzjoni u l-imħabba li kellhom l-antenati tagħna lejn il-qaddisin u l-fidi li kellhom fir-reliġjon Nisranija.

Dan l-aħħar żorna l-kappella ta' San Dimitri li tinsab Ta' Birbuba, l-aktar post imbiegħed fil-punent tal-Għarb. Il-kappella preżenti nbniet fuq fdalijiet ta' kappella oħra u tbierket fil-11 ta' April 1809. Dun Mario Vella kien ħalla l-flus biex tinbena din il-Kappella. Il-faċċata hi waħda sempliċi . Fiha żewġ pilastri kull naħa u kampnar żgħir b'salib fil-quċċata. Hemm tieqa żgħira tonda fin-nofs.

It-titular juri lil San Dimitri riekeb żiemel abjad u mara qed titlob għarkupptejha quddiemu. Skont il-leġġenda din il-mara kien jisimha Żgogina. Hi kienet tgħix x'imkien f'dawn l-inħawi u kellha tifel jismu Mattew. Darba waħda ġew it-Torok u serqulha t-tifel. Hi marret titlob lil San Dimitri biex iġibilha t-tifel lura. Wegħditu li tixgħel qasba żejt għal matul il-jum kollu. U San Dimitri ġab lil binha ftit wara l-wegħda u hemm ħalla difer iż-żiemel imwaħħal ġewwa l-blat. Din il-pittura hi ta' pittur tal-post u turi lil Żgogina liebsa lbies tipikament kampanjol.

Fr Trevor Sultana l-Arċipriet tal-Għarb, irrakkontalna l-istorja ta' din il-kappella. Qalilna li l-festa taħbat fit-8 ta' Ottubru u tiġi ċċelebrata fit-tieni Ħadd tax-xahar. Kienet żjara verament apprezzata mill-grupp ta' anzjani li ġew iżuruha.

Għas-sajf għandna maħsuba ħafna attivitajiet bħal BBQs, lejla ta' mużika Brażiljana u logħob għat-tfal. Dawn ser isiru fid-Dar Ta' Dun Franġisk fit-Tiġrija.



10 • Saint Demetrius • San Mitri
Ta' Birbuba, Għarb




# IT-TNAX-IL STILLA TAL-QALB TA' ĠESÙ

SR JOSEPHA GAUCI - SORIJIET FRANĠISKANI TAL-QALB TA' ĠESÙ

L-Għaqda tat-"Tnax-il Stilla" twieldet fi Franza, u eżattament fl-Abbazija ta' Notre Dame de Aiuguebelle, permezz tal-ħidma tar-Raħeb, Fra Bernardin Bernard. Dan, qabel ma miet fl-1867, tkellem dwar din l-inizjattiva ma' żewġ aħwa Rħieb, fosthom Fratell Bonifazju, li sar dak li mexxa din id-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa, li kienet devozzjoni ġdida u qadima fl-istess ħin: ġdida minħabba l-isem, imma qadima minħabba l-kliem li Ġesù kien qal lil Santa Margerita Marija Alacoque: **"Irrid nifforma madwar Qalbi kuruna ta' Tnax-il kewkba li tkun magħmula mill-qaddejja li huma l-aktar fidili lejja u li jħobbuni."** L-għaqda malajr saret magħrufa barra minn Franza, u għalhekk anke fl-Italja. Il-Promutur attiv biex ixerred din id-devozzjoni kien Don Giuseppe Olmi (1833 – 1913), qassis minn Siena imma residenti Ġenova. Bis-saħħa tal-ħidma bla taqta' ta' Don Olmi din id-devozzjoni waslet anke f'Malta. Fl-1873 Don Olmi kien stampa f'Modena ktejjeb bl-isem: "L-għarusa tal-Qalb Imqaddsa" u kitbiet oħra ta' din ix-xejra. Il-ktejjeb serva biex ixerred l-għaqda li kien jisimha "Ulied il-Qalb Imqaddsa", li ġiet approvata u mżejna b'indulġenzi mill-Papa Piju IX, li xtaq jagħti ġieħ lill-Qalb Qaddisa fil-forma li kien ippropona Raħeb twajjeb ta' Aiguebelle. L-istruttura interna tal-għaqda kienet titlob li tkun magħmula minn **tnax-il membru**, li kienu jieħdu l-isem ta' "**Kwiekeb**". Il-membri, kollha nisa, kellhom ikunu verġni, u kienu jinqasmu skont l-età u l-grad ta' perfezzjoni li jilħqu, fi tliet kategoriji: "Ancelle" (**Qaddejja**), "Figlie" (**Ulied**), u "Spose" (**Għarajjes**). Wieħed minn dawn il-kotba, ma nafux kif, ġie f'idejn tfajla twajba mill-parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat, fl-1877. Kien jisimha **Marija Karmena Xerri**, u kellha sittax-il sena. Għalkemm ta' età żagħżugħa ħafna, kienet laħqet grad ta' formazzjoni spiritwali u ta' ħajja interjuri għolja ħafna. L-istedina li Don Olmi kien qed jagħmel lill-Verġni, ma waqgħetx f'art li ma tagħtix frott, imma ġiet milqugħa b'fervur u entużjażmu miż-żagħżugħa twajba, li ddeċidiet li tħaddan id-direttivi għorrief tal-awtur. Għalhekk fittxet qalb sħabha dawk li l-aktar kienu mħeġġin, u talbithom jaċċettaw biex jidħlu magħha fl-ewwel "**Kuruna tat-Tnax-il Kewkba**" biex jagħtu ġieħ lill-Qalb ta' Ġesù taħt din il-forma. **L-iskopijiet tal-għaqda** skont Don Olmi kienu jaqblu perfettament max-xewqat li kien għamel Ġesù rigward il-Qalb tiegħu f'Paray-le-Monial: **qima lejn il-Qalb Qaddisa mdawra bix-xewk minħabba d-dnubiet;** u **talb għall-perseveranza ta' dawk li jgħixu sewwa l-ħajja Nisranija.** Il-virtujiet li wieħed ried jipprattika kienu dawk li Ġesù l-aktar xtaq: l-umiltà, is-safa u l-imħabba. Il-mezzi tat-tqaddis personali kellhom ikunu **t-talb**, **il-prattika tas-Sagramenti**, **id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija** u **lejn il-Madonna**. **L-intenzjonijiet prinċipali tat-talb** kellhom ikunu, wara l-glorifikazzjoni tal-Qalb Qaddisa u tal-privileġġi mogħtija lil Marija, it-talb għall-Knisja u għall-Papa, it-tixrid tal-appostolat tat-talb u t-tħaris tal-ħeġġa tal-komunitajiet reliġjużi.



Dun Ġużepp Diacono



Venerabbli Madre Margerita De Brincat

L-ewwel laqgħat, immexxija minn Xerri fid-dar tagħha, ma kellhom xejn formalitajiet, la fl-orarju u lanqas fis-suġġetti li kienu jitkellmu dwarhom. Wara qari qasir kienu jitkellmu dwar l-aħjar mod kif jitqaddsu filwaqt li jagħtu qima lill-Qalb Qaddisa, u kull waħda kienet turi bis-sempliċità l-esperjenzi u l-opinjonijiet tagħha. Imma dawk iż-żgħażagħ twajbin riedu aktar minn hekk, riedu programm ta' azzjoni, direzzjoni u regolament stabbli, li waħidhom ma setgħux jaslu għalih. Għalhekk marru għand l-arċipriet ta' San Ġorġ, Dun Feliċ Refalo (+1917), saċerdot rett u mħeġġeġ, li kien kapaċi joffri lil dawn it-tfajliet tmexxija għarfa u prudenti kif huma xtaqu. Wara li tkellem dwar din il-ħaġa mal-isqof il-ġdid tad-djoċesi – Għawdex kien ġie mwaqqaf bħala djoċesi separata minn Malta b'digriet tal-Papa Piju IX nhar it-18 ta' Settembru 1864 – Monsinjur Pietru Pace (1831 – 1914), li kien daħal fid-djoċesi fl-1877, u kiseb mingħand dan l-isqof ġdid l-approvazzjoni sħiħa tal-inizjattiva twajba ta' Xerri. Dun Feliċ ħatar bħala direttur

spiritwali tal-"**Kwiekeb**", qassis żagħżugħ tal-parroċċa ta' San Ġorġ, **Dun Ġużepp Diacono**, li kellu tletin sena, u li kien ilu saċerdot seba' snin biss, imma li kien spikka għat-tjubija u l-ħeġġa tiegħu.




*Ċertifikat li juri li inti membru tal-Assoċjazzjoni tat-Tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù*

Minn dan il-waqt 'il quddiem, Dun Ġużepp sar wieħed mill-persunaġġi l-aktar importanti fl-istorja tagħna, dak li jagħti imbuttatura 'l quddiem lill-għaqda ċkejkna u umli tat-"**Tnax-il Kewkba**". Mingħajr is-sehem ta' **Dun Diacono**, **il-Kongregazzjoni tal-Franġiskani** qatt ma kien ikollha bidu. Il-laqgħat, li kien imexxihom Dun Diacono, kienu jsiru darba f'xahar fid-dar ta' Xerri, sakemm kellu jinstab post aktar kbir u addattat fil-viċin, biex hemmhekk jiġbor iż-żgħażagħ kollha li kienu jitolbu biex isiru parti mill-għaqda f'numru dejjem akbar. Fost dawn, fit-8 ta' Diċembru 1877, ġiet milqugħa anke **Virġinja De Brincat**, (**Madre Margerita De Brincat**) li kellha ħmistax-il sena. Ma nafux kif Virġinja saret taf bit-"**Tnax-il Kewkba**", imma hu faċli li wieħed jimmaġina kif. Il-belt tar-Rabat mhix xi metropoli. Mitt sena ilu, kellha biss 6000 abitant, u għalhekk kienet iċken milli hi llum. Ma kienx faċli li, f'ambjent daqshekk ċkejken, wieħed jieħu xi inizjattiva li ma tkunx magħrufa. L-aħbarijiet kienu jixterrdu malajr u kulħadd kien ikun jaf dak li kien ikun qed jiġri, l-aktar jekk kellu x'jaqsam mal-parroċċa. Mill-banda l-oħra, Virġinja ta' spiss kienet tmur ir-Rabat għal-lezzjonijiet tat-Taljan u tal-Franċiż, u forsi anke għax kienet ta' spiss iżżur il-knisja ta' San Ġorġ, żgur li malajr saret taf bl-inizjattiva ta' Xerri (li kellha l-età tagħha) u tal-viċi parroku, **Dun Diacono**. Wisq probabbli Virġinja ġiet aċċettata fl-għaqda meta din kienet għadha tiltaqa' fid-dar ta' Xerri, u għalhekk tista' titqies bħala **waħda mill-ewwel membri**. Milqugħa fost it-"**Tnax-il Kewkba**", Virġinja kellha l-okkażjoni li tiltaqa' għall-ewwel darba ma' Dun Ġużepp Diacono. Dun Diacono kien qiegħed ifittex xi post akbar u aktar funzjonali għall-"Kwiekeb" tiegħu. Xi ftit passi 'l bogħod mill-knisja ta' San Ġorġ, wieħed għadu jsib sal-lum il-knisja qadima Ta' Savina, li magħha għandha xi kmamar li kienu jintużaw għall-bżonnijiet tar-rettur tagħha, imma li f'dak iż-żmien kienu vojta u mhux użati għax il-knisja kienet bla rettur. Dun Diacono talab lill-Arċipriet Refalo biex iħallih jużahom, u dan ma sab l-ebda diffikultà biex jagħtih il-permess meħtieġ. Għalhekk, fl-1877, it-"**Tnax-il Kewkba**" marru fid-dar Ta' Savina, l-ewwel post li ċċaqilqu fih, qabel il-ħafna ċaqliq ieħor li kellhom jagħmlu sakemm sabu dar stabbli u definittiva.

F'dan il-post huma kellhom dar sħiħa għalihom u fuq kollox setgħu jieħdu ħsieb ta' knisja u jżejnuha permezz tal-ħidma tagħhom fir-rakkmu kif ukoll permezz tal-fjuri. Hawnhekk setgħu iwettqu mingħajr xkiel id-devozzjonijiet tagħhom lejn **il-Qalb ta' Ġesù u lejn il-Madonna.**

Huma kienu mimlijin bil-ferħ għal din ix-xorti li messithom. Kien f'Ta' Savina li Dun Diacono seta' jagħti struttura lill-għaqda billi jaqsamha fit-tliet gradi ta' **Ulied**, **Qaddejja** u **Għarajjes tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù**.

Dan kien l-ewwel pass importanti biex jasal imbagħad għal aktar strutturazzjoni li fl-aħħar sbukkat fil-**Kongregazzjoni tal-Franġiskani**. Fil-fatt, mill-"Għarajjes ta' Ġesù", it-tielet klassi tal-membri, twieldu f'Santa Savina l-ewwel elementi li mbagħad kellhom jissejħu "**Terzjarji Xebbiet ta' San Franġisk t'Assisi**", isem li juri l-bixra tipikament Franġiskana li Dun Diacono ried jagħti lill-Għaqda bħala stil ta' ħajja.

Hawnhekk in-Nadur, L-**Għaqda tal-Istillel tal-Qalb ta'Ġesù, niltaqgħu fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù - fl-ewwel Tnejn tax-xahar**. **Nibdew bir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u mbagħad ikollna l-Quddiesa, fejn is-Saċerdot jagħmel diskors qasir dwar l-ispiritwalità tal-Madre Fundatriċi.**'

# Il-Komunità Ewkaristika

FR MARK BONELLO



Il-Komunità Ewkaristika ilha mwaqqfa fil-parroċċa tagħna 'l fuq minn għoxrin sena. Illum din l-għaqda tħaddan madwar sbatax-il membru li jiltaqgħu kull nhar ta' Tnejn biex jistudjaw u jitolbu fuq il-Bibbja. Fil-preżent Fr Mark Bonello jmexxi din il-komunità.

Il-laqgħat jikkonsistu f'ċiklu ta' erba' ġimgħat. L-ewwel ġimgħa ssir katekeżi ta' silta mill-evanġelju minn xi ħadd mill-membri stess li jkun ħejja flimkien ma' oħrajn u ma' Fr Mark. Il-membri l-oħra imbagħad huma mitluba li matul il-ġimgħa jirriflettu u jgħixu dak li jkunu tgħallmu. Il-ġimgħa ta' wara jsir ix-*sharing*. Il-membri jaqsmu ma' xulxin dak li jkun laqathom u dak li jkunu għexu matul il-ġimgħa.

Imbagħad, il-ġimgħa ta' wara jkun imiss l-Adorazzjoni Ewkaristika fejn isir talb fuq l-istess silta li nkunu qed nistudjaw. Ir-raba' ġimgħa ssir quddiesa u wara naqsmu ftit ikel flimkien, li l-membri stess ikunu ħejjew, dik li ngħidulha l-Agape. S'issa l-membri impenjaw ruħhom għall-Evanġelju ta' San Mark u bħalissa qegħdin jistudjaw il-Vanġelu ta' San Mattew.

Din il-komunità tgħin lill-membri tagħha jersqu qrib tal-Kelma ta' Alla u jħalluha tiggwidahom u ddawlilhom lil ħajjithom. Barra minn hekk huma jagħtu s-sehem tagħhom fil-komunità, l-aktar billi jgħinu liċ-ċentru parrokkjali fil-fundraising. Din is-sena wkoll taw is-sehem tagħhom fit-tqassim tal-evanġelji ta' San Mattew fid-djar tan-nies. Uħud jagħtu wkoll sehem fil-qasam tal-liturġija, tal-ħasil tal-Knisja u f'għaqdiet oħra parrokkjali.

Darbtejn fis-sena tinżamm laqgħa għall-membri kollha tal-Komunitajiet Ewkaristiċi ta' Għawdex, fejn dawn ikollhom l-opportunità li jiltaqgħu u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' xulxin.

Fl-aħħar mill-aħħar il-Komunità Ewkaristika tgħin lil kull membru sabiex ikollu kuntatt aktar mill-qrib mal-Kelma ta' Alla, jismagħha, jixtarra, u jagħmel minnha teżor għal ħajtu. Inħeġġu lil dawk li jixtiequ jagħmlu din l-esperjenza sabiex jingħaqdu mal-komunità.



# Caritas
## PARROKKJALI

Nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru 2022 l-Caritas Djoċesana organizzat seminar ta' nofstanhar fid-dar tal-irtiri ta' Manresa għall-persuni li jaħdmu fil-Caritas jew Djakonija parrokkjali. Mill-parroċċa tagħna ħadu sehem 6 persuni.

Grupp li ġie jitħaddet fis-seminar kien dak mill-parroċċa ta' Wied il-Għajn (Marsascala). Il-kelliema qalulna li jiltaqgħu ma' ħafna każi li jkollhom ħtiġijiet materjali. Fost l-oħrajn iqassmu l-ħwejjeġ, ikel, uniformijiet u stationery tal-iskola.



Fil-parroċċa ta' Marsascala l-Caritas parrokkjali tuża formoli apposta meta jsir l-assessment tal-każijiet. Huma jkollhom mumenti ta' formazjoni għall-membri tagħhom. Fi żmien ta' festi speċjali jqassmu numru kbir ta' hampers lill-familji fil-bżonn. Fi żmien meta tiftaħ l-iskola għat-tfal, jitolbu u jixtru affarijiet ta' stationery u uniformijiet. Fil-festi reliġjużi jsir drive biex jinġabar l-ikel. Ġieli l-Caritas tieħu ħsieb li tħallas kontijiet ta' dawl u ilma. Hemm bosta nies tan-negozju li jagħtu offerta ta' ikel u flus kull xahar lill-Caritas ta' Wied il-Għajn.

Fis-seminar li sar għall-membri tal-Caritas fil-parroċċi f'Għawdex, ġie emfasizzat kemm hu meħtieġ li dejjem ikun hemm ħidma id f'id bejn il-livell parrokkjali u dak djoċesan u anke bejn il-parroċċi stess. Dan għaliex ikun hemm każi ta' nies li jgħaddu minn post għal ieħor biex jitolbu l-għajnuna filwaqt li persuni oħrajn li jkunu fil-bżonn jibqgħu lura minħabba li jistħu jew li ma jkollhomx kuraġġ.

Il-problema tal-faqar f'pajjiżna wasslet għal sitwazzjonijiet ġodda li qabel ma kellniex. Hekk pereżempju illum għandna bosta każijiet f'Malta u Għawdex ta' nies li jgħixu fil-garaxxijiet. Il-prezzijiet li qed jintalbu minn dawk li jikru d-djar u l-appartamenti huma għoljin ħafna u xi drabi wkoll ikunu projbittivi għal min għandu paga baxxa.

Xi wħud minn dawk li tkellmu fis-seminar saħqu kemm hu meħtieġ illi jkollna s-servizz ta' social worker speċjalizzat. Dan minħabba l-fatt li jkun aħjar li s-social worker jagħmel assessment tas-sitwazzjoni ta' min jitlob l-għajnuna.

Il-membri tal-parroċċa ta' Marsascala qalulna illi m'għandniex nillimitaw li niġbru ikel biss. Xi drabi l-persuni jkollhom bżonn deterġenti, toiletries, back to school kits, għajnuna fil-kera u għajnuna legali.

Intqal illi l-għajnuna li tagħti l-Caritas tmur għal barranin kif ukoll għal nies lokali, jiġifieri n-nies tal-lokalità stess. Xi wħud mill-membri tal-Caritas fil-parroċċa tagħna qalu li problema partikolari li rridu nagħtu iktar kas tagħha hija dik ta' dawk il-persuni morda u anzjani li ma jkollhomx min idur bihom.

Il-ħidma karitattiva tal-knisja hija waħda mill-kolonni li fuqha sserraħ il-ħajja tal-Knisja. Fi żmienna, meta ħafna jikkritikaw il-ħajja ta' xi Nsara, il-ħidma favur il-fqar tagħmel lill-Knisja iktar kredibbli.

# PROGRAMM TAN-NAR GĦALL-FESTA TAL-IMNARJA 2023

Għeżież Nadurin,
Id-29 ta' Ġunju, data li kull Naduri jgħożż bi mħabba kbira. Data li missirijietna dejjem għamlu minn kollox biex fiha tiġi ċċelebrata l-Festa lill-Patruni Prinċpijiet tal-Knisja Universali, San Pietru u San Pawl.

Din is-sena mhux b'anqas. L-Għaqda tan-Nar 29 ta' Ġunju ħejjiet programm li żgur mhux ser ikun inqas minn tas-snin l-imgħoddija.

Din is-sena n-nar huwa kkummissjonat lil:
• St Catherine's Fireworks Factory Żurrieq • St Michael's Fireworks Factory Ħal Lija
Lourdes Fireworks Factory San Ġwann • St Mary's Fireworks Factory Imqabba • SkyArt

Qed nuru lista tal-ispejjeż involuti u nħeġġu lil dawk il-benefatturi li jistgħu jgħinu biex inkopru l-ispejjeż kollha. Il-Festa hija tan-Nadurin kollha u napprezzaw id-donazzjoni li tagħtuna.

Grazzi,
Il-Kumitat

**Prezzijiet Nar**

| | |
|---|---|
| **Murtali tal-Beraq** | €650, €450, €375, €200, €150 |
| **Murtali tal-Kulur** | €600, €410, €400, €375, €325, €300, €250, €205, €130 |
| **Blalen** | €1000, €470, €450, €250, €150 |
| **Salut tal-Ħruġ** | €600 |
| **Kaxxa tal-Ħruġ** | €3900 |
| **Kaxxa tad-Dħul** | €6300 |





***Minn qalbna nirringrazzjaw lil dawk kollha li jgħinu fil-festa billi jagħtu s-sehem tagħhom ukoll għall-ispejjeż tan-nar.***

***Il-kontribuzzjoni tagħkom tħeġġiġna biex inkomplu naħdmu għall-festa.***

# VIVA SAN PIETRU U SAN PAWL!



# Omelija fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl

Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur • L-Erbgħa 29 ta' Ġunju 2022

L-E.T. MONS. ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX

## GĦALIEX NAGĦMLU FESTA?

Kif tħossukom wara sentejn ma nagħmlux festi? Minn banda ħafna aħjar, mhux hekk, u minn banda għajjenin!

Kemm hi sabiħa li l-komunità tingabar flimkien! Kemm hi sabiħa li tkun tista' tarma t-toroq; kemm hi sabiħa li tkun tista' tiltaqa' flimkien biex tifraħ, b'daqqa banda, b'marċ; kemm hi sabiħa li l-komunità tiltaqa' flimkien fil-knisja, mingħajr il-ħafna biża' li nistgħu nkunu ta' periklu għal xulxin; kemm hi sabiħa li tkun tista' ssir purċissjoni biex nifirħu u biex infaħħru lil dawn iż-żewġ Patruni kbar tar-raħal tagħkom, Pietru u Pawlu!

Imma hemm riskju. Illejla nixtieq nirrifletti magħkom fuq is-sabiħ u fuq ir-riskji li jista' jkun hemm meta aħna niċċelebraw festa. Ir-riskju mhux ser ikun jirrigwarda l-periklu li jista' jiġri, allaħares qatt, f'xi għalqa tan-nar, jew jekk iweġġa' xi ħadd bl-armar, intom u ttellgħu u tniżżlu; jew allaħares qatt, jiġri xi kunflitt għal raġuni jew għal oħra waqt dawn il-ġranet. Mhux dak ir-riskju. Dawk huwa riskju wkoll, imma nittamaw li l-Mulej iżomm idejh fuqna, San Pietru u San Pawl jieħdu ħsiebna, u dan kollu ma jiġrix. Imma hemm ir-riskju li nagħmlu ħafna affarijiet għal San Pietru u San Pawl u ninsew dak li hu l-qofol, dak li hu l-iktar importanti għal San Pietru u San Pawl. Żejjinna l-knisja, żejjinna t-toroq, nagħmlu l-marċijiet tal-banda, nisparaw in-nar; imma dawn, ifhmuni, għandhom bżonnhom iktar San Pietru u San Pawl, jew aħna?

Ħa nagħmel mistoqsija mod ieħor: San Pietru u San Pawl, minbarra dan kollu li hu sabiħ, u importanti li jsir, jixtiequ xi ħaġa oħra minna fil-Festa tagħhom jew le? Għax jekk aħna ninqdew bil-Festa biex nixtru libsa ġdida; jekk aħna ninqdew bil-Festa biex inżejnu r-raħal, u biex narmaw is-sena d-dieħla iktar minn din is-sena; u jekk aħna ninqdew bil-Festa biex nisparaw murtali iktar mis-sena l-oħra, u s-sena d-dieħla iktar minn din is-sena… dan kollu tajjeb, imma nibża' li nkunu qbadna t-triq li mhux tressaqna lejn dak li hu ċ-ċentru, lejn dak li hu l-iktar importanti ta' Pietru u Pawlu, imma titfagħna ximkien ieħor.

Fejn titfagħna? F'ġirja li ma tiqafx, li taqtgħalna nifisna. Xi ħadd qal: "Għejejna"; u s-sena d-dieħla, jekk narmaw iktar minn din is-sena, ser negħjew iktar, għax wisq probabbli n-nies ser jonqsu. Jekk ser nippruvaw nagħmlu festa ikbar minn ta' din is-sena, ser negħjew iktar. Għax irridu naraw kif ser nagħmlu, niġru 'l hawn u 'l hemm, nittallbu 'l hawn u 'l hemm, biex niġbru iktar flus. Nidħlu f'ġirja tal-kelb li jiġri wara denbu. Fejn

twassalna din il-ġirja? Biex naqtgħu nifisna. Allura, filwaqt li dan kollu huwa importanti, u hemm bżonn li nagħmluh, u allaħares qatt nitilfu xi ħaġa żgħira minnu, imma dan kollu, dan il-kuntest li ħloqna sabiħ – l-armar, it-tiżjin, il-banda, il-mużika sabiħa fil-knisja – dan kollu jrid iwassalna xi mkien ieħor. Jekk ma jwassalniex xi mkien ieħor, aħna nkunu kuntenti u kuntenti ħafna… imma kieku jien nixtieq li għal minuta Pietru u Pawlu jibdew jieħdu n-nifs u nistaqsihom: intom kuntenti jew le? X'taħsbu li tkun ir-risposta? "Iva, kuntenti, imma nistgħu nkunu iktar!".

X'jixtiequ Pietru u Pawlu minna? X'taħsbu li jixtiequ Pietru u Pawlu min-nies tan-Nadur? Li jħobbu dak li ħabbew huma: dan huwa li jixtiequ Pietru u Pawlu. Li jħobbu lil min ħabbew huma: dan huwa dak li jixtiequ Pietru u Pawlu. Lil min ħabbew huma? Għal min taw ħajjithom huma? Għall-persuna ta' Ġesù. Għaliex? X'sabu f'Ġesù? Jien kultant nistaqsi: imma dawn x'sabu f'Ġesù li forsi jien għadni ma sibtx? Għax jien irrid nara jekk tiġi persekuzzjoni, inkunx l-ewwel wieħed li naħrab minn hawn! Irrid nara… X'sab Pietru f'Ġesù li jien għadni ma sibtx, li int għadek ma sibtx? X'sab Pawlu f'Ġesù li jasal biex jgħid: 'Il-liġi? Perfetta. Intelliġenza? Studjajt taħt Gamaljel. Fariżew? L-ewwel wieħed. Appostlu? Iktar minnhom ilkoll', imma mbagħad jispiċċa: "Ngħodd kollox bħala telf" (Fil 3:8), bħala knis, bħala żibel. Għalfejn? Għax għalih l-iktar importanti huwa Ġesù Kristu. X'kien Ġesù Kristu għalih? Kif Ġesù Kristu jkun daqshekk qawwi fil-ħajja ta' Pietru, li jkun lest Pietru li jmut għalih?

Jien naħseb li din trid tqajmilna kurżità, b'mod speċjali f'festa bħal din. Lil qalbna, lil moħħna, trid timlihomlna bil-mistoqsijiet. Imma dawn x'sabu li aħna għadna ma sibniex? Aħna qegħdin hawn proprju għalhekk: għalhekk waqqfu Knisja dawn, biex nippruvaw nirrispondu għal dawn il-mistoqsijiet profondi li għandna. Għax aħna bħal żmienhom: għaddew is-snin, imma l-bniedem ma nbidilx. Għalina x'inhu l-iktar importanti? Kemm għandek, lil min taf, kif tidher, u kemm għandek poter – dawn l-erbgħa jmexxuna fil-ħajja tagħna. Kemm għandek, lil min taf, kif tidher, u kemm għandek saħħa. Ħafna drabi kemm għandek saħħa minn xiex jiddependi? Minn kemm għandek u lil min taf. Imma din il-ġirja, bħal dik li semmejtilkom tal-armar, li s-sena d-dieħla rrid nagħmel iktar minn din is-sena, hi ġirja li taqtgħalna nifisna, dejjem u fuq kull livell.

*Kemm għandek.* Meta ser ikollok biżżejjed? Tagħmel il-parti kbira tal-ħin b'nifsek maqtugħ, tiġri, tinkwieta u tiġġennen; imbagħad xi kultant tiltaqa' ma' xi ħadd u jgħidlek: "Inti qiegħed sew, għax inti għandek". Dak il-ħin imbagħad timla żaqqek, qalbek u rasek. Imma x'enerġija tagħtik dik il-kelma pożittiva li jista' jgħidlek xi ħadd biex inti tibqa' tgħaddi ħajtek! Trid takkwista; il-kelb jiġri wara denbu. Dan li ġralhom Pietru u Pawlu: fehmu li din mhix ħajja. Hemm ħajja oħra li hija wisq aħjar.

*Lil min taf.* X'jiġrilek jekk int tibbaża fuq lil min taf? Xi darba, lil min taf, ikun jaf lil ħaddieħor iktar milli jkun jaf lilek. X'ser tagħmel dakinhar int? U tiġri… kollha kemm aħna għandna l-esperjenza li niġru. X'ser tagħmel? Għax għal kull għadma dejjem hemm mitt kelb! X'ser tagħmel dakinhar int, jekk tibbaża ħajtek fuq lil min taf, skont lil min taf? Anki hemmhekk, ngħixu b'illużjoni li għandna xi dritt ta' poter, li nistgħu xi ħaġa. Meta tiġi dahrek mal-ħajt, imbagħad il-waqgħa tkun waħda ħafna kbira, li titkisser. Taf li l-persuna li tkun taf, mhux biss ma tkunx tibqa' tħobbha, imma lanqas tkun trid li taraha minn seba' mili 'l bogħod. Imma din ħajja? Le, mhix din il-ħajja.

*Kif tidher.* U kemm ser iddum tidher? Sa ħamsin, sittin, sebgħin… Jgħidu li mas-sittin terġa' tibda l-ħajja llum. Kemm ser iddum tidher? Tipprova tidher b'tali mod li ħaddieħor japprovak u jaċċettak. Mhux jasar, mhux skajvitù, mhux ħabs ieħor, bħal dak li kien fih Pietru fl-Ewwel Qari tal-lum (ara Atti 12:1-11)?

*Il-poter.* Intom bħali tafu diversi nies li jibbażaw ħajjithom fuq is-saħħa, fuq il-poter, fuq kemm kapaċi jikkontrollaw u jikkmandaw. Imma intom tafu x'jiġri, hux hekk? Kappell imejjel lill-ieħor, mhux hekk ngħidu! U ħuta tibla' lill-oħra! U dejjem hemm ħuta kbira ikbar li ġejja. Immaġina jekk jien nibbaża ħajti fuq il-poter. Ngħix imwerwer, ngħix f'illużjoni. Iva, għandi s-saħħa, għandi l-qawwa; imma ngħix imwerwer, li tiġi ħuta ikbar minni li tiblagħni.

Imma fiċ-ċokon tagħna, kollha kemm aħna, dawn l-erba' prinċipji jmexxuna fil-ħajja. Mhux biss fuq livell personali, anki fuq livell ta' komunità, fuq livell ta' parroċċa, forsi fuq livell ta' djoċesi, fuq il-livell ta' belt, fuq livell ta' pajjiż. Imma din mhix il-ħajja… il-ħajja hija oħra.

Ara taħsbu li Pietru u Pawlu fehmu mill-ewwel lil Ġesù! Pietru għamel ħajtu kollha, tliet snin sħaħ, u narawh fl-Evanġelju jikkumbatti biex jipprova jifhem li mhux l-importanti li tkun tidher; għax Pietru kien iħobb jidher. Mhux l-importanti kemm ikollok poter: "Hawn żewġt isjuf hawnhekk" (Lq 22:38), u Ġesù jgħidlu: "Erġa' daħħal sejfek f'postu" (Mt 26:52). Mhux importanti lil min taf. Kemm kienet iebsa din għal Pietru biex jifhimha, u iktar u iktar għal Pawlu, li kien intelliġenti, li studja, li kellu status fis-soċjetà. Wieħed, iva, kien sajjied, jagħmel xogħol komuni, imma l-ieħor kien Rabbi, kien Fariżew, "Lhudi mil-Lhud" (Fil 3:5). Għal Pawlu ma kienx faċli li jbaxxi rasu għal Ġesù ta' Nazaret, imma fehem dak li forsi jien u int għadna ma fhimniex.

L-Evanġelju tal-lum smajnieh (Mt 16:13-19). Ċesarija ta' Filippu. Jien nistħajjilha Malta u Għawdex illum. Ċesarija ta' Filippu llum tissejjaħ Banias. Dan huwa post sabiħ immens, li kelli l-grazzja li mmur fih – in-naħa ta' fuq nett tal-Art Imqaddsa, taħt il-muntanja Hermon,

muntanja li fiha s-silġ is-sena kollha, allura l-ilma dejjem nieżel minnha. Dan il-post qiegħed fuq in-naħa ta' Iżrael. Il-muntanja Hermon prattikament qiegħda fuq tliet artijiet: il-Libanu, min-naħa s-Sirja, u n-naħa l-oħra l-art ta' Iżrael. Fuq in-naħa ta' Iżrael hemm dan il-ġnien, din il-ġenna tal-art, li meta Alessandru l-Kbir fis-sena 323 kien ġej mill-Greċja, u dar id-dawra kollha, it-Turkija, u baqa' nieżel, meta ra dan il-post qal: "Hawnhekk il-post tal-allat, dan mhux post tal-bnedmin"… tant kemm hu post sabiħ. U verament hu post sabiħ: ilma, ħdura, anki l-istess konfigurazzjoni tal-blat, sabiħa immens. U sejjaħ lil dan il-post Banias – 'il-post ta' alla Pan'. Dan alla Pan, alla falz, huwa l-alla tal-allat, hu alla l-kbir. Dan il-post fejn kien hemm ħafna tempji tal-allat foloz, fejn fost l-oħrajn kien hemm tempju lil Awgustu, il-fdalijiet tiegħu għadhom hemm sal-lum, tistgħu tarawhom jekk iżżuru l-post. Kien hemm tempju ieħor lil Ruma, lil alla mara 'Ruma'; proprju dawn il-kelmiet għadhom miktubin, tistgħu tarawhom.

Erodi l-Kbir kellu tlett itfal: Erodi Antipa, Erodi Filippu, u l-ieħor Erodi Arkelaws. Wieħed minnhom, dan Erodi Filippu, li messitu din il-parti fis-saltna tiegħu, x'għamel proprju f'dan il-post tal-allat foloz? Bena belt… għalhekk Ċesarija ta' Filippu. Bena belt proprju fuq din l-art Banias. Semmieha Ċesarija, għal Ċesari, għall-Imperatur Ruman. Ma ninsewx li l-Lhud kienu taħt l-Imperu Ruman.

F'dan il-post sinjur, ta' divertiment, sal-lum għadek tara kemm kien hemm kostruzzjonijiet; huwa post fejn il-bini tarah madwarek il-ħin kollu, kostruzzjoni kull fejn tħares. F'dan il-post in-nies ma kellhomx alla wieħed f'min jemmnu: kellhom diversi ideoloġiji, diversi tipoloġiji, diversi ideat ta' kif ikun alla, ta' kif jista' jkun il-bniedem. L-idea ta' bniedem li kellhom dawn il-Lhud ta' Banias kienet proprju tixbah lil tagħna: l-importanti kemm għandek, l-importanti lil min taf, l-importanti kif tidher, l-importanti kemm għandek saħħa. Għalhekk għidtilkom jien li Banias ta' elfejn sena ilu qisha Malta u Għawdex tagħna llum. U mhux biss Malta u Għawdex tagħna llum, kullimkien fl-istess sitwazzjoni.

Ġesù, proprju f'dan il-post, jagħmel mistoqsija, li aħna kultant lanqas nifhmu sew. It-traduzzjoni preċiża tal-mistoqsija li għamel Ġesù: "In-nies min jgħidu li Jien, Bin il-bniedem?". Ġesù bażikament qed jagħmel żewġ mistoqsijiet f'waħda. It-traduzzjoni tagħna qiegħda: "Min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem?" (Mt 16:13). Traduzzjoni preċiża hija: "In-nies min jgħidu li Jien, Bin il-bniedem?". Ġesù qed jagħmel żewġ mistoqsijiet f'waħda.

L-ewwel waħda qiegħed jgħidilhom: Intom x'idea ta' bniedem għandkom? Min hu l-bniedem kuntent għalikom? Kif tkun realizzat bħala bniedem li tgħix fid-dinja, 40, 50, 60 sena? Għax ma kinux jgħixu aktar dakinhar. Kif tkun kuntent bħala bniedem? Din hi l-ewwel mistoqsija. Bir-raġun li jagħmilha din il-mistoqsija Ġesù, f'dak il-post fejn kollox mibni fuq il-poter, kollox mibni fuq il-ġid, fuq il-flus, fuq id-divertiment. Biss biss ngħidilkom li Salome, dik it-tifla ta' Erodja, li kienet żifnet quddiem Erodi Antipa, u minħabba fiha miet Ġwanni l-Battista, kien poġġut magħha, li kien jiġi z-ziju tagħha, it-tifla ta' ħuh Filippu. Tbaħrid ikrah, divertiment ikrah. Ġesù bir-raġun idur fuq dawn in-nies u jgħidilhom: Din l-idea ta' bniedem x'tgħiduli għaliha? L-idea li l-bniedem għandu l-iktar, il-bniedem li jidher l-isbaħ u l-aħjar, il-bniedem li jgħodd daqskemm jaf u lil min jaf, u l-bniedem li għandu s-saħħa. X'tgħidu għal din l-idea? Inkunu sinċieri: jien, Toni, infittixha f'ħajti din? Tmexxini din l-idea ta' bniedem f'ħajti? Jew forsi hemm aħjar, li forsi ta' min jirriskja, ta' min jafda? Ġesù din il-mistoqsija jagħmel hemmhekk.

U jagħmel oħra: Jien, il-bniedem li nippreżenta jien, x'jgħidilkom lilkom? X'taħsbu fuqu? Kif tarawh? Kif narawh il-bniedem li jħobb u li jippreżentalna Ġesù? Kif narawh il-bniedem li jaħfer, li jippreżentalna Ġesù? Kif narawh il-bniedem umli, li jippreżentalna Ġesù? Kif narawh il-bniedem li jagħmel il-paċi, u jipprova jżomm il-paċi ma' kulħadd, relazzjonijiet tajbin ma' kulħadd? Kif narawh il-bniedem li ma jpattix, kif inħarsu lejh aħna? Iblah, għadek lura, għadek temmen fil-ħmerijiet… Imbagħad nagħmlu festa lil San Pietru u San Pawl!

X'ġiegħel lil Pietru u lil Pawlu jagħmlu din il-mixja? U nikkonkludi biha, imma nixtieq li tibqa' f'moħħkom u f'widnejkom, mhux għal din is-sena – għax issa ġej is-sajf – imma minn Settembru u Ottubru li ġej. Pietru u Pawlu għarfu lil Ġesù Kristu, għal liema raġuni? Kif? Għax semgħu l-Kelma tiegħu, għalhekk għarfuh lil Ġesù Kristu. Pietru u Pawlu ma għarfux lil Ġesù għax raw xi grupp ta' nies jagħmlulu xi festa kbira. Pietru u Pawlu emmnu f'Ġesù Kristu għax semgħu li dan issallab, li dan sallbuh, li dan l-imħabba tiegħu wasslitu biex mhux talli ma jkunx qawwi, b'saħħtu u prepotenti, imma talli jinżel hu, jitbaxxa hu, biex ħaddieħor igawdi. Pietru u Pawlu saru jafu min hu Ġesù mhux biss għax semgħu lil min ikellimhom, imma għax fdaw f'dik il-Kelma, għax irriskjaw fuq dik il-Kelma. Aħna rridu nirriskjaw fuq il-Kelma ta' Alla, aħna mistednin biex il-Kelma ta' Alla neħduha ħafna iktar bis-serjetà milli neħduha. Għal qalb Pietru u għal qalb Pawlu l-Kelma ta' Alla hemm!

X'għandu Pawlu f'idu? Ix-xabla u l-ktieb tal-Kelma ta' Alla. X'għandu Pietru f'idejh? L-imfietaħ. Ara nimmaġinaw li huma mfietaħ ta' xi bieb. Huma l-imfietaħ li jgħinuna jiftħu t-tifsir tal-Kelma ta' Alla. Hija tradizzjoni li ġejja mir-Rabbini: kienu jagħtuhom l-imfietaħ. Meta Rabbi

jkollu student li studja taħtu, u jikkwalifika u jkun sar Rabbi, kien jagħtih iċ-ċwievet: 'Inti sirt kapaċi tispjega t-Torah; tista' tiftaħ it-Torah'. Dawn huma ċ-ċwievet tat-Torah u mhux iċ-ċwievet tal-poter. Għax Pietru issa jista' jiftaħ u jispjega l-Iskrittura. Jekk fuq kollox fiċ-ċentru tagħhom għandhom l-Iskrittura, kif l-Iskrittura ma tkunx fiċ-ċentru ta' qalbna, jekk aħna nħobbu tassew lil Pietru u lil Pawlu? Kif nista' ngħid li nħobb lil marti u lil żewġi, jekk dak li jħobb hu jew hi, jien ma nagħtix kasu? Kif nista' ngħid li nħobbha? Kif nista' ngħid li nħobbu? Kif nista' ngħid li nħobb lit-tfajla tiegħi, meta jekk issemmili xi ħaġa għal qalbha, ngħidilha: 'Issemmilix, ma rridx naf'. Kif nistgħu nħobbu lil Pietru u lil Pawlu jekk aħna ma naslux għand Ġesù permezz tal-Kelma?

Dan mhux qed ngħidu jien biss. Dan qalhulna l-Papa ftit tal-ġimgħat ilu, meta ġie hawnhekk. F'Ta' Pinu l-Papa rripeta għal seba' darbiet… imma aħna ma smajniex x'qal. Aħna għexna l-esperjenza sabiħa, rajna l-Papa, imma x'qal, dak mhux importanti! L-aqwa li għexna festa flimkien. Iva, dik tajba wkoll, imma l-essenzjal ma nitilfuhx. Il-Papa rripeta seba' darbiet sentenza: "Il-ferħ tal-Knisja hu l-evanġelizzazzjoni". Il-ferħ tal-Knisja hu li tħabbar il-Kelma ta' Alla! Seba' darbiet dan il-kliem qalu. Il-ferħ tan-Nisrani x'inhu? Minn qalbi nistedinkom: ippruvaw isimgħu l-Kelma. U verament il-ferħ tan-Nisrani jkun li jisma' l-Kelma. Verament li l-festa, in-nar, il-briju, l-armar, it-tiżjin tal-knisja, il-mużika jieħdu ħafna iktar sens jekk aħna nitilqu mill-esperjenza tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Il-festa, in-nar, il-marċ, ma jservux biex inessuna l-problemi, le; imma niġu aħna diġà kuntenti u salvati permezz ta' din il-Kelma, u niġu hawnhekk biex nifirħu; għax għandna għaliex nifirħu, għax aħna salvati.

L-aħħar kelma: Pietru u Pawlu kellhom problema, u problema kbira, u hija l-problema tiegħi. Dawn kien mingħalihom li ser isalvawh huma lil Ġesù Kristu. X'jiġifieri ssalva lil Ġesù Kristu? Li tibni Knisja għal Ġesù Kristu; tarma l-knisja għal Ġesù Kristu; tmur il-quddiesa għal Ġesù Kristu; titlob għal Ġesù Kristu; tagħmel il-penitenza għal Ġesù Kristu… dak kollu ma jgħodd xejn. Din kienet il-konverżjoni li kellhom jagħmlu Pietru u Pawlu meta semgħu l-Kelma ta' Alla. Mhux jien ser insalva lil Ġesù Kristu, imma hu ser isalva lili. Tiftakruha ta' Pietru, meta qala' s-sejf u beda jxejru. Ġesù qallu: "Erġa' daħħal sejfek f'postu" (Mt 26:52)… 'Titbellahx, tikkummidjax. Kieku rrid jien, pjazza pulita nagħmel, f'kemm trodd salib; imma jien ma ġejtx għalhekk. Jien ġejt biex insalva lilek, u mhux int ġej biex issalvani'. Pietru dam ma fehemha din. Il-ħin kollu pprova jsalvah, sakemm kien hemm tfajla ta' xi 14-il sena, u b'sempliċità sħiħa qaltlu: "Int m'intix ukoll wieħed mid-dixxipli ta' dan ir-raġel?" (Ġw 18:17). Pietru l-arja kollha marritlu, u nduna li mhux hu se jsalvah lil Ġesù. Meta niġi dahri mal-ħajt, mhux jien ser insalvah lil Ġesù. Hemmhekk induna li Ġesù kellu jsalva lil Pietru.

Ħafna drabi aħna dħalna fil-mentalità ta' fidi u reliġjon li rridu nagħmlu aħna xi ħaġa għal Alla. Din hija l-problema tal-Fariżej, l-istess waħda li kellu Pawlu. Insum, nagħmel karità, ngħodd il-liġijiet kollha, 613-il preċett; Fariżew fuq il-Fariżej kollha. Noqtol lill-Insara, biex proprju nagħmel xi ħaġa għalih. Dik il-kriżi li kellu fi triqtu lejn Damasku. Ħa nsalvah jien lil Alla? Le. Alla jsalvak hu… imma trid tħallih. Bl-inizjattiva tagħna, aħna nagħmlu, nagħmlu għalih, ma nħalluhx isalvana.

Ejjew inkomplu din l-Ewkaristija u niftakru li Ġesù ser jgħidilna: "Ħu, dan hu Ġismi". Dan ifisser li jien ma ġejtx għal Ġesù hawn; ma ġejtx biex nagħmel pjaċir lil Ġesù, lil San Pietru u San Pawl, imma ġejt biex Ġesù jagħmel pjaċir lili, ġejt biex nirċievi dan id-don hekk kbir li kien daqshekk għażiż għal qalbhom it-tnejn, li għalih mietu dawn. Xħin ikollna lil Ġesù fit-Tqarbin illum, ejjew nitolbuhielu din il-grazzja: Mulej Ġesù, għinni nagħraf, ninduna mqar ftit, imqar persentaġġ żgħir, x'kont tfisser għal dawk it-tnejn. Għinni, għidli x'għandi nagħmel, biex jien ukoll niggustak, biex għalija wkoll issir importanti, bħalma kont importanti għal dawk it-tnejn. Għalhekk nagħmlu Festa għal San Pietru u San Pawl!





# SAN PIETRU U SAN PAWL

## APPOSTLI U MISSJUNARJI

ANGELO XUEREB

San Pietru u San Pawl ġew magħżula minn Kristu nnifsu biex ikunu Appostli u pedamenti għall-ħidma missjunarja tal-Knisja tal-bidu.

### L-Appostli huma missjunarji

Sidna Ġesù Kristu għażel it-tnax-il Appostlu li jfakkruna fit-tnax-il tribù ta' Iżrael. U lil San Pawl sejjaħlu fit-triq ta' Damasku. Għalkemm ma kienx wieħed mill-kulleġġ tat-tnax xorta waħda kien iqis lilu bħala Appostlu: Huwa kien ukoll magħżul minn Kristu.

Kien Sidna Ġesù Kristu stess li lill-Appostli tiegħu riedhom ikunu missjunarji. Infatti huwa ordnalhom: "Morru mela għallmu l-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu kull ma ordnajtilkom. U, ara, jien magħkom sal-aħħar tad-dinja" (Mt 28, 19).

Il-Knisja sa mill-bidu tagħha kienet missjunarja. U proprju San Pietru u San Pawl taw kontribut partikulari sabiex il-Vanġelu jiġi pprietkat lid-dinja ta' dak iż-żmien.

### San Pietru

Għall-ewwel il-Knisja kienet qiegħda tinfirex qalb il-Lhud biss. Iżda Alla ried li tilqa' fiha l-ġnus kollha. F'Ċesarea kien ċenturjun ta'tjieba u karità tal-kumpanija, jgħidulha l-Italja. Kien qiegħed jitlob u deherlu anġlu u ordnalu biex imur iġib f'daru lil Pietru li kien qiegħed Joppe għand Xmun il-konzatur.

L-għada waqt li n-nies ta' Korneljus kienu sejrin għand Pietru, qabdu l-ġuħ u waqt li kienu qegħdin ilestulu xi ħaġa kellu viżjoni stupenda. Ra liżar nieżel mis-sema b'kull xorta ta' bhejjem u tjur. U leħen mis-Sema qallu biex joqtol u jiekol iżda Pietru wieġeb li ma kienx ser jiekol minn ikel li skont il-liġi Lhudija kien imniġġes. Iżda leħen reġa' ġie għat-tieni darba jgħidlu li dak li huwa nadif ma jistax jgħidlu maħmuġ.

Filwaqt li Pietru kien qed jaħseb x'setgħet kienet tfisser din il-viżjoni, waslu n-nies ta' Korneljus, u l-għada mar Ċesarea għandu li kien qiegħed jistennieh flimkien ma' qraba u ħbieb.

Ta' min jinnota d-diskors missjunarju li għamel fid-dar ta' Korneljus: "Tassew, qiegħed nara b'għajnejja li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, imma jogħġbu kull min, f'kull ġens, għandu l-biżgħa tiegħu u jagħmel is-sewwa" (Atti 10, 34-35). F'dik l-okkażjoni niżel l-Ispirtu s-Santu fuq dawk kollha preżenti. Imbagħad Pietru ordna li jitgħammdu f'isem Ġesù Kristu. B'hekk bil-magħmudija ta' Korneljus infetħu l-bwieb tal-Knisja għal dawk li ma kinux Lhud.

### San Pawl

San Pawl fehem ukoll b'mod qawwi li għandu jxandar lil Kristu mad-dinja ta' dak iż-żmien. Għal dan l-iskop għamel tliet vjaġġi missjunarji mad-dinja ta' dak iż-żmien. Dawn swewlu taħbit, perikli u persekuzzjonijiet. Huwa stess jikteb: "Mil-Lhud hames darbiet ħadt

l-erbgħin daqqa tas-swat neqsin waħda; tliet darbiet kont imsawwat bil-virgi; darba mħaġġar; tliet darbiet rajt il-għarqa; għamilt lejl u nhar f'nofs ta' baħar. Safar bil-mixi bla għadd, perikli tax-xmajjar, perikli tal-ħallelin, perikli mill-poplu tiegħi, perikli mill-pagani, perikli fil-belt, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli fl-aħwa qarrieqa, xogħol u taħbit, sahriet ta' sikwit, ġuħ u għatx, sawm bla għadd, bard u għera. U barra minn ħwejjeġ oħra, il-ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum, il-ħsieb tal-Knejjes kollha" (2 Korintin 11, 24-28). Ma' dawn irridu nżidu l-vjaġġ li għamel minn Ċesarea lejn Ruma fejn ra għarqa oħra f'Malta.

## Il-Konċilju ta' Ġerusalemm

Waħda mill-ewwel problemi kbar tal-Knisja kienet li ġew xi wħud mil-Lhudija li kienu jgħallmu li ċ-ċirkonċiżjoni kienet neċessarja wkoll għall-Ġentili. Pawlu u Barnaba sabu oppożizzjoni kbira minn dawk li riedu li l-pagani jridu jkunu ċirkonċiżi wkoll. Iżda huma marru Ġerusalemm għand l-Appostli u l-presbiteri. U b'hekk tlaqqa' l-Konċilju ta' Ġerusalemm li fih Pietru qatagħha li ċ-ċirkonċiżjoni ma għandhiex tiġi imposta fuq dawk li ma kinux Lhud. Ta' min isemmi li Pawlu u Barnaba stqarrew l-għeġubijiet li Alla għamel magħhom fil-ħidma missjunarja. Imbagħad l-Appostli u l-presbiteri bagħtu f'Antijokja ma' Pawlu u Barnaba lil Ġuda jgħidulu Barsabba u lil Silas.

San Pietru u San Pawl ma kinux jagħmlu dan ix-xogħol hekk ta' fejda kbira kieku ma kinux konvinti li Sidna Ġesù Kristu miet għal kulħadd u hekk il-Vanġelu jrid jitħabbar lill-ġnus kollha tad-dinja.











U beda jfissrilhom l-Iskrittura

PJAN PASTORALI - GĦAWDEX 2022-2023

IL-PJAN PASTORALI

# Inkomplu l-aġġornament dwar il-mixja fil-Pjan Pastorali

**"X`intom tgħidu?" 2021-2022**
**" U beda jfissrilhom l-Iskrittura" 2022-2023**

MARIA XUEREB

F`din il-ħarġa ser inkomplu naġġornawkom dwar is-sehem tal-parroċċa f'dak li qed isir fil-Pjan Pastorali mtella` mid-Djoċesi ta` Għawdex. Fil-ħarġa ta` Diċembru 2021 konna spiċċajna l-artiklu b'informazzjoni dwar il-velja tal-qaddisin li kienet saret f`Novembru 2021.

Wara din il-velja kien hemm żmien l-Avvent li kien imsejjaħ "Żmien it-Tħabbira". Id-Djoċesi kienet ħejjiet librett intitolat "il-Fidwa taghkom hi fil-qrib" li jinkludi ħsieb għal kuljum u li jimxi mal-liturġija tal-Kelma tal-Quddiesa. Mis-siltiet bibliċi ta` kull ġurnata kien indikat "dalma" u l-wegħda ta` "dawl" li se jiddi f`dik id-dalma. B`referenza għal dan il-librett saru diversi laqgħat fil-parroċċa li rrifflettew fuq dawn il-ħsibijiet. Kien hemm gruppi li għamlu din ir-riflessjoni waqt waħda mil-laqgħat regolari tagħhom, iżda tħejjew ukoll diversi laqgħat fil-knisja, fejn gruppi ta` kategoriji differenti ġew mistiedna biex jattendu u flimkien issir din ir-riflessjoni.

Nhar l-4 ta` Jannar 2022, kellna l-opportunità li nattendu għal-laqgħa mal-E.T. il-Kardinal Mario Grech fil-Knisja tax-Xewkija, fejn hu spjega x`qed isir f'din il-mixja tas-Sinodu tal-Isqfijiet filwaqt li qed jimxi b`mod parallel ma` dan il-Pjan Pastorali.

Għalhekk fil-fażi li kien imiss fil-Pjan Pastorali - dik tal-Eżami tal-Kuxjenza - saret Evalwazzjoni fil-gruppi. Il-gruppi nqasmu f`erba' kategoriji - Kelma, Liturġija, Servizz u Tfal. Ġew imħejjija erba' skemi ta` diskussjoni li nghataw lill-gruppi fejn dawn għinuhom isiru jafu iktar dwar x'inhu l-iskop, x`impatt qed nagħmlu f'din il-mixja ta` fidi, kemm inħossuna li aħna parti mill-knisja sħiħa u diversi domandi oħra. Bl-għajnuna ta` moderatur ma` kull grupp, li f`okkażjoni minnhom kien Monsinjur Isqof Teuma, għamilna bħal eżami tal-kuxjenza kemm għalina individwalment kif ukoll bħala gruppi. Dawn ir-rapporti ġew miġbura u ppreżentati f`Assemblea li saret fit-3 ta' Marzu 2022, fejn kienu preżenti l-Isqof Anton Teuma u Fr Daniel Sultana, Segretarju Pastorali. Dawn ir-rapporti inqraw minn rappreżentant ta` kull grupp jew għaqda. Fin-Nadur inġabru 24 rapport. Dan kien ukoll l-għeluq ta` fażi oħra fil-Pjan Pastorali Djoċesan.

Bdejna żmien ir-Randan "Talba ta` Maħfra" fejn tqassam sussidju lill-parroċċi kemm għal ċelebrazzjoni penitenzjali għall-kbar kif ukoll għat-tfal. Intalab ukoll li ssir laqgħa mill-Arċipriet/Kappillan ta` kull parroċċa mat-tliet kategoriji ta` ħidma. Fil-Parroċċa tan-Nadur saret stedina lill-gruppi kollha u din inżammet fis-17 ta` Marzu 2022. F`din il-laqgħa l-iskop ewlieni kien li wara li kien sar l-eżami tal-kuxjenza fil-fażi ta' qabel, fejn il-gruppi kienu għarfu l-modi ta' kif huma tbiegħdu mir-rieda ta` Alla, issa, fi żmien ir-Randan, jitolbuh maħfra u jikkonvertu. F`dan iż-żmien ukoll saret iż-żjara tal-Papa f`Malta u Għawdex u għalhekk fuq il-messaġġ ewlieni tal-Papa li ngħata f`Ta` Pinu, "il-Ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza", wieħed kellu iktar jirrifletti li d-Djoċesi tagħna hija għaddejja minn evanġelizzazzjoni kontinwa permezz ta` dan il-Pjan Pastorali. Għeluq is-sena ta` dan il-Pjan

Pastorali kienet kemm fil-Pentekoste u anke fil-festi tal-parroċċi fejn l-Isqof Teuma anke għamel aċċenn ta` dan waqt l-omelija.

Is-sena Pastorali 2022-2023 ibbażata fuq l-importanza tal-Bibbja, ingħatat it-tema " U beda jfissrilhom l-Iskrittura" (Luqa 24:27). Monsinjur Isqof kiteb ittra pastorali li fiha spjega l-skop u l-ħtieġa tal-Kelma. Mal-bullettin tqassam ukoll il-fuljett bid-dettalji ta` kif ser titqassam is-sena Pastorali.

F`Ottubru bdew il-laqgħat tal-gruppi u tad-duttrina tat-tfal u dawn ġew imħeġġa biex matul din is-sena fil-laqgħat tagħhom tingħata l-importanza lill-Kelma ta` Alla. Ingħatat formazzjoni lil diversi gruppi: dawk li jħejju ġenituri għall-magħmudija, letturi, ministri tat-tqarbin, dawk li jżejnu l-post sagru.

It-Tieni fażi tal-Pjan Pastorali tat il-bidu tagħha fl-ewwel Ħadd tal-Avvent fejn kull nhar ta` Ħadd bdiet issir Lectio Divina fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu mill-grupp tal-Biblisti. Rega` tqassam f`kull dar il-ktejjeb b`meditazzjonijiet dwar il-Kelma ta` kull jum tal-Avvent. Mill-Avvent bdiet ukoll issir riflessjoni qasira, ta' madwar tliet minuti f`kull quddiesa, dwar il-Qari tal-ġranet ferjali.

F`Jannar waqt ċelebrazzjoni tal-Kelma f`Ta' Pinu, l-Isqof Anton Teuma ta kopja tal-Bibbja lil kull koppja li qed tagħmel il-Mixja Katekumenali ta` Tħejjija għaż-Żwieġ.

Minn wara dan il-Ħadd beda t-tqassim tal-Vanġelu skont San Mattew, fejn f'kull parroċċa, permezz ta' voluntiera kemm lajċi u anke saċerdoti, dawn tqassmu f'kull dar, bieb bieb.

Fi Frar l-Isqof Anton Teuma ħejja żewġ ċelebrazzjonijiet għat-tfal u l-ġenituri li ser jirċievu s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof. Dawn saru f`żewġ ġranet differenti. Fix-xahar ta' Frar saru wkoll tlett'ijiem ta` formazzjoni dwar l-omelija, lis-saċerdoti kollha tad-Djoċesi, dwar il-Kelma. L-eżerċizzi li saru fil-parroċċi ffukaw ukoll fuq il-qawwa tal-Kelma li tbiddel il-qlub u li tagħti l-ħajja fejn hemm in-nixfa.

Ġie organizzat "outreach" kemm fuq livell Djoċesan kif ukoll fuq livell parrokkjali. Dak parrokkjali ġie koordinat mis-segretarji Pastorali, fejn wara li ntalbu l-ismijiet tal-voluntiera minn kull parroċċa, dawn tqassmu skont in-numru ta` bars u każini. Ingħatat tifkira u tħalla kwadru tal-Madonna Ta` Pinu f`kull stabbiliment.

Qrib it-tmiem tas-Sena Pastorali, ġiet organizzata lejla reliġjuza bl-isem "Shemà". Din saret fir-Rabat Għawdex. Ħafna mill-attivitajiet kellhom xejra Biblika.

Nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw lil dawk kollha li b`xi mod jew ieħor jgħinu biex dan il-Pjan Pastorali jkompli jħalli l-frott tiegħu kemm fil-parroċċa kif ukoll fi ħdan il-Knisja f'Għawdex.









# SWOR MARIA LUCIA AZZOPARDI *tal-Klarissi*

## KIF GĦEXU MAGĦHA ĦUTHA FIL-MONASTERU

Lucia Azzopardi, bint Carmel u Carmela neè Camilleri, twieldet in-Nadur fit-18 ta' Ottubru 1949 u ġiet mgħammda fl-istess ġurnata fil-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl. Kienet it-tieni wild minn fost erbat aħwa.

Minkejja li kienet persuna li tħobb il-ħajja, hija ma kinetx tfalli l-iljieli ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat ġewwa Sarrija. Dawn il-mumenti għenuha biex tagħmel pass kbir fil-ħajja tagħha. Bil-għajnuna ta' Dun Ġwann Scicluna u Monsinjur Rużar Borg hija għarfet aktar is-sejħa li l-Mulej kien qed jagħmlilha u nhar it-3 ta' Ottubru 1967, fl-età ta' 17-il sena, Lucia ħalliet lill-familja biex tingħaqad mas-Sorijiet ta' Santa Klara bħala postulanta.

Sena wara, fit-3 ta' Ottubru 1968, hija bdiet is-sentejn tagħha ta' formazzjoni fin-Novizzjat u ngħatat l-isem ta' Swor Maria Lucia tal-Madonna ta' Fatima. Fl-1 ta' Novembru 1970 għamlet il-Professjoni Temporanja u hawn ngħatat ix-xogħol bħala sagristana u fil-25 ta' Novembru 1973 qalet l-'iva' tagħha għal dejjem bil-Professjoni Perpetwa.

Għal 55 sena għexet bħala soru esterna fejn kienet anke tilqa' lin-nies meta kienu jiġu jħabbtu l-bieb tal-Monasteru jew iċemplu għat-talb. Kienet dejjem lesta li tisma' bl-imħabba kollha u tqawwi l-qlub tal-persuni billi tassigurahom li Alla jinsab magħhom u li s-sorijiet kienu ser jitolbu għalihom. Matul dan iż-żmien, kulfejn kienet tmur dejjem uriet il-ferħ u l-grazzja tas-sejħa bħala Klarissa u soru kontemplattiva.

Swor Maria Luċia kienet tħobb tgħid: Grazzi Mulej għad-don tas-sejħa. Jekk ikolli nerġa' nitwieled, nerġa' nsir Klarissa. Kienet iżżid: kemm nixtieq li iktar tfajliet jagħrfu s-sbuħija li tkun ta' Ġesù! Il-vokazzjoni kienet tħobbha ħafna u baqgħet tħobb il-ħin tas-skiet quddiem Ġesù Ewkaristija sal-aħħar.

Nistgħu ngħidu li Swor Maria Lucia kienet tassew soru eżemplari. Kuljum kienet tħabrek għat-talb. Kellha devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Pinu u r-Rużarju kienet l-iktar talba għal qalbha. Kienet turi ħafna mħabba lejn l-aħwa tal-komunità u dejjem b'xi ċajta lesta fil-komma. Hija kellha don tassew sabiħ u kienet taf tferraħ lill-oħrajn.

Meta kien jasal iż-żmien tal-Milied kienet tistagħġeb fuq il-presepji u t-tiżjin. Kienet tipprepara t-tiżjin tal-kappella b'ħerqa kbira u biex tara li Ġesù jkollu dejjem l-aħjar. Hekk kienet tħobb tgħid: Ġesu' jixraqlu l-aħjar u l-isbaħ.

Kien propju f'dan iż-żmien tal-Milied li Alla ried jieħu miegħu lil din oħtna. Fit-3 ta' Jannar 2023, Swor Maria Lucia ddaħħlet b'urġenza l-isptar Mater Dei u minn testijiet li għamlulha rriżulta li kellha emoraġija interna. It-tobba għamlu li setgħu, imma l-Mulej kellu pjan ieħor. Ried jilqa' lill-għarusa tiegħu għal dejjem.

Kien nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2023, festa tal-Magħmudija ta' Sidna Ġesù, fl-erba' u nofs ta' waranofsinhar, meta r-ruħ tal-għażiża oħtna ttajret biex tiltaqa' mal-anġli li tant kienet tħobb, ma' Sidtna Marija, ma' Missierna San Franġisk, Ommna Santa Klara, fil-glorja tal-Mulej.

Il-funeral sar nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2023, fil-Kappella tal-Monasteru f'San Ġiljan. L-għadd ta' dawk li ssieħbu għal din iċ-ċelebrazzjoni wrew kemm Swor Maria Lucia kienet maħbuba u kemm dik it-tbissima u l-preżenza tagħha ressqet erwieħ lejn Alla.

Il-ġisem tagħha tpoġġa fiċ-ċimiterju li jinsab fil-Monasteru. Kien propju fil-ġurnata li għalaq żmien il-Milied. Il-Monasteru kien għadu mżejjen u aħna li nafu kemm kienet tħobb dan iż-żmien, hija u tiġi mwassla saċ-ċimiterju nxtegħel id-dawl kollu li kien hemm fil-kjostru tal-Monasteru.

Aħna nsellmulha u ngħidulha: strieħ fis-sliem għażiża oħtna u itlob għalina kif aħna żgur ser nibqgħu nitolbu għalik u ma ninsewk qatt. Irroddu ħajr 'l Alla li tana l-grazzja li ngħixu miegħek u flimkien miegħek. Infaħħru wkoll 'l Alla bil-kliem ta' Ommna Santa Kjara: TKUN IMBIEREK MULEJ ILLI ĦLAQTNI!



# DUN MIKIEL ATTARD F'TA' PINU

FR. REUBEN MICALLEF
VIKARJU PARROKKJALI – NADUR

Biex u meta l-Knisja tiddikjara lil xi ħadd minn uliedha bħala "Qaddis" (ikkanonizzat) tagħmel proċess serju ħafna u b'ħafna rqaqat fuq il-ħajja ta' dik il-persuna, u dan jieħu ħafna żmien u xogħol kbir.

Fil-proċess tal-Beatifikazzjoni, skont il-protokoll tal-Vatikan (Santa Sede / Kongregazzjoni tal-Qaddisin) hemm mument fejn il-fdalijiet tal-Qaddej t'Alla jiġu identifikati b'att notarili flimkien mal-familjari, li huma awtentiċi (*hekk imsejjaħ survey fuq il-qabar*). Fuq Dun Mikiel dan sar nhar is-27 ta' Jannar 2022. Wara, b'att notarili ieħor, il-fdalijiet ġew ikkonsenjati / mogħtija / afdati mill-familjari lill-Postulazzjoni tal-Beatifikazzjoni nhar it-18 ta' Marzu 2022.

Imbagħad nhar it-Tnejn 8 t'Awwissu 2022 saret l-eżumazzjoni tal-fdalijiet mill-qabar u beda x-xogħol ta' tindif u konservazzjoni tal-fdalijiet u dan dam sejjer tlett ijiem. F'dan l-istadju jiġu kkonservati dawk l-affarijiet (il-ħwejjeġ kollha tat-tkeffin li jinsabu fit-tebut inkluż it-tebut stess) f'kontenituri apposta biex jinżammu f'post sigur. Filwaqt li l-fdalijiet ġew imnaddfa b'mod u b'reqqa kbira ġew poġġuti ġo kaxxa tal-Perspex apposta b'ċertu ordni, ħalli aktar 'il quddiem jiġu identifikati b'ċerta faċilità. Dan ix-xogħol sar minn équipe ta' madwar 13-il persuna mid-Dipartiment tal-Forensika tal-Pulizija ta' Malta. Ta' min jinnota li dan ix-xogħol sar b'mod professjonali għoli. Nhar l-Erbgħa 10 t' Awwissu dawn il-fdalijiet, mal-oġġetti kollha, ġew meħuda b'kortew

funebri mill-istess korp tal-Pulizija miċ-Ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata fin-Nadur għas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu fl-Għarb. Waqt dawn il-granet kien hemm ukoll il-preżenza assidwa tal-Postulazzjoni fil-persuna ta' Fr. Dominic Sultana.

Il-fdalijiet ġew poġġuti f'qabar ġdid li kien ipproġettat u maħdum minn Dun Roberto Gauci, (*Direttur taċ-Ċentru tal-Arti Liturġika Eikon*). L-irħama bajda fuq il-qabar ġdid, li jinsab fil-paviment tan-nava tal-lemin tal-Bażilika, li jiġi fuq ix-xellug tal-Altar iddedikat lit-Tħabbira tal-Mulej, iġġib fuqha l-isem, li huwa photocopy tal-firma ta' Dun Mikiel, flimkien mad-dati tat-twelid u l-mewt tiegħu.

Dan ix-xogħol kollu ried ikun magħmul b'forma privata, dejjem skont il-protokoll tas-Santa Sede, u għalhekk il-Komunità Nisranija ma setgħetx tkun mistiedna pubblikament biex tieħu sehem f'dan istadju.

Dun Mikiel issa qiegħed fis-Santwarju ta' Pinu fejn l-Għawdxin u l-Maltin ikunu jistgħu iżuruh u jitolbuh b'aktar faċilità.

Ta' min jinnota li:

a. Il-Post f'Ta' Pinu ġie magħżul mill-Postulazzjoni għax Dun Mikiel kien devot kbir u promotur tal-ispiritwalità madwar dan is-Santwarju.

b. Dun Mikiel (1933-2004) tpoġġa fil-qabar ġdid propju fl-aħħar Erbgħa tal-Madonna u lejliet il-Velja tal-Assunta (li tagħha kien l-ideatur 25 sena ilu). Il-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, saċerdot djoċesan Għawdxi min-Nadur, kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna Ta' Pinu u għożża speċjali għas-Santwarju tagħha, li hu kien isejjaħlu "oasi ta' paċi", u fejn hu waqqaf il-'*Gym Talb Madonna Ta' Pinu*', kif ukoll ħolom li jibda esperjenza ta' ħajja kontemplattiva maskili. Kien bit-tħeġġiġ tiegħu li proprju 25 sena ilu, fl-14 t' Awwissu 1997, inżammet għall-ewwel darba l-Velja tal-Assunta li għadha tiġi ċċelebrata kull sena sal-lum fuq iz-zuntier tas-Santwarju, kif xtaqha hu, bħala manifestazzjoni esterna ta' mħabba Marjana.

c. Darba Dun Mikiel f'laqgħa tal-GYM-Talb f'Ta' Pinu kien qal li kellu xewqa li jgħix, imut u jindifen f'Ta'Pinu!

d. Waqt li l-poplu ta' Alla huwa mħeġġeġ ikompli jitlob għall-glorifikazzjoni ta' Dun Mikiel anki waqt li jżur il-qabar tiegħu fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, kull tagħrif dwaru jew grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tiegħu għandhom jiġu riferuti lill-Uffiċċju tal-Postulazzjoni tal-Kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel Attard, Kurja tal-Isqof, Victoria.

Niskopru s-sbuħija tal-**iSpiritwalità** tal-Qaddej ta' Alla,

# Dun Mikiel Attard,

Saċerdot Djoċesan.

Aħna n-Nadurin għandna nħossuna **moralment mistiedna** għal din il-**Laqgħa ta' Talb**, kull nhar it-**Tielet Erbgħa** fil-Knisja Parrokkjali tagħna fis-6.15 pm (Xitwa 5.45 pm.)

Ejja int u ġib li xi ħaddieħor miegħek!

# Il-Qabar tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard




**Il-lapida** tal-qabar tal-Qaddej ta' Alla **Dun Mikiel Attard** fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu hija waħda sempliċi iżda simbolika fl-elementi tagħha. L-astroloġija pagana torbot id-destin tal-bniedem mal-kewkba li jitwieled taħtha. Dan it-tip ta' destin huwa wieħed għama, fatali, li l-bniedem ma jistax jaħrab minnu.

Fil-viżjoni Kristjana wkoll hemm destin li Alla fassal għal kull bniedem. Iżda dan id-destin huwa sejħa, vokazzjoni, li quddiemha l-bniedem huwa liberu jekk iweġibx jew le. L-istorja tal-persuna, il-personalità, ir-relazzjonijiet u t-talenti huma strumenti biex titwettaq din is-sejħa fil-ħajja tal-bniedem. Id-data tat-twelid ta' Dun Mikiel hija mmarkata b'kewkba, li turi li t-twelid tiegħu huwa sejħa minn Alla li tah il-ħajja. Fil-ħajja kollha tiegħu, Dun Mikiel dejjem fittex li jagħraf din is-sejħa ta' Alla u jikkopera magħha.

Fin-nofs tal-lapida jidhru l-kelmiet Dun Mikiel Attard, immudellati fuq il-firma tiegħu stess. L-isem għandu tifsira teoloġika, għax juri li l-bniedem mhux numru, imma iben, li l-Missier isejjaħlu b'ismu. Fit-tradizzjoni biblika l-isem juri l-essenza tal-persuna. Mikiel ifisser "Min hu bħal Alla?". Tassew li Dun Mikiel wera bil-ħajja tiegħu li xejn u ħadd ma hu bħal Alla, u li jistħoqqlu li jkun moqdi u maħbub 'il fuq minn kull ħaġa oħra. F'Dun Mikiel, din il-qawwa ta' Alla dehret fis-sempliċità tal-karattru u l-ħajja tiegħu, iżda wkoll b'mod misterjuż fil-mumenti li fihom kien l-aktar dgħajjef.

Meta wieħed jiffirma, ikun qed jagħti kunsens, jikkonferma r-rieda tiegħu. Għalhekk għażilna li nużaw il-firma ta' Dun Mikiel biex nuru li bil-ħajja tiegħu huwa għamel tiegħu u kkonferma dak li Alla ried minnu. Il-Vanġelu ta' Ġesù Kristu mhux ideoloġija astratta, imma jsir ittra ħajja, fil-ħajja ta' kull bniedem li jemmnu u jgħixu. Il-ħajja ta' kull Nisrani veru hija bħallikieku verżjoni personali tal-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu.

Id-data tal-mewt ta' Dun Mikiel hija ppreżentata bil-mod u s-simboli li bih jiġi mmarkat il-blandun fil-Lejl tal-Għid. In-numri tad-data huma ingastati mas-salib glorjuż, għaliex il-mewt ta' Dun Mikiel issir tisħib mal-Għid ta' Kristu, li miet u li qam mill-mewt. Id-data tal-mewt mhix siparju li jingħalaq, imma hi l-ħajja li tidħol f'dimensjoni ġdida, dimensjoni Paskwali. Dun Mikiel kien dejjem jisħaq fuq il-Misteru Paskwali bħala l-qalba tal-fidi tagħna. It-talba għall-beatifikazzjoni tiegħu hija, frott it-tama ta' ħafna fidili, li huwa diġà qiegħed jaqsam ma' Kristu l-glorja tal-Qawmien.

*(Noti miktuba minn Dun Roberto Gauci, Direttur taċ-Ċentru tal-Arti Liturġika Eikon)*

# WIRJA TAL-BEATU CARLO ACUTIS

## DWAR L-EWKARISTIJA FIL-BAŻILKA TAN-NADUR

MIRIAM MUSCAT

Fost Insara li taw xhieda qawwija tal-fidi tagħhom fi żminijietna, insibu bla dubju ta' xejn liż-żagħżugħ Carlo Acutis, li twieled ġewwa Londra fit-3 ta' Mejju 1991. F'Settembru ta' dik is-sena missieru u ommu, Andrea Acutis u Antonia Salzano, iddeċidew li jmorru jgħixu ġewwa l-belt ta' Milan. Kien jattendi skola tal-Ġiżwiti ġewwa din il-belt.

Carlo kien iħobb jilgħab il-playstation u anke jivvjaġġa. Fi żmien meta tfal bħalu kienu jużaw il-computer biex jilagħbu, Carlo beda jfittex informazzjoni u xbihat dwar mirakli Ewkaristiċi li saru madwar id-dinja. Żar bosta postijiet fejn saru wħud minn dawn il-mirakli u seta' jieħu ritratti tagħhom huwa stess. Sal-2005, fuq il-website tiegħu rnexxielu jtella' l-informazzjoni dwar kull miraklu ewkaristiku li seħħ fid-dinja.

Meta kellu 15-il sena marad bil-lewkemja. Kien batut ħafna bil-marda iżda għaraf joffri t-tbatija kollha għall-Papa u għall-Knisja. Miet fit-12 ta' Ottubru 2006 fl-età ta' 16-il sena. Il-Knisja ddikjaratu beatu fl-10 ta' Ottubru 2020, 29 sena minn twelidu. Fl-Omelija tal-Beatifikazzjoni tiegħu li saret fil-Bażilka ta' San Franġisk ġewwa Assisi, il-kardinal Agostino Vallini ddeskrivieh bħala "Iż-żagħżugħ tat-tieni millennju li għex il-qdusija".

Malajr bdiet tixtered id-devozzjoni lejn dan iż-żagħżugħ eżemplari u fost dawk li bdew jippromwovu u jxerrdu id-devozzjoni tiegħu lejn l-Ewkaristija hemm ukoll ommu Antonia. Fost l-attivitajiet li organizzaw hemm wirja li tinkludi madwar 150 ritratt ta' dawn il-mirakli meħudin minn Carlo nnifsu. Din il-wirja qed tintwera mad-dinja kollha għax kif xtaq hu ried juri lid-dinja dan ir-rigal ta' Ġesù ħaj fl-Ewkaristija.

Il-wirja Ewkaristika ta' Carlo Acutis waslet ukoll in-Nadur fuq inizjattiva ta' Mons. Salv Muscat, li ħa ħsieb jikkoordina ix-xogħol biex din setgħet tittella' ġewwa l-knisja. Din il-wirja saret possibbli bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Infetħet fit-8 ta' Novembru 2022 wara ċelebrazzjoni speċjali għat-tfal kollha fil-knisja mmexxija mill-Arċipriet Mons Jimmy Xerri fl-okkażjoni tal-festi f'ġieħ San Koronatu. Damet miftuħa sat-13 tax-xahar u għall-qima kien hemm ukoll relikwija tal-beatu. Il-Parroċċa tagħna qed toffri ukoll li tislef din il-wirja lil dawk il-parroċċi li jkunu interessati li jesebuha.

Minħabba li ma setgħetx tattedi għall-ftuħ ta' din il-wirja, omm Carlo Acutis, Antonia, għamlitilna messaġġ virtwali permezz tal-internet. Dan il-messaġġ intwera fil-Bażilka qabel il-ftuħ tal-wirja. Dawn li ġejjin huma xi punti mill-messaġġ tagħha:

***Xtaqt nirringrazzjakom talli qed tesebixxu din il-wirja ta' Carlo dwar l-Ewkaristija għaliex bħalma tafu hu kien iħobb ħafna lil Ġesù Ewkaristija. Carlo kien iħobb jgħid "L-Ewkaristija hija t-triq tiegħi għall-Ġenna".***




Huwa għamel l-Ewwel Tqarbina tiegħu meta kellu 7 snin. Minn dakinhar iddeċieda li jibqa' dejjem magħqud ma' Alla. "Dan hu l-programm ta' ħajti" kien jgħid. Beda jmur il-quddies u jitqarben kuljum u jagħmel l-adorazzjoni kuljum, qabel jew wara l-quddiesa. Għal Carlo l-Ewkaristija veru kienet it-triq lejn il-ġenna għax kien jifhem li meta nitqarbnu nirċievu l-Preżenza Vera ta' Alla ġewwa fina. U f'dak il-mument il-Mulej jagħmel trasfigurazzjoni ġewwa fina, jidħol fina fid-DNA tagħna, u mhux biss ibiddel lil ruħna imma wkoll lil ġisimna għaliex fil-verità aħna għandna bżonn l-għajnuna

ta' Ġesù. Il-Mulej jgħinna nirbħu fuq l-inklinazzjoni tagħna għad-dnub u jfejjaqna kompletament minn din il-ġerħa u jagħmilna perfetti. Ejja nduru lejn il-ktieb tal-Levitiku fejn Alla jgħid: "Kunu qaddisin għax jien Qaddis". Għalhekk hemm proġett speċjali għal kull wieħed u waħda minna; kull wieħed u waħda minna msejħin biex insiru qaddisin. Alla jagħtina s-Sagramenti li bihom aħna nitrejqu għall-qdusija.

Carlo kien jgħid li biex wieħed jgħix ma' Ġesù illum huwa aktar faċli milli kien għan-nies li kienu jgħixu miegħu elfejn sena ilu. Dan għaliex minkejja li dawn in-nies setgħu jaraw u jmissu lil Ġesù, fil-verità ma kienx daqshekk faċli għalihom għaliex Ġesù ħafna drabi kien ikun imdawwar b'folol kbar ta' nies. Ir-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù ma kenitx daqshekk immedjata. Allura Carlo kien jgħid li hu aktar faċli għalina li mmorru ġewwa l-eqreb knisja qrib id-dar tagħna fejn hemm Ġerusalemm. Ġerusalemm tinsab maġenb id-dar tagħna. Darba stednuh biex imur Ġerusalemm u huwa qal: "M'għandix għalfejn immur Ġerusalemm għax din qiegħda maġenb id-dar. It-Tabernaklu għandu jiġi invistat bl-istess zelu u bl-istess imħabba li wieħed ikollu meta jmur Ġerusalemm, għaliex Ġerusalemm tinsab viċin id-dar. Għalhekk għandna tassew immorru aktar spiss ħdejn Ġesù fit-Tabernaklu."

Carlo kien ukoll jistaqsi għaliex insibu kjus u folol kbar ta' nies fejn il-grounds tal-futbol, biex jaraw lil xi atturi jew influencers imbagħad ma narawx dawn il-folol quddiem it-Tabernaklu? Naraw folol ta' nies kullimkien imma ma narawx folol quddiem Ġesù fit-Tabernaklu! Allura dan ifisser li ma hemmx fidi. In-nies mhix tifhem l-importanza ta' Alla fostna. Carlo kien jagħmel kollox għal Ġesù, permezz ta' Ġesù u ma' Ġesù. Għaliex? Kien tant magħqud ma' Ġesù f'kollox li f'moħħu kien iħoss il-preżenza vera ta' Alla. Dak kollu li kien jagħmel kien biex jogħġob u jfaħħar lil Alla. Jekk irridu nkunu xhieda ta' Alla għandna bżonn inkunu xhieda veri li nemmnu u ndaħħlu l-ħajja spiritwali tagħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum; hemm bżonn li nkunu bħalma tgħidilna l-Iskrittura: "kunu id-dawl tad-dinja".

Carlo kien jgħid li Ġesù hu mħabba u dak li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-aktar importanti huwa li nħobbu lil Alla fuq kulħadd u nħobbu lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna. Mela meta nirċievu l-Ewkaristija nirċievu l-imħabba għax San Ġwann l-appostlu qal li Alla huwa mħabba; mela meta nirċievu l-Ewkaristija Ġesù jgħinna biex insiru aħjar, biex inżidu l-ħila tagħna li nħobbu lil Alla u lill-proxxmu. U fl-Ewkaristija hemm konnessjoni speċjali ma' Alla. Fl-evanġelju Ġesù jgħid, "Meta wieħed jiekol Ġismi u jixrob Demmi jiena nibqa' fih u nqajmu fl-aħħar jum." (Ġ.K6). Alla wiegħed għaqda speċjali. U Carlo fehem dan kollu, fehem din l-għaqda permezz tas-Sagrament imqaddes.

U tassew nittama li l-laqgħa tagħkom ma' Carlo permezz ta' din il-wirja tgħinkom biex issiru aktar twajba u aktar qaddisin biex tilħqu dak li mill-eternità Alla ħejja fil-proġett speċjali tiegħu għal kull wieħed u waħda minna. Carlo kien jgħid li aħna nitwieldu "oriġinali" imma ħafna minna jmutu bħala "fotokopja". Biex ma mmutux bħala fotokoja huwa importanti li nilħqu l-objettivi ta' qdusija billi nwettqu dan il-proġett imħejji għalina minn Alla. Il-qdusija li ħejja għal kull wieħed u waħda minna; aħna lkoll speċjali; int speċjali u għandna l-għajnuna speċjali ta' Alla li hu magħna. U kull wieħed u waħda minna għandu japprofitta minnha bħalma kien jagħmel Carlo. Carlo fetaħ qalbu għal Alla u ħalla lil Ġesù jidħol f'qalbu u jkun s-sid ta' ħajtu. U meta aħna nħallu lil Ġesù jidħol f'qalbna, aħna nsiru kapulavuri, għax Alla biss jista' jagħmilna hekk.

Għalhekk nixtieqilkom kull ġid u nwiegħedkom it-talb tiegħi filwaqt li nitlob it-talb tagħkom biex Carlo jiġi kanonizzat. U jekk jogħġobkom imxu fuq l-eżempju ta' Carlo: għidu r-rużarju kuljum, aqraw l-Iskrittura Mqaddsa kuljum, Isimgħu Quddiesa kuljum, għamlu adorazzjoni Ewkaristika kuljum. Qabel ma mmur nixtieq ngħidilkom xi ħaġa dwar l-importanza tal-Adorazzjoni. Carlo kien jgħid li meta wieħed joqgħod fix-xemx jittieħed minnha, imma meta wieħed joqgħod quddiem Ġesù Sagramentat dan jittieħed mill-qdusija. Meta titolbu quddiem Ġesù Sagramentat Alla jagħtikom ħafna grazzji. U Carlo dan esperjenzah f'ħajtu. U huwa importanti li nitolbu biex Alla jgħinna nnaddfu dak li hemm ħażin fina. Carlo kien ixebbah dan ma' kamra mudlama. Meta nkunu f'kamra fid-dlam u jidħol xaqq ta' dawl minn tieqa nkunu nistgħu naraw dak il-frak tat-trab li normalment ma narawx meta ma jkunx hemm dak ir-raġġ ta' dawl. U permezz tal-Adorazzjoni Ewkaristika Alla jgħinna naraw dak it-trab li għandna f'qalbna, dawk il-ħwejjeġ li għandna nibdlu biex insiru aktar qaddisin u nixbħu aktar lil Alla. U għalhekk l-Adorazzjoni Ewkaristika hija mezz qawwi li jgħinna nsiru aktar qaddisin. Għalhekk inħeġġiġkom biex tagħrfu tapprofittaw minn din il-qawwa u ssiru aktar devoti tas-Santissmu Sagrament u tadurawh mhux biss waqt il-quddiesa imma anke fis-skiet.

Kunu ċerti li din twassalkom malajr fit-triq tagħkom lejn il-Ġenna. Ftakru dak li għidtilkom u ppruvaw imitaw lil Carlo għax Alla jħobbkom ilkoll u jridkom issiru twajba u speċjali. Il-Mulej iberikkom u grazzi ħafna.

*Grazzi lil Mons. Salv Muscat għat-tagħrif li tagħna*

# Patri Pietru Pawl Meilak ofm

## 10 SNIN MILL-MEWT TIEGĦU

# MISSJUNARJU, IMMA IKTAR

MONS. SALV GRIMA

Għalkemm għadda l-aħħar 6 snin irtirat fostna fil-kunvent ta' Sant'Antnin, Imġarr, fl-Arka, Għajnsielem, u fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara, fejn miet fl-4 ta' April 2013, Patri Pietru Pawl Meilak OFM nafuh l-iktar bħala missjunarju għall-21 sena (1986 – 2007) li għadda f'żewġ pajjiżi fl-Amerka Ċentrali, Honduras (1986-1991, 1994-2007) u Gwatemala (1991-1994).

Meta tħabbret il-mewt ta' Patri Pietru Pawl ta' 91 sena dritt saru jafu biha fil-Gwatemala kif għarrafna Dun Ġużepp Camilleri (Xewkija) b'messaġġ li kien bagħtilna: "L-aħbar tal-mewt ta' P. Pietru Pawl xterdet bħal leħħa ta' berqa fostna. Kulħadd kien kelma waħda: Saċerdot qaddis. Bdejt nisma' min jgħid: dak għammidni, mingħandu rċivejt l-ewwel tqarbina. Għalkemm dam biss ftit snin f'Jalpatagua, il-kappelli li bena, il-faqar fi lbiesu u b'mod speċjali l-ispiritwalità tiegħu; kien bniedem li diffiċli jintesa għal ħafna nies.

Dun Ġużepp stess jibqa' jgħożżu għax kif stqarr: "Personalment jien dovut ħafna lejh. Kien hu li għenni biex nagħmel pass 'il quddiem u nħalli warajja dak li tant inħobb - il-familja tiegħi. Illum inħossni ferm rikonoxxenti lejh. Jalla minn fejn jinsab jitfa' ħarstu fuqna u jimliena bl-istess spirtu ta' mħabba li kellu lejn il-Mulej" (7-4-2013).

L-istorja ta' Dun Ġużepp bdiet meta skont hu kien ġie f'idejh kalendarju ta' Patri Pietru Pawl li konna nqassmu fil-parroċċa. Iżda jżid jirrakkonta: "Niftakar l-ewwel mawra tiegħi fil-Gwatemala seħħet f'Novembru 1992. Konna grupp ta' ħamsa, il-kbir fosthom kont jien ta' 61 sena. Fl-ajruport ta' Guatemala City kien qed jistenniena P. Pietru Pawl, Franġiskan min-Nadur.

"Il-ħsieb tagħna kien li ngħaddu xahar u nofs u mill-ġdid nirriturnaw lejn Malta. Iżda meta rajt tant nuqqas, u ta' min itaffi ftit mill-miżerja li tfaċċat quddiemi, għedt lili nnifsi: "x'sejjer nagħmel Malta meta hawn tant bżonn li wieħed jgħallem, jisma', ifejjaq u jtaffi tant faqar ta' madwarna".

Hawn kompliet tissaħħaħ is-sejħa missjunarja tiegħu sakemm fl-1995 Dun Ġużepp beda ħajtu fil-Gwatemala, hekk kif P. Pietru Pawl kien reġa' mar lura fil-Honduras. Sadattant is-seminarista Anton Grech minn Victoria għoġbu jgħaddi s-sena intermedjarja tiegħu mill-1993 - 94 fil-missjoni ta' Patri Meilak.

Nistgħu ngħidu li kien minn hawn ukoll li nibtet u kibret is-sejħa missjunarja ta' Dun Anton tant li wara li ġie ordnat fl-1997 huwa mar il-Gwatemala fejn għadu sal-lum bħala kappillan.

Għaddew is-snin u Dun Ġużepp Camilleri kompla jurina l-frott tal-vokazzjoni ta' ċertu Patri Peralta, Franġiskan, li ġie ordnat fl-2007. Jirrakkonta li kienu "għaddew 15-il sena meta ltqajt miegħu l-ewwel darba bħala żagħżugħ. Ħarisna lejn xulxin u tani x'nifhem li l-grazzja li kien qed jirċievi kienet frott l-imħabba u l-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani Maltin, fosthom Patri Pietru Pawl Meilak OFM.

"Kif poġġejt idejja fuqu tlabt lill-Mulej sabiex iżommu fl-imħabba tiegħu. Bdejt nirrifletti waħdi fuq it-tjubija tal-Mulej li għoġbu jinqeda bina. F'kelmtejn fl-aħħar, Patri Peralta rringrazzja lil dawk li għenuh waqt li f'isem sħabu l-Franġiskani radd ħajr lill-Maltin kollha għax bl-għajnuna tagħhom u b'mod speċjali tal-komunità Franġiskana li fi ħdanha sab appoġġ qawwi għas-sejħa tiegħu".

Kien kumment f'postu ħafna. Patri Pietru Pawl kellu tassew għal qalbu l-vokazzjonijiet, kemm reliġjużi kif ukoll saċerdotali flimkien ma' dawk missjunarji. Tul is-snin li dam fil-missjoni waslulu 278 Borża ta' Studju mingħand il-benefatturi, l-iktar Għawdxin, li kien joffrilhom tagħrif fuq l-istudenti kif ukoll ritratt tagħhom.

Huwa fatt li nistgħu nħarsu lejn Patri Pietru Pawl bħala missjunarju, imma iktar minn hekk. Żgur li din lx-xewqa mal-premura tiegħu għandhom ikunu ta' messaġġ għalina wkoll fejn jidħlu sejħat saċerdotali, reliġjużi u missjunarji.









# Patri Pietru Pawl Meilak ofm

## 10 SNIN MILL-MEWT TIEGĦU

DUN ĠUŻEPP CAMILLERI

Darba f'sena, il-parroċċa tan-Nadur tippubblika ktejjeb bl-isem Luminaria, ktejjeb li jitfa' dawl fuq nies li ħadmu bis-sħiħ fi ħdan il-komunità parrokkjali kemm ħajjin u kemm dwar dawk li telqu qabilna fosthom saċerdot qalbieni li din is-sena qed infakkru l-għaxar anniversarju minn mewtu: dan kien Patri Pietru Pawl Meilak.

P. Pietru Pawl għadda ħajtu fil-missjoni, jgħallem, jitma', ilibbes, jibni djar u kappelli, dejjem bi skop wieħed kif kont nisimgħu dejjem jgħid: "Kollox għall-imħabba t'Alla." Kien hu li sawwar fija s-sejħa missjunarja. Niftakar qisu bħalissa, 30 sena ilu: konna grupp ta'sitta min-nies; jien l-ikbar fl'età fosthom. Mal-wasla tagħna fi Gwatemala, hemm kien Patri Pietru Pawl, biex jilqagħna ġie; "Bienvenidos a Guatemala," qalilna (merħba fi Gwatemala). Mal-wasla tagħna fil-parroċċa fejn kien iservi hu bħala kappillan, ġejna mdawrin b'ruxxmata tfal li kienu jistennewna. Qsamna magħhom il-ftit li ġarrejna magħna, ħelu u anki xi ħwejjeġ u dritt tlaqna għar-raqda tal-lejl kemm kemm nistgħu nitħarrku. Mas-sebħ, ftaħna għajnejna u lmaħna għasafar itiru minn fuq siġra għall-oħra, ferħanin jgħidulna l-istess tislima li tana il-Patri: merħba!

Min kien Patri Pietru Pawl? Hawn nixtieq inkun il-vuċi ta' tant nies li ħabb u ħabbewh, fosthom missier ta' familja bi tmint itfal li darba minnhom qalli: "Kien il-Padre li ħariġna mid-dlam għad-dawl, kien hu li poġġa saqaf fuq rasna, qatt ma ser ninsew imħabbtu lejnna. Iżda l-isbaħ dawl li tefa' madwaru u għadu jiddi sal-lum kien żerriegħa li zera' fil-qalb ta' żagħżugħ li llum huwa saċerdot Fanġiskan, Padre.

Kif ġrat din is-sejħa? Darba minnhom, irrakkontali il-Padre: "Ommi stidnitu biex ibierek id-dar tagħna, aċċetta l-istedina, niftakarni kont qed inżomm f'idejja l-ilma mbierek u wara t-tberik tad-dar tefa' ħarstu fuqi u qalli: "Tixtieq tkun sacerdot?" Kelli biss 15-il-sena, aċċettajt l-istedina tiegħu. Iżda ommi fil-pront qaltlu: "Min ser jgħinu?" "Nieħu ħsiebu jien", weġibha fil-pront Patri Pietru Pawl. Hawn tefa' dawl ġdid li għadu jiddi fil-ħajja ta' dan is-saċerdot.

Qatt ma ninsa l-parir li ħadt mingħandu qabel ma telaq mill-Gwatemala: "Dun Ġużepp", qalli, "ħu ħsieb in-nies foqra, twarrab qatt wiċċek minnhom, dejjem ersaq lejhom bl-imħabba." Illum, dan il-parir qed nippruvaw inwettquh bl-istess imħabba li kien iwettaq hu. Sal-ġurnata tal-lum, diġà bnejna 52 dar għall-familji li qatt ma kellhom saqaf fuq rashom. Barra dawn id-djar inbena sptar għal tant nies li qatt ma kellhom ix-xorti li jaraw tabib aħseb u ara l-fejqan tagħhom.

Kelma li toħroġ minn qalbna: Grazzi, żgur li mis-sema qed tindokra, tħares tant nies li ħabbejt.

***Grazzi Patri Pietru Pawl***



*Patri Pietru Pawl Meilak fil-Missjoni*

# PARROĊĊA MISSJUNARJA

Matul is-sena kollha, iżda speċjalment f'dawn il-jiem li fihom niċċelebraw il-festa ad unur il-patruni tagħna San Pietru u San Pawl, ma nistgħux ma niftakrux f'parruċċani oħra, li jinsabu 'l bogħod, u ħafna drabi ma jkunux jistgħu jingħaqdu mal-kumplament tal-komunità ġewwa n-Nadur. Fost dawn insemmu lil tant emigranti imxerrdin mad-dinja kollha u anke lill-missjunarji li l-Mulej għoġbu jżejjen lil din il-komunità permezz tal-vokazzjoni tagħhom. Minn dawn il-paġni insellmulhom.



## Sr Lux Marie

Soru fil-kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità ta' Madre Tereża li taħdem fl-Etjopja. F'Marzu ta' din is-sena ltaqgħet mal-E. T. Il-Kardinal Mario Grceh waqt li kien qiegħed Addis Ababa għall-Assemblea Kontinentali tal-Afrika bħala parti mill-Mixja Sinodali.



## Dun Raymond Portelli

Saċerdot u tabib, li għal kważi 30 sena tant ħadem biex ikompli jsaħħaħ il-missjoni tiegħu ġewwa Iquitos fil-Perù.



## Dun Mario Cassar

Għal dawn l-aħħar seba' snin wettaq ħidma missjunarja fil-Kenya.

Ta' min isemmi wkoll gruppi ta' żgħażagħ u persuni oħra li jagħżlu li jagħmlu esperjenzi missjunarji minflok isiefru biss għall-btajjel. Minbarra li jwessgħu l-mergħat tal-ħajja ta' dawn l-individwi, dawn l-esperjenzi jagħtu wkoll xhieda ta' sostenn u preżenza effettiva bħala parti mill-ħajja komunitarja. ***Inwiegħduhom it-talb u s-sostenn tagħna bħala komunità parrokkjali.***

# Mill-Arkivju Parrokkjali

DANIEL MEILAK

L-Arkivju huwa l-memorja ta' komunità. Fih tinżamm l-istorja tal-bniedem. Dan jgħodd għall-Arkivju Parrokkjali, li forsi huwa l-aktar post li fih informazzjoni dwar in-Nadur u n-Nadurin matul storja ta' sekli. Din il-paġna ser nibdew naqsmuha fi tnejn: 1. aħbarijiet u tagħrif mill-Arkivju u 2. Ser nippubblikaw xi dokument jew ritratt li jkollu x'jaqsam man-Nadur.

Kull kappillan kien u għadu obbligat iżomm rekords tal-parroċċa u l-parruċċani tiegħu. Jekk nieħdu dan bħala l-punt tat-tluq, allura nistgħu ngħidu li l-Arkivju Parrokkjali tan-Nadur imur lura sal-1689 meta l-ewwel kappillan Dun Bernard Haber fetaħ l-ewwel reġistri. Minn dakinhar sal-lum għandna rreġistrat kull twelid u magħmudija, żwieġ u mewt li seħħet in-Nadur. Id-dħul u l-ħruġ tal-parroċċa, legati li ħallew l-antenati tagħna, dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa u ħafna u ħafna aktar. Huwa għalhekk li l-Arkivju huwa mfittex minn ħafna għal riċerka, kemm għall-gost u l-interess u kemm għal skopijiet legali u burokratiċi.

L-Arkivju ġie miġbur u ri-organizzat minn Joe Muscat li ħalliena s-sena l-oħra. Ħadem bla heda biex inġabar kollox f'post wieħed u ħa ħsieb l-organizzazzjoni tiegħu. Min jaf kemm persuni ġew bżonn is-servizzi tiegħu u qdiehom b'ċerta dedikazzjoni. L-Arkivju għalih kien passjoni, bħalma hu għalija li issa ħadt l-inkarigu tiegħu sa minn Settembru 2022. Insellmu l-memorja ta' Joe Muscat, li jista' jitqies bħala l-ewwel Arkivist tal-Arkivju Parrokkjali tan-Nadur.

Bħalissa fl-Arkivju għaddejjin żewġ proġetti bżonnjużi ħafna. L-ewwel proġett huwa l-ikkatalogar tar-reġistri, manuskritti u dokumenti kollha li jeżistu fl-Arkivju. It-tieni proġett huwa wieħed ambizzjuż. Qed issir database diġitali tal-indiċi tar-records tal-magħmudijiet, żwiġijiet u imwiet. Dan ser jiffaċilita ħafna r-riċerka u ser jassigura li l-manuskritti u r-reġistri oriġinali jiġu kkonsultati anqas u allura preservati aktar. Dan ix-xogħol qed jiġi bbażat fuq proċedura simili li kien għamel Joe Muscat b'mod manwali. Hemm aktar inizzjattivi u proġetti pjanati għall-futur.

Ma' dan nistgħu nżidu wkoll donazzjonijiet ta' dokumenti u ritratti relatati mal-istorja tal-parroċċa li jingħataw minn żmien għal żmien minn individwi u minn kollezzjonijiet privati, speċjalment wara li jiġu neqsin persuni u b'mod partikulari saċerdoti. Dawn huma ġesti ta' min ifaħħarhom għax jibqgħu preservati għall-ġenerazzjonijiet futuri. Hija ħasra jekk dawn jintremew jew jispiċċaw għand min ma japprezzahomx.

Dawk li jkollhom bżonn jikkuntattjaw lill-Arkivju Parrokkjali għal riċerki jew ħtiġijiet oħra għandhom jagħmlu dan nbilli jibgħatu email fuq **nadurparisharchive@gmail.com**

Għal din il-ħarġa qed inġibu riproduzzjoni tar-rekord tal-magħmudija tal-Arċipriet il-Kan. Martin Camilleri li saret dakinhar stess li twieled fis-27 t'Awwissu 1873. Huwa ġie mgħammed mill-kappillan Dun Giovanni Battista Grech. Il-ġenituri kienu Angelo u Theresa Camilleri. Ġie msemmi Carmelus, Albertus, Martinus u bħala parrini kellu lil Pietro Mizzi mill-Qala u Gratia Camilleri mix-Xagħra. Din is-sena jaħbat il-150 anniversarju mit-twelid ta' dan il-bniedem ta' tant merti.


2207

Die XXVII. Ejusdem

Camilleri

Carmelus Albertus Martinus

... idem ... Joes. Baptista Grech baptizavit conditionaliter infantem hodie natum ex Angelo Camilleri et Theresia pariter Camilleri coniug. cui impositum est nomen Carmelus Albertus Martinus ...

# Confraternity of the Knights of St. Peter & St. Paul

## The Grand Chapter of Malta

CHEV. JOSEPH LOUIS MEILAK

Il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl hija għaqda internazzjonali li twieldet min-Naduri l-Kavallier Peter Paul Portelli O.S.J. f'Novembru 1996 fil-Belt ta' Melbourne fl-Awstralja. Illum huwa l-Gran Mastru tal-Konfraternità. Għandha kavallieri Nadurin li jgħixu fin-Nadur stess, kif ukoll f'postijiet oħra f'Għawdex u f'Malta. Minbarra l-membri Nadurin, illum il-Konfraternità għandha Kavallieri minn 22 pajjiż madwar id-dinja.

Il-Konfraternità torganizza diversi attivitajiet matul is-sena, primarjament sabiex tgħin lill-missjunarji u tagħmel karità ma' dawk il-familji Nadurin u Għawdxin fil-bżonn. F'Diċembru li għadda qassamna 35 hamper lill-familji Għawdxin.

Is-sena l-oħra fakkarna l-25 sena mit-twaqqif tal-Ordni ta' San Pietru u San Pawl, illum imsejħa l-Konfraternità ta' San Pietru u San Pawl. Din is-sena wkoll hija sena importanti ħafna għalina għaliex fi żmien il-festa tal-Imnarja, mill-25 sad-29 ta' Ġunju, ser tiġi organizzata l-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl. Ser inkunu qed nospitaw kavallieri minn madwar id-dinja li ser jiġu apposta għal din l-okkażjoni, fosthom tliet saċerdoti missjunarji mill-Malawi fl-Africa.

Fid-dawl ta' dan kollu li semmejt u aktar, żgur li l-Konfraternità qiegħda tagħmel minn kollox sabiex iġġib lin-Nadur 'l quddiem u żżomm fl-ogħla livell il-ġieħ u l-isem tal-patruni tagħna u kolonni tal-Knisja Kattolika, San Pietru u San Pawl.



# ID-DIMENZJA

Meta wieħed jinqata' mill-oħrajn, ħaġa li jagħmluha ħafna anzjani u anke ħafna żgħażagħ li jżommu biss relazzjonijiet virtwali permezz tal-mezzi soċjali, dan jista' jwassal għal żieda fit-trend preżenti u futura tad-dimenzja. Is-solitudni dejjem tagħmel il-ħsara lill-bniedem. Illum dan huwa ppruvat mix-xjenza. Imma l-għerf istintiv tagħna diġà kien jgħidilna li min jinqata' għalih waħdu, ħsara jiġrilu.

Il-mezzi soċjali huma effiċjenti ħafna. Kulħadd għadu jiftakar kif ħafna nies baqgħu jaħdmu grazzi għall-mezzi soċjali, fi żmien il-Covid-19. Imma fl-istess ħin nafu li r-relazzjonijiet virtwali qatt ma jistgħu jagħmlu tajjeb għal kollox. Ir-relazzjonijiet virtwali qatt ma jistgħu jissostitwixxu r-relazzjonijiet veri, meta tnejn ikunu fiżikament preżenti għal xulxin.

Hemm riflessjoni pedagoġika li rridu nagħmlu. Fir-relazzjonijiet tagħna niltaqgħu fiżikament man-nies u bil-mod il-mod magħhom nibnu relazzjonijiet ta' fiduċja. Issa meta aħna niltaqgħu man-nies fuq il-computer biss, jirriżulta f'dak li x-xjentisti tal-bniedem modern isejħulu *"loss of reciprocal trust"*. Issa din il-fiduċja hija importanti ħafna għall-binja soċjali.

Il-persuna li tgħix fuq il-computer, se jkollha ħajja mimlija *connections*, din il-ħajja jirriżulta li ssir fqira mir-relazzjonijiet reali u mill-valuri mgħajxa li jiġu magħhom. Il-filosfu Franċiż Eric Sadia jitkellem mill-"*hyperconnected I*" li jqiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru tad-dinja.

Fid-dinja hemm madwar 50 miljun ruħ li jbatu bid-dimenzja. Fl-2050 dan in-numru mistenni li jitla' għal 130 miljun ruħ. Illum hemm provi dejjem iktar evidenti li l-iżolament soċjali jiffavorixxi d-dimenzja. B'iżolament soċjali nifhmu lil min jgħix waħdu, dawk li ftit jiltaqgħu man-nies, nies li ma jieħdux sehem f'attivitajiet soċjali u l-persuni li ma jkollhomx relazzjonijiet ta' ħbiberija.

Illum nafu li s-sapport soċjali u l-iskambju ta' affett bejn persuni u l-iskambju ta' ideat ma' persuni oħrajn, dan kollu jnaqqas it-tipi ta' disturbi mentali relatati mad-dimenzja.

Ix-xjentist fil-qasam tas-saħħa, Lawrence Whalley, li hu stazzjonat fl-Università f'Aberdeen fl-Iskozja, jafferma li l-iżolament soċjali huwa korrelatat mal-inċidenza tad-dimenzja. Fil-fatt jiġri li anke l-formazzjoni fiżika tal-moħħ tal-bniedem tinbidel skont jekk il-ħajja li wieħed ikun jgħix hijiex soċjali jew iżolata. Biex ngħidu kollox irridu nsemmu wkoll il-fatt li d-dimenzja tista' tkun ikkaġunata wkoll minn fatturi ġenetiċi, mix-xjuħija, minn esperjenzi ta' avversità li wieħed ikun għadda minnhom fi tfulitu, u anke minn tipi ta' xogħol li wieħed ikun wettaq.

Huwa fatt li hemm nies li għażlu l-ħajja solitarja, bħalma huma l-eremiti tal-qedem u tal-lum. Hafna minn dawn jgħidulek li ma jħossuhomx waħedhom. Forsi għax ikunu sabu l-kumpanija ta' Alla li jinsab kullimkien u li miegħu jkunu kapaċi jibnu relazzjoni qawwija fit-talb u l-kontemplazzjoni. Dawn huma nies qaddisin li f'ruħhom stess isibu l-"folla" fejn jimirħu u jiltaqgħu.

(Tagħrif pubblikat fil-gazzetta, *Corriere della Sera*, fi Frar 2023)



BAĦRIN NADURIN LI AVVANZAW FL-ISTUDJI TAGĦHOM FIL-QASAM MARITTIMU

# IL-KAVALLIER LUIGI AQUILINA

## IT-TNAX-IL PARTI

KENNETH GRIMA

Fil-ħarġa tal-*Luminaria* numru 123 ta' Ġunju 2016, jiena semmejt lil xi membri tal-familja Aquilina **Ta' Xferta** fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Qed nirreferi għall-Padrun Ġużeppi Aquilina u l-erba' tfal tiegħu – il-Padrun Ġanni Aquilina, il-Padrun Wiġi Aquilina u l-Padrun Frenċu Aquilina, imlaqqam l-**Ingliż**. Ir-raba' tifel, Toni Aquilina, ma kellux ċertifikati ta' fuq il-baħar.

Filwaqt li nikkwota lili nnifsi jiena kont ktibt li *"dwar Wiġi ma sibtx informazzjoni ta' żwieġ jew tfal."* U bir-raġun. Hawnhekk hawn ftit informazzjoni milli rnexxieli nsib – ma stajtx ma nerġax insemmi lill-Padrun Wiġi. Naraw.

L-aħwa ż-żgħar, Wiġi u Toni Aquilina siefru u ma baqgħux joqogħdu aktar in-Nadur. Dawn marru jgħixu l-Alġerija, f'post jismu La Calle, jew kif hu magħruf illum El Kala.
Toni Aquilina żżewweġ lil Maria Agius fid-9 t'Awwissu 1855 f'Bona l-Alġerija u sena wara twelditilhom tifla. Iżda l-futur ma daħkilhomx; Maria mietet fl-1860 ta' 23 sena. Qisu sentejn wara Toni żżewweġ lil oħt Maria, Pawla. Huma kellhom tliet subien u tlett ibniet. Toni ma baqax jaħdem fuq il-baħar, bħalma kien hawn Malta. Minn Bona huwa mar joqgħod La Calle fejn ħuh, u qatta' l-bqija ta' ħajtu furnar[1].

Intant, fis-7 ta' Diċembru 1848 ġewwa La Calle Wiġi żżewweġ lil Marie Colombe Menella, imwielda f'Torre del Greco l-Italja. Huma kellhom ħames subien u tlett ibniet[2].

Il-Kavallier Luigi Aquilina, kif kien magħruf, kien l-ewwel Ewropew li stabilixxa ruħu f'La Calle l-Alġerija, sa mill-1836[3]. Hemmhekk hu rama flotta sħiħa ta' dgħajjes u bastimenti għas-sajd tal-qroll (*coral fishing*). Fil-fatt il-ktieb *Algeria in 1845: A Visit to the French Possessions in Africa* jgħid li fl-1845 abbord il-biċċa l-kbira ta' dawn id-dgħajjes kienu Maltin. B'hekk nistgħu nieħdu ħjiel tad-daqs tal-intrapriża u l-ammont ta' nies li kien iħaddem Aquilina ġewwa La Calle. Bix-xogħol u l-kummerċ li ħoloq il-Kavallier Aquilina f'La Calle ta spinta qawwija lill-ekonomija tal-post u anke lill-industrija tas-sajd tal-qroll[4]. El Kala għadu magħruf għal din l-industrija sal-ġurnata tal-lum[5].

Apparti n-negozju li kellu, il-Kavallier wera qlubija kbira f'diversi salvataġġi ta' bastimenti u baħrin. Dawn l-imsemmija huma wħud minnhom.

Fl-1848, il-Ministeru tal-Gwerra Franċiż irregalalu

l-*Médaille d'honneur pour acte de courage et de dévouement* (*Gold Medal of Honour for Courage and Devotion*) wara li salva żewġ baħrin tal-balanzellu (tip ta' qoxra tal-qlugħ) Franċiż bl-isem ta' *Tafna*.

F'Ottubru tal-1851 ġiet indirizzata lejh Dikjarazzjoni Uffiċjali ta' Sodisfazzjon mill-Ministeru tal-Flotta Navali Franċiża għas-salvataġġ li rnexxielu jagħmel mal-bastiment *Albatros*.

F'Marzu 1854 il-qoxra tal-qlugħ *Caroline* nqalbet bil-maltemp fil-bokka tal-port ta' La Calle. Bil-għajnuna ta' erbgħa u għoxrin sajjied tal-qroll lavranti tiegħu, hu rnexxielu jsalva lill-uffiċjal tad-dwana minn ħalq il-mewt. Apparti dan Aquilina u niesu tellgħu l-*Caroline* billi ġibduha fuq il-bajja u ħelsuha wkoll milli tegħreq.

Dawn il-ġrajjiet li semmejt hawn fuq u li fihom il-Kavallier Aquilina wera kuraġġ kbir ġew miktuba f'ittra lill-Kummissarju Ċivili ta' La Calle, Franz Lienhard, fil-5 ta' Ġunju 1858[6].

## Is-26 ta' Mejju 1858

X'ġara fis-26 ta' Mejju 1858? Il-maltemp kien ilu ġranet iżid bil-mod, iżda dakinhar il-maltempata laħqet il-qofol tagħha u l-port ta' La Calle ntlaqat waħda sew. Ir-riħ kien mill-Majjistral, u ċ-ċaqliq kien dieħel fil-port ġmielu! Ġewwa l-port kien hemm minn tal-inqas erba' bastimenti tal-qlugħ – il-brigantin-skuna *Persévérance*, il-brigantin *Louise-et-Françoise*, ix-xambekk (tip ta' qoxra tal-qlugħ) *Boberach* u l-balanzellu Tuneżin *Sahel*.

Il-*Persévérance*, mgħobbija bit-trab tal-ħadid (*iron ore*), kellha ssiefer lejn Marsilja filgħaxija fit-23 ta' Mejju, iżda bil-maltemp ma rnexxilhiex. Baqgħet fil-port tistenna l-mument opportun, imma dan baqa' ma wasalx. Fit-tmienja ta' filgħodu tas-26 ta' Mejju ċ-ċimi u l-ktajjen li kienet marbuta bihom inqatgħu u ċ-ċaqliq tefagħha iktar 'il ġew fil-port, dirett għal fuq il-bajja li kien hemm. L-ekwipaġġ ma kellhomx għażla oħra ħlief li jifthu xi qlugħ ħalli jikkontrollaw il-bastiment sakemm jinkalja.

Ix-xambekk *Boberach* kien sorġut l-aktar qrib tal-bokka tal-port, u għalhekk tistgħu taħsbu, kien l-iktar bastiment li qed jiffaċċja l-maltemp! Iċ-ċaqliq kien kontinwament qed jaqtgħalhom iċ-ċimi u l-ekwipaġġ pront pront kien jerġa' jgħaddi ċimi u flimkien m'oħrajn żejda sabiex il-bastiment iżomm il-pożizzjoni tiegħu.

Iżda fit-tmienja ta' filgħaxija, l-ekwipaġġ tal-*Boberach* ċeda, ma kienx baqgħalhom iktar mezzi sabiex jegħlbu l-maltemp. Bħal *Persévérance*, il-maltemp beda jitfa' lill-*Boberach* lejn il-bajja. Imma l-*Boberach* kien bla tmun! Dan għaliex kien ġarrab ħsarat peress li kien mess mal-blat aktar kmieni mal-jum! Allura din il-manuvra kienet totalment bla kontroll – il-*Boberach* spiċċa biex ħabat ġol-balanzellu Tuneżin *Sahel* u ġol-brigantin *Louise-et-Françoise*! Apparti l-ħsara li soffrew dawn it-tliet bastimenti, iċ-ċimi u l-ktajjen tas-*Sahel* ma felħux għall-impatt – dawn inqatgħu kollha u, bħal *Boberach* u l-*Persévérance* aktar qabel, is-*Sahel* beda jieħdu l-maltemp lejn il-bajja ħa jinkalja!

Sakemm qed jiġri dan kollu dgħajsa b'disa' qaddiefa toħroġ għall-assistenza ta' dawn il-baħrin fuq il-bastimenti. Fost dawn id-disgħa min-nies ikun hemm il-Kavallier Luigi Aquilina. Dawn id-disa' persuni għamlu minn kollox sabiex taw l-aħjar għajnuna li setgħu kemm lil *Boberach* u anki lis-*Sahel* sakemm dawn inkaljaw fuq il-bajja.

Bil-għajnuna ta' ħafna nies fuq il-bajja, dawn għaddewlhom xi ċimi mill-*Boberach* sabiex jiġbdu l-bastiment kemm jistgħu 'l fuq ġor-ramel u hekk isalvaw il-vapur u l-merkanzija tiegħu. Kien bħal donnhom irnexxielhom, iżda kolp wara kolp ta' baħar ix-xambekk żbilanċja ruħu u miel fuq il-ġenb tiegħu.

L-isforz u l-kuraġġ li wrew Aquilina u t-tmien qaddiefa l-oħra quddiem il-qilla tal-baħar kien inkredibbli. Bis-saħħa tagħhom kulħadd irnexxielu jsalva – ħadd mill-ekwipaġġi ta' dawn il-bastimenti ma tilef ħajtu fuq il-baħar dakinhar tas-26 ta' Mejju 1858! Il-Kavallier Aquilina u tnejn oħra minn sħabu personalment irnexxielhom isalvaw baħri ġuvnott tal-*Boberach* li kien qed jegħreq f'dak il-baħar qawwi[7].



*Il-medalja ta' Chevalier de la Légion d'Honneur.*

Kien wara dan l-att tassew qalbien li Luigi Aquilina laħaq il-qofol tal-karriera tiegħu. Dan ġie rikonoxxut billi ngħata t-titlu u medalja ta' *Chevalier de la Légion d'Honneur* – it-titlu ta' Kavallier – mill-Gvern Franċiż fil-15 t'Awwissu tal-1858[8]. Dan l-unur wisq prestiġjuż huwa l-ogħla wieħed li jista' jingħata mill-Istat Franċiż. Il-Kavallier Luigi Aquilina kien l-ewwel Naduri u l-ewwel Padrun jew Kaptan Malti li qatt ġie mogħti dan l-unur! Sfortunatament qatt ma naf li ssemma hawn ġo raħal twelidu!

Ta' min jgħid ukoll li kien hemm Padrun Naduri ieħor li rnexxielu jikseb dan it-titlu ta' Kavallier minn Franza

għall-kuraġġ kbir li wera fuq il-baħar, iżda l-istorja u l-karriera tiegħu u ta' familtu narawha 'l quddiem f'artikli oħra.

Żmien wara, fl-24 ta' Marzu 1865, il-gazzetta *Le Petit Journal* issemmi ġrajja oħra dwar il-Kavallier Luigi Aquilina. Il-bastiment Franċiż bi tliet arbli *Prince-Jérôme*, wara li telaq minn Spanja għereq mal-kosta tal-Afrika ta' Fuq fil-Mediterran, sewwasew ftit 'il bogħod minn Tabarka fit-Tuneżija. L-ekwipaġġ tiegħu salva u l-baħrin telgħu l-art qawwijin u sħaħ. Iżda ma tantx damu li ma ġewx attakkati minn ċorma ħallelin u serqulhom kulma kellhom.

Xi ftit sigħat wara wasal fejn kienu huma Sheikh Għarbi fejn żamm il-baħrin taħt il-kustodja tiegħu u daħħalhom fit-tinda tiegħu. B'xi mod jew ieħor dan irnexxielu jikseb uħud mill-affarijiet li kienu nsterqu u raddhom lura. Il-Konslu Franċiż f'Tabarka mbagħad ħallas somma ta' 300 frank Franċiż lil dan ix-Sheikh u hekk ħeles lil dawn il-baħrin mill-periklu.

Il-Kavallier Luigi Aquilina inzerta kien fil-port ta' Bona l-Alġerija bħala Kaptan tal-bastiment tal-qlugħ ***Météore*** meta l-aħbar u l-ġrajja ta' dawn il-baħrin Franċiżi waslet. Hekk il-Kaptan tal-Port, il-Harbour Master, talab lil Aquilina biex bil-bastiment tiegħu jmur jiġbor lil dawn il-baħrin f'diffikultà.

Hekk għamel. Wara li wasal xi ftit mili 'l bogħod minn Tabarka, il-***Météore*** ltaqa' mal-maltemp tant li Aquilina kien se jabbanduna l-pjan li jtella' n-nies abbord. Iżda l-Kaptan tal-Port kien tah għad-dispożizzjoni tiegħu żewġ dgħajjes. Il-Kavallier Luigi Aquilina, flimkien mal-baħrin tiegħu, għamel l-almu tiegħu u hekk l-ekwipaġġ tal-*Prince-Jérôme* tela' abbord il-***Météore*** u nħeles mill-għawġ li kien fih.

Fl-aħħar il-*Petit Journal* kitbet kif atti ta' kuraġġ bħal dan kienu regolari għall-Kavallier Aquilina, li kien ġa ddekorat b'medalji għall-qlubija[9].

Fit-22 t'Awwissu tal-1862 hawn Malta nħareġ rapport dwar is-sajd tal-qroll fl-ibħra Maltin[10]. Is-suġġett prinċipali ta' dan ir-rapport kien inħawi u lokalitajiet ta' fejn jinsab il-qroll lejn in-Nofsinhar ta' Malta. Fl-istess rapport insibu diversi rakkonti u testimonjanzi ta' sajjieda lokali ta' fejn sabu xi qroll. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, f'dan ir-rapport Malti nsibu referenza għall-Kavallier Aquilina ġewwa l-Alġerija! Ir-rapport jirreferi għalih bħala persuna li kienet tagħmel parti minn Kummissjoni. Din il-Kummissjoni serviet mezz ta' konsultazzjoni għall-Gvern Franċiż sabiex jiġu stabbiliti regolamenti u liġijiet dwar is-sajd tal-qroll ġewwa La Calle. Hawnhekk nistgħu nkomplu naraw f'liema pożizzjoni rispettabbli kien imlaħħaq il-Kavallier Luigi Aquilina!

Il-Kavallier Luigi Aquilina miet fit-8 ta' Novembru tal-1880 f'La Calle l-Alġerija ta' 63 sena u martu Marie Colombe ħallietna fid-9 ta' Mejju 1904[11].

Għall-ewwel darba wara dawn is-snin kollha għandna rendikont sħiħ tal-qlubija fuq il-baħar ta' dan il-Padrun Naduri kif ukoll tad-diversi unuri u titli li ġie mogħti lil hinn minn xtutna iżda li sfortunatament kien intesa f'raħal twelidu stess. Nispera li b'din il-kitba fuq din ir-rivista, ġrajjietu se jibqgħu magħna hawn fin-Nadur.

1. gw.geneanet.org
2. Ibid.
3. Feraud Laurent-Charles, *Histoire des villes de la province de Constantine. La Calle : et documents pour servir à l'histoire des anciennes concessions françaises d'Afrique.* p. 24
4. Ibid.
5. https://en.wikipedia.org/wiki/El_Kala
6. http://web.archive.org/web/20180108042748/http://www.amicaledescalloisetamis.fr/Personnage.html
7. gallica.bnf.fr/BnF
8. https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/7015
9. gallica.bnf.fr/BnF
10. NAM (*National Archives of Malta*), CSG01, 9039/1862 u *Notes for a History of Coral Fishing and Coral Artefactsin Malta* – Balzan Francesca, Deidun Alan.
11. gw.geneanet.org




PETER'S Butcher shop NOW OPEN IN NADUR

For the finest cuts of local and foreign beef, pork and lamb.

A wide selection of unique homemade meat products such as kebabs, various burgers, marinated meat, bragioli, meat balls, juicy roasts and more... Specializing in Sausages varying from Maltese, spicy, BBQ, smoked cheesy, sweet and many more....

OPENING HOURS: 2785 5051 / 7905 5051

Tuesday & Thursday from 3:00pm-7:00pm
Wednesday & Friday 6:30am-12:00 & 3:00-7:00
Saturday from 6:30-12:00



Free Delivery



*Id-disinn lejn il-fażi finali tiegħu*

# IL-PAVIMENT TAL-KOLLEĠĠJATA BAŻILIKA TAN-NADUR

DANIEL MEILAK

## L-isfond

Bejn l-1902 u l-1915 fin-Nadur kienu saru żewġ proġetti infrastrutturali kbar: il-bini tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù li tlestiet u ġiet ikkonsagrata fl-1910 u l-estensjoni u d-dekorazzjoni tal-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl. Hawnhekk kienu żdiedu n-navi u l-koppla, filwaqt li l-faċċata ġiet rimodellata fuq l-antika. Ftit nistgħu nimmaġinaw illum li dawn iż-żewġ proġetti saru f'daqqa f'raħal li kien iċken ħafna aktar milli hu llum, kemm fil-popolazzjoni u kemm fir-riżorsi finanzjarji. Dan kien ir-riżultat ta' żewġ persuni li stinkaw kemm felħu biex iwettqu ħolmiethom: Dun Ġużepp Vella (1854-1906) u l-Kan. Martin Camilleri (1873-1921).

Wara li ġie inawgurat ix-xogħol fuq il-Kolleġġjata fl-1915, ix-xogħol tkompla fuq ġewwa biex saret il-pittura u d-dekorazzjoni li naraw illum. Mal-mewt tal-Arċipriet Martin Camilleri issuċċedieh il-Kan. Anton Camilleri (1872-1926) fl-1922 li minkejja r-rieda tiegħu li dan ix-xogħol jitkompla, matul il-parrokat tiegħu nqala' diżgwit fuq x'tip ta' dekorazzjoni għandu jkun hemm fil-knisja u x-xogħol hawn kien majna fir-ritmu. Iżda dan kien parrokat qasir ħafna, fil-fatt kien it-tieni l-iqsar parrokat fl-istorja tal-parroċċa. L-Arċipriet Anton Camilleri miet erba' snin wara fl-1926. Minfloku ntgħażel saċerdot minn ta' Sannat li kien qatta snin fil-missjoni fit-Tuneżija u fl-Alġerija u li kien jaf tajjeb il-Franċiż. Il-Kan. Ġużepp Cassar (1890-1950), li minn kappillan tal-Qala issa sab ruħu Arċipriet tan-Nadur fl-1927 kellu jkompli fuq ix-xogħol mibdi mill-Arċiprieti ta' qablu. Il-parrokkat tiegħu kien ta' merti kbar għall-knisja tan-Nadur għax fi żmienu saru diversi opri, b'mod speċjali t-tkomplija tad-dekorazzjoni tal-knisja, it-twieqi bl-*istained glass* tal-appostli, l-arloġġ elettro-mekkaniku tal-faċċata, il-gallerija tal-orgni u l-paviment tal-knisja kollha.

Qabelxejn, qabel ma sar il-paviment tal-irħam li naraw illum, kien hemm art taċ-ċangatura. Dan anke għaliex kien isir id-dfin fil-knisja, li mbagħad inqata' meta nbena ċ-ċimiterju taz-zuntier u aktar tard tal-Addolorata f'ta' Kenuna u sar il-paviment il-ġdid.

## It-tħejjijiet

Iżda l-istorja tal-paviment tal-knisja li hemm illum tmur lura għal żmien l-Arċipriet Martin Camilleri. Huwa ried li issa li l-knisja tkun iddekorata bil-pittura, skultura u *stained glass*, ikollha wkoll paviment li jixraq u jikkumplimenta dan kollu. Il-Kan. Carmelo Caruana (1883-1956) jirrakkonta kif Dun Martin, li kellu idu tajba għall-arti, kien iddisinja paviment li kellu jsir fl-irħam immudellat fuq dak tal-Katidral-Bażilika ta' Santa Marija Assunta ta' Messina fi Sqallija. Tajjeb inżommu f'moħħna li dan il-Katidral kien għadu kemm reġa' nbena prattikament kważi kollu kemm hu wara li ġġarraf fit-terremot qalil tal-1908 li kien inħass sew f'Malta wkoll. Dan seta' kien li ġibed l-attenzjoni ta' Dun Martin. Hija sfortuna li anke dan il-katidral innifsu reġa' ġie mġarraf għat-tieni darba fi spazju ta' madwar tletin sena mill-Amerikani u l-Ingliżi fit-Tieni Gwerra Dinjija fl-1943. Kien mibni mill-ġdid u xi partijiet restawrati fis-snin ta' wara. Caruana jgħid li dak li ddisinja Dun Martin kien jixbaħ lil dak ta' Messina, qisu mewġ tal-baħar. Dan id-disinn illum intilef. Dan il-paviment qatt ma sar u l-istorja tidher li għal xi żmien waqfet hemm.

Sakemm daħal l-Arċipriet il-ġdid il-Kan. Ġużepp Cassar. Eżattament wara l-pussess tiegħu, fil-5 t'Awwissu 1927 huwa beda jaħseb għall-paviment. Kien għamel kuntatt ma' Francesco Saverio Sciortino (1875-1958), li dak iż-żmien kien emigrant fil-Kanada. Jidher li qabel bagħat

l-ewwel ittra lil Sciortino, Cassar kien abbozzaha diversi drabi. Waħda minn dawn l-ittri tgħid hekk:

> *Jien għandi l-unur li nirrikorri għandek għall-ewwel darba. Ngħidlek li, minn mindu ġejt magħżul Arċipriet tan-Nadur, ħafna drabi kelli l-okkażjoni nisma' min jitkellem dwarek. Jiena għadni ma nafekx, imma smajt ħafna fuq il-parti li int kellek fil-kostruzzjoni ta' din il-knisja, li ħadd ma jista' ma jammirax l-armonija tagħha. Dak li issa qanqalni naqbad il-pinna hu l-ħsieb li nitolbok għal darb'oħra l-kooperazzjoni tiegħek f'opra li beħsiebni nidħol għaliha. Għandi f'moħħi l-paviment tal-knisja, li nixtieq li jsir kollu tal-irħam. Għandi xewqa kbira li inti tidħol għad-disinn tiegħu.*

Din l-ittra aktarx li qatt ma ntbagħtet. Fil-fatt għadda ftit taż-żmien sa meta Cassar nhar is-16 ta' Settembru tal-istess sena ressaq din il-proposta quddiem il-Kapitlu Kolleġġjali. Il-Kapitlu qabel miegħu, kemm dwar il-paviment, u kemm dwar min kellu jiddisinjah. Għalhekk Cassar jidher li għamel kuntatt ma' Sciortino fil-Kanada. Iżda Sciortino ma aċċettax. X'kienet ir-raġuni mhux ċar. Aktarx li minħabba li ma setax ikun fuq il-post biex jippjanta d-disinn b'mod preċiż kif kien hemm bżonn li jsir. Iżda Sciortino ma waqafx hemm. Huwa kiteb lil kuġinuh Lazzaro Pisani (1854-1932) li kien għadu qed ipitter fil-knisja fi Frar tal-1928 u qallu hekk: 'L-Arċipriet tan-Nadur kien kitibli biex nagħmel id-disinn tal-paviment. Jiena weġibtu biex ipproponejtlu jirrikorri għandek.'

L-Arċipriet u l-Kapitlu qablu ma' din l-idea u għalhekk l-attenzjoni daret fuq Lazzaro Pisani li dak iż-żmien kellu 74 sena. Tan-Nadur xtaqu lil Pisani jagħmel tliet disinnji sabiex jintgħażel wieħed. Iżda din l-idea ma tantx daqqet għal widnejn Pisani. Dan kien ifisser ħafna xogħol. Fil-15 ta' Jannar 1928 kitbilhom ittra u qalilhom hekk:

> *Dwar il-paviment naċċetta li nagħmel id-disinn tiegħu, imma ma nagħmilx tliet disinnji. Naħdem disinn wieħed b'xi varjanti; imbagħad inqiegħdu quddiemkom għall-għażla tagħkom. Naturalment hemm bżonn disinn tal-knisja kollha. Ikun jista' jiġi esegwit b'biċċa wara oħra. Għal dan ix-xogħol, jiena jkolli bżonn tal-pjanta tal-knisja f'idejja. Jiena nissopponi li s-Sur Sciortino kien għamel pjanta tagħha biex żied in-navi u l-faċċata. Jekk il-pjanta ma hix qiegħda għandkom, jiena nfittixha għand is-Sinjura Marija, li tiġi oħt l-arkitett, u toqgħod il-Ħamrun. Jiena għandi għax nirringrazzjakom talli intom ikkunsidrajtu l-possibilità li jiena nkun nista' nkompli l-opra tiegħi fil-Kolleġġjata tan-Nadur bid-disinn tal-paviment. Nittama li d-disinn jogħġob lil kulħadd.*

Jidher li Pisani għadda d-disinnji tiegħu lill-Kapitlu għall-kunsiderazzjoni aktar tard fis-sena 1928. L-Arċipriet u



*Disinn preliminari 2*

l-kapitlu għażlu liema dehrilhom li kien l-aħjar disinn. Dan kien disinn klassiku li jixbah lil dan li ssib fil-Bażiliċi ta' Ruma.

Minkejja dawn it-trattattivi kollha, l-Arċipriet Cassar ried jieħu ħsieb żewġ affarijiet: minn fejn ser iġib il-fondi għal dan il-proġett u min ser jesegwixxi x-xogħol iddisinjat minn Pisani. Dwar din tal-aħħar, Cassar beda jitratta ma' Giuseppe Maria Vassallo, importatur Malti tal-irħam biex jara kif l-irħam jista' jinġieb minn barra minn Malta. Iżda Vassallo talbu d-disinn eżatt ta'x'hemm bżonn isir. Sadanittant Cassar ikkuntattja lill-marmista Alfred Zammit ta' 73, Strada Forni l-Belt Valletta sabiex ladarba jasal l-irħam ikun jista' jieħu ħsieb it-tqegħid tiegħu. Hawnhekk iżda inqalgħet problema. Il-pjanta li ried Pisani ma nstabitx. Il-marmista insista li jekk ma jkollux il-pjanta b'qisien eżatti, setgħu jinqalgħu ħafna problemi biex isir dan il-paviment.

Għalhekk kellha ssir pjanta tal-knisja preċiża kemm jista' jkun. Fil-fatt instabet l-irċevuta maħruġa nhar it-2 t'April 1930 minn tas-Sliema, Malta, fejn Alfredo Zammit jiddikkjara li rċieva l-ammont ta' għaxar Liri Sterlini (£10) mingħand il-Kan. Carmelo Falzon (1896-1953), prokuratur tal-knisja tan-Nadur 'għal pjanta dettaljata tal-knisja tan-Nadur Għawdex.' Ftit qabel dan, f'ittra li Giuseppe Maria Vassallo bagħat lil Cassar, huwa bagħat kopja ta' ittra tal-fabbrika li turi kif kien qed jitfassal il-pjan konkret sabiex jitwettaq dan il-proġett. Ma' din intbagħtu l-preventivi (kampjuni). Jekk l-irħam kien se jkun oħxon tliet kwarti ta' pulzier u bil-lostru jqum 6s 5d għal kull pied kwadru u f'każ li jkun tliet kwarti ta' pulzier iżda bla lostru bħal dak ta' Ħal Lija, jiġi jiswa 6s 3d. F'każ li jkun oħxon pulzier u bil-lostru kien se jiswa 7s u mingħajr lostru 6s 10d. Mal-ittra Zammit żied l-osservazzjoni li tliet kwarti ta' pulzier tkun ħxuna soda biżżejjed.




*Disinn preliminari 2*

## Isir il-paviment

Riċentament insabet ittra li titfa' dawl fuq it-termini u l-kundizzjonijiet li kellhom ikunu maqbula fuq parti mill-Arċipriet u l-Kapitlu Kolleġġjali tan-Nadur u fuq in-naħa l-oħra, il-kumpanija li kellha tieħu ħsieb l-ordni tal-irħam minn barra li kienet Antonio Barbarusso & Nipote li kienet topera mill-Kalkara, Malta u kellha l-istabbiliment tax-xogħol ibbażat f'Ascot Street, 11A, Via Croce Marsa, il-Marsa. Din l-ittra ġiet mibgħuta minn Mario Accarino - rappreżentant tal-kumpanija - minn ġewwa' l-Għarb Għawdex nhar is-16 t'Ottubru 1931. Fiha hemm indikat il-qbil bejn iż-żewġ partijiet fuq it-termini kollha. Se nirriproduċi traskrizzjoni bil-Malti hawn:

*B'referenza għal din il-kitba privata, li għandu jkollha s-saħħa ta' att pubbliku, aħna ta' Antonio Barbarusso e Nipote nobbligaw irwieħna a favur tal-Amministrazzjoni tal-Imqaddsa u Insinji Kolleġġjata u Knisja Parrokkjali tan-Nadur li niksu bl-irħam il-paviment tan-navati laterali tal-imsemmija Knisja skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:*

1. *Li nesegwixxi perfettament id-disinn magħmul mill-Maestro Lazzaro Pisani, li jintuża rħam ta' kwalità u kuluri ddisinjati mill-istess Mro Pisani, jiġifieri a) l-iswed tal-Belġju, b) Ascella, c) perla tal-Brażil, d) aħmar ta' Vitulana, e) Ciampo Rosso, f) Bardiglio, g) abjad (kwalità ta' Pinu), h) isfar ta' Siena, i) isfar Broccatello.*
2. *Li nesegwixxi dan ix-xogħol skont il-prezz ta' ħames xelini (5) kull pied kwadru, li jinkludi l-lostru.*
3. *Li nissotometti ruħi għat-talba tal-Amministrazzjoni, għall-eżami u l-kritika ta' persuni esperti u kompetenti dwar il-kwalità tal-irħam.*
4. *Li jintuża rħam ta' tliet kwarti ta' pulzier ħxuna.*
5. *Li nesegwixxi dan ix-xogħol skont ir-regoli tal-arti.*
6. *Li nispiċċa l-pavimentar tan-navata tan-naħa tal-epistola sad-29 ta' Ġunju 1932.*

*Mal-firma ta' hawn taħt preżenti, il-kumpanija msemmija hawn taħt tirċievi s-somma ta' mija u tletin lira sterlina (£130) bħala ħlas tal-bidu tax-xogħol.*

*għan-nom ta' Antonio Barbarusso e Nipote*
*Mario Accarino*

Minn din l-ittra joħorġu xi punti interessanti:

1. Inżamm il-ftehim li kien sar qabel li l-ħxuna tal-irħam tkun ta' tliet kwarti ta' pulzier.
2. Li l-prezz miftiehem bil-korrispondenza tal-1929 kien inbidel u minn 6s 5d niżel għal 5s.

3. Interessanti li l-abjad kellu jkun bħal dak li sar fil-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu fl-Għarb li kienet għadha kemm tlestiet, u fil-fatt ftit wara ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika fl-10 t'Awwissu 1932 kkonsagrata fil-31 t'Awwissu tal-istess sena.
4. Li waħda mill-kundizzjonijiet kienet li min qed jesegwixxi x-xogħol ikun suġġett għall-eżami u l-kritika tal-esperti. Fi kliem ieħor, dak iż-żmien ma kinux afdaw f'idejn id-dilettanti, imma f'idejn l-esperti tax-xogħol u f'min hu kwalifikat. Fil-fatt, ftit wara fl-ittra nerġgħu nsibu li x-xogħol għandu jimxi skont 'ir-regoli tal-arti' – kollox b'mod professjonali.

Fil-*Veneranda Lampada* (Reġistri tad-Dħul u Ħruġ) għad fadal miktub l-eżitu jew il-ħruġ ta' flus li sar għall-paviment. Xi rċevuti li jikkorrispondu ma' dawn il-ħlasijiet jinsabu f'kollezzjoni privata. Hawnhekk ser nagħti rendikont ta' dak li tħallas matul is-snin rigward dan il-proġett. Dawn saru lill-kumpanija Barbarusso e Nipote:

| **Data** | Ħlas | **Rimarki** |
|---|---|---|
| | | |
| 16 t'Ottubru 1931 | £ 130 | Dan kien il-ħlas skont kif miftiehem fl-ittra bejn Antonio Barbarusso e Nipote u l-Parroċċa tan-Nadur. |
| 9 ta' Jannar 1932 | £ 100 | |
| 2 ta' Marzu 1932 | £ 40 | |
| 11 ta' Marzu 1932 | £ 5 | |
| 21 ta' Marzu 1932 | £ 130, 2s, 6d | |
| 7 t'April 1933 | £ 6 | |
| 11 t'April 1933 | £ 6 | |
| 5 ta' Lulju 1933 | £ 25 | |
| 10 ta' Lulju 1933 | £ 7 | |
| 17 ta' Lulju 1933 | £ 5 | |
| 12 t'April 1934 | £ 40 | Fl-irċevuta ta' dan il-ħlas hemm indikat li dan il-ħlas kien għall-pavimentar tan-navati tal-Knisja tan-Nadur. Dan probabbli referenza għan-navata tan-naħa tal-Kurċifiss peress li l-oħra kienet diġà ġiet inawgurata fl-1933. |
| 25 ta' Mejju 1934 | £ 35 | |
| 9 ta' Ġunju 1934 | £ 4 | |
| 14 ta' Ġunju 1934 | £ 100 | |
| 4 t'April 1935 | £ 50 | |
| 17 ta' Lulju 1935 | £ 5 | |
| 22 t'April 1937 | £ 20 | |
| 26 ta' Mejju 1937 | £ 5 | |
| 20 ta' Lulju 1937 | £ 80 | |
| 20 ta' Lulju 1937 | £ 20 | |
| 22 ta' Mejju 1939 | £ 50 | |
| 29 ta' Mejju 1940 | £ 150 | |
| 19 t'Ottubru 1940 | £ 50 | |
| 8 ta' Frar 1941 | £ 64 | |
| 22 ta' Frar 1941 | £ 16 | |
| 6 ta' Marzu 1941 | £ 50 | |
| 13 t'Awwissu 1941 | £ 100 | |
| 28 ta' Settembru 1941 | £ 200 | |
| 15 t'Ottubru 1941 | £ 38, 10s | Għall-bilanċ tal-aħħar |

Ma' dawn, hemm imniżżel spejjeż oħra għall-preparazzjoni biex ikun jista' jitqiegħed l-irħam:

| **Data** | Ħlas | **Rimarki** |
|---|---|---|
| | | |
| | £ 4, 15s | Spejjeż preparatorji għan-nava tal-Epistola, jiġifieri dik tax-xellug |
| | £ 4, 9s, 3d | L-istess – għan-nava tal-Evanġelju, jiġifieri dik tal-lemin |
| | £ 1, 16s | Imħallsa lil Mario Accarino għat-trasport tal-irħam mill-Imġarr |
| | £ 1 | Imħallsa lil Michele Farrugia għall-pjanta tal-knisja |
| April 1937 | £ 7, 11s, 3d | Imħallsa għax-xogħol ta' preparazzjoni għall-kappellun tar-Rużarju |
| Novembru 1940 | £ 37, 2s | Imħallsa għax-xogħol ta' preparazzjoni tal-Korsija u tal-kappellun tal-Kurċifiss. Jinkludu spejjes oħra li saru waqt ix-xogħol |
| 16 ta' Novembru 1941 | 12s, 3d | Spejjeż oħra |
| | 13s, 9d | Ħlasijiet lil Mario Accarino |
| | £ 1, 12s, 9d | l-istess |
| | £ 3, 1s | l-istess |
| | £ 1, 11s, 6d | 'lill-Babbu għas-siment u affarijiet oħra' |

Kif kien maqbul jidher li x-xogħol inbeda l-ewwel fin-nava tal-kappellun tar-Rużarju, *in cornu epistulæ*, in-naħa tal-epistola allura n-naħa tal-lemin jekk wieħed iħares lejn l-artal mill-korsija. Iżda xi ħaġa kienet ġrat li impedixxiet milli dan isir skont kif maqbul sal-Imnarja tal-1932. Fil-fatt, skont id-djarju ta' Ġ. Portelli, din l-ewwel parti tal-paviment ġiet inawgurata fl-20 ta' Ġunju 1933, kważi sena wara dak maqbul. Sa issa ma nafux ir-raġuni għalfejn seħħ dan. Fl-aħħar ta' Awwissu 1932 tħabbret il-mewt tal-pittur Lazzaro Pisani, meta x-xogħol kien għadu fl-ewwel stadji tiegħu.

Jidher li wara n-nava tan-naħa tar-Rużarju kienet saret dik tan-naħa tal-Kurċifiss u mbagħad il-korsija fl-aħħar. Fil-fatt sal-1938 ix-xogħol kien għadu għaddej u meta f'dik l-istess sena Francesco Saverio Sciortino rritorna lura mill-Kanada, reġa' ġie avviċinat mill-Arċipriet Cassar biex jieħu f'idejh id-direzzjoni tax-xogħol tal-pavimentar. Pawlu Calleja u Pawlu Borg kienu tnejn min-nies li ħadmu biex jitqiegħed l-irħam, taħt id-direzzjoni ta' Sciortino u bil-ħidma tal-Arċipriet Cassar u l-Kan. Falzon. Sal-aħħar ta' Mejju 1939 il-pavimentar kien prattikament lest u l-korsija żżanżnet nhar it-8 ta' Ġunju 1939, festa ta' Chorpus Christi. Il-ħlasijiet iżda baqgħu jsiru sal-1941.

B'kollox, dan il-proġett ġie jiswa ftit anqas minn £1,600. Saħansitra fl-eqqel it-Tieni Gwerra Dinjija, bejn l-1940 u l-1941 kienu għadhom isiru ħlasijiet sinifikanti fuq dan il-proġett. Kif nistgħu ninnutaw, din kienet spiża notevoli, aktar u aktar meta wieħed iqis li f'dawn is-snin kienu qed isiru proġetti oħrajn fil-knisja, bħalma huma l-kanċell tal-presbiterju u l-linef li llum jintramaw fil-korsija lejn l-1932. Proġett ieħor kbir kien iċ-Ċimiterju l-ġdid tal-parroċċa f'ta' Kenuna li tlesta fl-1934-35. Minn dakinhar 'il quddiem ma sarux proġetti kbar oħra sas-snin ta' wara l-gwerra, anke meta l-piż finanzjarju tal-proġett tal-irħam kien qed jinħass ġmielu. Il-faqar kien realtà li rridu nikkunsidraw bis-serjetà f'dan il-perjodu. Fil-fatt l-Arċipriet Cassar waqqaf is-Società di Mutuo Soccorso fl-1928 bil-ħsieb li l-membri tagħha jwieżnu lil xulxin fi żmien meta ma kinux jeżistu servizzi soċjali bħal-lum. Fl-1937 waqqaf ukoll is-Soċjetà ta' San Vinċenz bl-iskop li jiġu mgħejjuna l-fqar tal-parroċċa. Matul dan iż-żmien inqalgħu żewġ sitwazzjonijiet diffiċli fil-parroċċa wkoll: waħda fl-1933 meta l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi (1885-1984) ddeċieda li jissupressa xi privileġġi li kienet tgawdi l-Kolleġġjata tan-Nadur u sussegwentament kienet inqalgħet tensjoni li baqgħet iġġebbed għal snin twal u l-oħra kienet it-tensjoni bejn il-Knisja Kattolika u l-Partit Kostituzzjonali ta' Sir Gerald Strickland (1861-1940). Billi fin-Nadur kien hemm ammont imdaqqas ta' Stricklandjani, l-Arċipriet kemm-il darba wera ruħu inkwetat li dawn mhux jersqu lejn is-sagramenti. Dan kollu jista' jinkwadra l-proġett tal-pavimentar f'kuntest storiku-politiku-soċjali u ekonomiku.

Jista' jingħad li dan il-proġett kompla jikkumplimenta l-knisja tan-Nadur kif tkabbret u ssebħet fil-bidu tas-seklu għoxrin – opra ta' ħafna Nadurin, iżda żgur mhux inqas tal-Arċipriet Cassar u Lazzaro Pisani kif ukoll dawk responsabbli mill-irħam. Minkejja li jagħti inqas fil-għajn għaliex illum mgħotti bil-bankijiet u għaliex ħafna mdorrijin jimxu fuqu bla ma jħarsu wisq lejh, tajjeb li xi kultant nieqfu napprezzaw dan il-proġett ta' arti mill-aktar dekoruż u sabiħ.

# IT-TAĦĦANA tal-Familja Xicluna FIR-RAĦAL TAN-NADUR

JOSEPH SCICLUNA

**IT-TIENI PARTI**

Fl-aħħar ħarġa tar-rivista *Luminaria* (Numru 137, Ġunju 2022) kien deher artiklu, miktub minn dan l-istess awtur, dwar '*Il-Mitħna Privata tal-Familja Xicluna fin-Nadur*'. Dik il-mitħna kienet inbniet madwar nofs is-seklu dsatax u l-membri ta' dik il-familja damu jħaddmuha u jgħixu fiha sal-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Iżda ir-rabta ta' fergħat oħra tal-familja Xicluna mat-tħin tal-qamħ bl-imtieħen tar-riħ fir-raħal tan-Nadur tmur lura għal ħafna snin, saħansitra sa aktar minn mitt sena qabel, jiġifieri sa madwar nofs is-seklu tmintax.

## L-Imtieħen tar-Riħ fin-Nadur

L-ewwel mitħna tar-riħ li kienet inbniet fin-Nadur, illum magħrufa bħala ' *Il-Mitħna l-Qadima*', kienet inbniet mill-Fondazzjoni Vilhena madwar is-sena 1727 u jidher li l-ewwel taħħan kien jismu Francesco Buttigieg. S'issa ma kellna l-ebda informazzjoni konkreta dwar min kienu t-taħħana l-oħra li okkupaw din il-mitħna warajh. Sittin sena wara li nbniet, il-mitħna kellha tinħatt għax kienet tinsab fi stat perikoluż għall-aħħar. Bħalma kien ġara fil-każ taż-żewġt imtieħen l-ohra mibnija f'Għawdex mill-istess Fondazzjoni, ċioè dawk tal-Għarb u tax-Xagħra, il-mitħna kienet inbniet b'ġebel ta' kwalità ħażina li tmermer matul iż-żmien u li għalhekk ma setgħetx tissewwa. X'aktarx li din il-mitħna kienet tinsab fl-inħawi fejn illum hemm Triq il-Mitħna l-Qadima.

Ftit wara, l-istess Fondazzjoni Vilhena ħallset għal bini ta' mitħna oħra fl-istess raħal, illum magħrufa bħala '*Il-Mitħna l-Ġdida*', li tlestiet fi żmien qasir u fetħet fid-9 ta' Novembru tas-sena 1787. Din id-darba l-ewwel taħħan li ngħatatlu l-kirja tagħha kien jismu Damiano Xicluna, li kien ġej minn familja ta' taħħana li digà kienet stabbilita sew ġewwa Għawdex [(1)].

## It-Taħħana tal-Familja Xicluna

It-taħħana tal-familja Xicluna fil-fatt jafu l-bidu tagħhom fis-sengħa tat-tħin tal-qamħ bl-imtieħen tar-riħ f'Għawdex lill-aħwa Carlo u Gio Maria Xicluna li kienu l-ewwel taħħana li daħlu għall-kirja tal-mitħna li hemm fix-Xewkija, illum magħrufa bħal '*Il-Mitħna ta' Tmien Kantunieri*', wara li l-bini tagħha kien tlesta madwar is-sena 1710 [(2)].



*It-Taħħana - il-mitħna ta' tmien kantunieri*

Carlo u Gio Maria kienu tnejn mill-ulied iż-żgħar tal-koppja Għawdxija Damiano Xicluna u Caterina Mangion li, madwar is-sena 1672, flimkien ma' tliet uliedhom minorenni, emigraw lejn Malta, wisq probabbli sabiex Damiano jkun jista' jsib ix-xogħol. Mal-wasla tagħha f'Malta l-familja marret tgħix fil-belt marittima tal-Birgu li dak iż-żmien kienet tipprovdi ħafna opportunitajiet ta' xogħol. Ġara iżda li ftit snin wara, fis-sena 1675 meta l-koppja kienet għadha kemm twelditilha l-ewwel tarbija f'Malta, faqqgħet epidemija tal-pesta mill-aktar qalila li l-iżjed li laqtet kienu l-inħawi tal-Port il-Kbir u, għalhekk, il-familja Xicluna, bħalma għamlu ħafna familji oħra, kellha tparpar lejn wieħed mill-irħula li kienu inqas milqutin. Fil-fatt Damiano rnexxielu jsib rifuġju għall-familja tiegħu fir-raħal tan-Naxxar.

Għal xi raġuni mhix magħrufa, matul l-ewwel għoxrin sena tal-ħajja tagħha f'Malta, il-familja ta' Damiano u Caterina ma rnexxielha ssaddad fl-ebda raħal jew belt u

mxiet minn post għall-ieħor, xi drabi wara biss ftit snin. Min-Naxxar marret Ħaż-Żebbuġ, imbagħad is-Siggiewi, wara kienet Bormla sakemm fl-aħħar, madwar is-sena 1694, stabbilizzat ruħha fl-irħajjel ta' Ħal Bisbut li kien jagħmel parti mill-Parroċċa taż-Żejtun. F'kull wieħed minn dawn il-postijiet, il-familja żdiedet bit-twelid ta' trabi oħra. Dan kollu jirriżulta mill-Arkivji ta' dawn il-Parroċċi.

Carlo u Gio Maria twieldu, wieħed fis-sena 1684 u l-ieħor fis-sena 1690, meta l-familja kienet qed tgħix Bormla iżda trabbew iż-Żejtun minn fejn, wara li kibru, telqu lejn Għawdex sabiex, kif rajna, jieħdu f'idejhom it-tmexxija tal-mitħna l-ġdida tax-Xewkija. Din il-mitħna kienet il-propjetà tal-Fondazzjoni Perellos u wisq probabbli li min kien jamministra l-Fondazzjoni kellu moħħu mistrieħ li dawn iż-żewġ żgħażagħ kienu digà taħħana tas-sengħa li setgħu jiġu fdati b'mitħna ġdida. Għalhekk probabbli wkoll li missierhom Damiano kien it- taħħan u li kien iħaddem il-mitħna magħrufa bħala '*Il-Mithna tal-Ħlas*' jew '*Il-Mitħna tal-Ħerba*' li kienet tinsab fil-konfini ta' Ħal Bisbut u li, bħal dik tax-Xewkija, kienet mitħna bi tmien kantunieri u x'aktarx propjetà oħra tal-Fondazzjoni Perellos [(3)]. Ħasra li din il-mitħna nħattet fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Ftit wara li wasal Għawdex, Carlo Xicluna fid-19 ta' Frar tas-sena 1713 iżżewweġ lil Grazia Lucrezia Xuereb fil-Parroċċa tax-Xewkija. Grazia kienet mill-istess raħal. Gio Maria żżewweġ sentejn wara fil-11 ta' Frar tas-sena 1715 lil Maria Busuttil li kienet miż-Żejtun u għalhekk iż-żwieġ sar f'dik il-Parroċċa. Carlo u Grazia kellhom familja kbira bi tnax-il wild, fosthom numru ta' subien li mill-inqas erbgħa minnhom imxew fuq il-passi ta' missierhom u, wara li tħarrġu fil-mitħna tax-Xewkija, saru taħħana huma wkoll. Mikiel eventwalment wiret il-kirja tal-mitħna tax-Xewkija waqt li Giorgio, Damiano u Marcello akkwistaw rispettivament il-kirjiet tal-imtieħen tal-Għarb, tan-Nadur u tax-Xagħra li, kif digà rajna, kienu kollha propjetajiet tal-Fondazzjoni Vilhena. Jidher li din il-Fondazzjoni kellha fiduċja sħiħa fit-taħħana tal-familja Xicluna. Min-naħa l-oħra, wieħed mill-ulied ta' Gio Maria, li kien jismu Angelo, akkwista l-kirja tal-mitħna li kien hemm fir-Rabat, li kienet inbniet mill-Fondazzjoni Carafa madwar is-sena 1688 u li għalhekk kienet l-ewwel mitħna tar-riħ li nbniet f'Għawdex. Eventwalment din il-mitħna twaqqgħet u l-istess Fondazzjoni fis-sena 1783 bniet waħda ġdida minflokha li tinsab bejn ir-Rabat u s-Sannat u llum magħrufa bħala '*Il-Mitħna ta' Marżiena*'. L-ewwel kirja ta' din il-mitħna ngħatat lill-istess Angelo Xicluna [(4)].

## Damiano Xicluna u l-Familja Tiegħu fin-Nadur

Damiano kien wieħed mill-ulied iż-żgħar ta' Carlo u Grazia, imwieled fit-30 ta' Marzu tas-sena 1726 u mgħammed fil-Matrice bl-ismijiet Paolo Damiano. Fl-4 ta' Settembru tas-sena 1746, meta kien għad għandu biss għoxrin sena, Damiano żżewweġ lil Francesca Portelli, ukoll fil-Matrice, għalkemm jidher li, ftit wara, il-koppja kienet marret toqgħod in-Nadur fejn tgħammdu l-ewwel tfal li twelditilha. Jista' jkun li anki f'dan l-istadju bikri Damiano kien qed iħaddem il-*Mitħna l-Qadima* f'dak ir-raħal. L-ewwel snin taż-żwieġ tal-koppja kien żmien diffiċli u ta' mrar. Sena wara l-oħra bejn l-1747 u l-1749 tweldulha tlett itrabi, kollha subien, li t-tlieta li huma mietu wara biss ftit ġranet, Carlo fl-1747, Carlo Eustachio fl-1748 u Salvo Giovanni Maria fl-1749. Imbagħad ħafna snin wara, fis-sena 1766 mitilha wkoll tifel ta' tliet snin li kien jismu Giuseppe.

Wara li mitulha l-ewwel tlett itrabi, Damiano u Francesca, bejn is-snin 1750 u 1772, kellhom tmint itfal oħra li, bl-eċċezzjoni ta' tlieta minnhom, kollha tgħammdu fil-Parroċċa tan-Nadur. It-tliet ulied li twieldu bejn l-1763 u l-1768 tgħammdu fil-Parroċċa ta' San Ġorg, ir-Rabat, li jista' jindika li matul dan iż-żmien Damiano ma baqax iħaddem il-mitħna tan-Nadur. Ġara iżda li madwar is-sena 1772, meta twieldet l-aħħar tarbija tal-familja li tgħammdet fil-Parroċċa tan-Nadur u li ssemmiet Teresa, Damiano rnexxielu jakkwista l-kirja tal-*Mitħna* l-*Qadima* fin-Nadur u ghalhekk il-familja setgħet terga' tirritorna lejn dak ir-raħal [(5)]. Fil-fatt minn hemm 'il quddiem il-familja stabbilizzat ruħha b'mod permanenti f'dak ir-raħal fejn matul iż-żmien rabbiet għeruq b'saħħithom ħafna.

Dawk l-ulied tal-familja li eventwalment iżżewġu, kważi kollha żżewġu fil-Parroċċa tan-Nadur u għalhekk il-familja Xicluna f'dak ir-raħal kibret u kibret sew. It-tifla Rosa, imwielda fis-sena 1754, iżżewġet tliet darbiet, fl-1773 lil Francesco Pisano, fl-1803 lil Giuseppe Galea, li kien armel, u fl-1812 lil Giuseppe Attard li kien armel ukoll. Mill-ewwel żwieġ Rosa kellha tmint itfal, sitt ibniet u żewġ subien, li l-ewwel wieħed issemma Damiano għal nannuh. Giuseppe, li twieled fis-sena 1768, sentejn wara li kien miet ħuh li kien jismu Giuseppe ukoll, iżżewweġ lil Teresa Vella fis-sena 1786 u kellhom sebat itfal waqt li l-iżgħar wild tal-familja, Teresa, li dwarha nisimgħu aktar 'il quddiem, iżżewġet lil Michele Camilleri fl-1789. Ħafna mit-tfal ta' dawn il-koppji eventwalment iżżewġu fil-Parroċċa tan-Nadur ukoll.

Meta, kif diġà rajna, fid-9 ta' Novembru tas-sena 1787 Damiano Xicluna ngħata l-ewwel kirja tal-*Mithna l-Ġdida* tan-Nadur, it-taħħan kien diġà għalaq il-wieħed u sittin sena u għalhekk m'hemmx dubju li din il-kirja effettivament kienet jew it-tkomplija jew inkella t-tiġdid tal-kirja tal-*Mitħna l-Qadima* li digà kellu f'ismu Damiano qabel ma din il-mitħna twaqqgħet. Kieku ma kienx hekk, wisq probabbli li l-Fondazzjoni Vilhena ma kinetx sa tafda l-ewwel kirja fit-tul ta' mitħna ġdida f'idejn taħħan li f'dawk iż-żminijiet kien ikun diġà meqjus bħala bniedem anzjan. Fil-fatt, Damiano miet in-Nadur fl-20 ta' Marzu tal-1789 ftit qabel ma kien se

jagħlaq 63 sena u inqas minn sentejn wara li żżanżnet il-*Mitħna l-Gdida*. Martu Francesca mietet in-Nadur ukoll fis-17 ta' Diċembru 1804 [6].

### Il-Mitħna l-Ġdida tan-Nadur Wara l-Mewt ta' Damiano

Ma nafux b'ċertezza min mill-ulied ta' Damiano wiret il-kirja tal-mithna wara l-mewt ta' missierhom ghalkemm jidher li din kienet spiċċat f'idejn it-tifel il-kbir tal-familja li kien jismu Mikiel, imwieled fis-sena 1750, u li allura issa diġà kellu 39 sena. Fil-fatt, x'aktarx li Michele kien ilu jgħin 'il missieru għal ħafna snin u kemm-il darba kien imur hu jħallas il-kera għan-nom ta' missieru. Li nafu bi żgur huwa li, sbatax-il sena wara li kien miet Damiano, għall-aħħar tas-sena 1806, il-mitħna ma kinetx għadha f'idejn il-familja Xicluna għax fl-4 ta' Novembru ta' dik is-sena kienet ingħatat b'ċens għal disgħa u għoxrin sena lil ċertu Angelo Cassar. Fortunatament waħda mill-kundizzjonijiet li ntrabat bihom dan Angelo meta akkwista ċ-ċens tagħtina ftit ħjiel dwar min kien qed iħaddem il-mitħna qablu. Angelo kien obbliga ruħu li jħallas l-arretrati tal-kera ta' ftit aktar minn 1431 skud, ammont mhux żgħir dak iż-żmien, li ma kienx ħallas it-taħħan ta' qablu li fil-kuntratt huwa identifikat bħala Francesco Xicluna [7]. Ma nafux min kien dan Francesco u jekk kienx wiehed mill-membri tal-familja ta' Damiano u Francesca. Mikiel jidher li kien baqa' għażeb u għalhekk ma kellux min jirtu, waqt li Ġużeppi, iben ieħor ta' Damiano u Francesca li però kien miżżewweġ, għalkemm kellu tifel jismu Francesco, dan kien għadu żgħir wisq dak iż-żmien biex jieħu l-mitħna f'idejh. Għalhekk jidher li f'dan il-perijodu l-mitħna kienet għaddiet għand xi waħda mill-friegħi l-oħra tal-familja Xicluna fejn kien hemm aktar minn taħħan wieħed jismu Francesco.

Kien min kien dan Francesco, jidher li ma kienx taħħan affidabbli. Mhux biss ħalla ħafna dejn warajh, iżda ħalla l-istess mitħna fi stat ħażin ta' manutenzjoni. Fil-fatt, wara li daħal fil-mitħna Angelo Cassar, kellhom isiru hafna spejjeż fuq tiswijiet u xogħlijiet oħra, li



*It-Taħħana - il mitħna l-ġdida tan-Nadur*

kienu tħallsu mill-gvern bħala sid il-mitħna. F' Lulju tas-sena 1808 il-mastrudaxxa Giuseppe Xuereb tħallas 65 skud għal xogħol u spejjeż li għamel fuq il-mitħna, f'Awwissu tal-istess sena Angelo nnifsu tħallas 490 skud għal xogħol li kien għamel huwa stess ta' restawr (*ristaurazione*) fuq il-mitħna kif ukoll fuq il-post fejn kienu jinżammu l-bhejjem (*bovile*) biex imbagħad, ftit xhur wara f'Diċembru, l-istess mastrudaxxa Giuseppe Xuereb tħallas madwar 20 skud ieħor għal xogħol li kien għamel fuq it-tinda fejn kien jinħażen it-tiben (*lavoro fatto per collocare il pagliaro*) [8].

Huwa magħruf li sas-sena 1813, Angelo Cassar kien għadu qed iħaddem il-mitħna iżda jidher li ma baqax hemm sakemm għalaqlu ċ-cens għax fis-sena 1820 kien qed jokkupa l-mitħna Feliċ Xicluna. Dan nafuh minn kumment li kien għamel il-Kappillan tan-Nadur meta rreġistra l-mewt ta' Feliċ li seħħet fl-14 ta' Novembru 1820. Il-Kappillan jispjega li Feliċ, iben Angelo u li issa kellu 60 sena, kien taħħan u li miet traġikament fil-mitħna ta' dak ir-raħal meta waħda minn dirgħajh inqabdet fil-makkinarju tal-mitħna u naturalment ma rnexxilux jinħeles [9].

Fil-fatt, Feliċ kien wieħed mill-ulied ta' Angelo Xicluna li kif rajna fil-bidu ta' dan l-artiklu kien t-taħħan l-ewwel tal-mitħna tar-Rabat u wara tal-mitħna *Ta' Marżiena*. Feliċ żżewweġ fl-1813 meta diġà kellu 53 sena ma' Rosa Muscat fil-Parroċċa tan-Nadur stess u meta miet traġikament seba' snin wara, il-koppja kellha erbat itfal li kollha kienu għadhom minorenni. It-tewmin Michelangelo u Nikola twieldu fl-1814, Giuseppe fl-1816 u Maria Rita fl-1819. M'hemmx dubju li l-mewt ta' Feliċ kienet vera traġedja kbira u ċertament ħasdet ir-raħal kollu.

F'xi żmien wara l-mewt ta' Feliċ, il-mitħna kienet inkriet lil ċertu Franġisku Xicluna, li anki f'dan il-każ ma nafux eżattament min kien jew minn liema fergħa tal-familja Xicluna kien gej, għalkemm mhux probabbli li dan kien l-istess Franġisku li ssemma aktar 'il quddiem, wara l-ħerba li dan kien ħalla warajh. Li nafu huwa li, fis-sena 1843, Franġisku kien talab lill-gvern sabiex, minħabba raġunijiet ta' saħħa, ikun jista' jinħall mill-kuntratt li kellu, li kien kuntratt twil ta' tnejn u tletin sena. Din it-talba intlaqgħet u immedjatament wara, il-kirja tal-mitħna għaddiet għand Ġużeppi Xicluna, li kien ġej minn fergħa oħra tal-familja [10]. Dettalji dwar min kien Gużeppi u dwar il-familja tiegħu kienu ngħataw fl-artiklu intitolat '*Il-Mitħna tar-Rih Privata tal-Familja Xicluna fir-Raħal tan-Nadur, Għawdex*' li kien deher fil-ħarġa tal-2022 ta' din ir-rivista. Wara li, fis-sena 1852, Gużeppi kien bena il-mitħna tar-riħ privata tiegħu fl-istess raħal tan-Nadur, ressaq talba quddiem il-gvern sabiex ikun jista' jinħall mill-kuntratt li kellu fuq il-*Mitħna l-Ġdida*. It-talba intlaqgħet u minn hemm spiċċat ir-rabta ta' madwar mitt sena li l-familja Xicluna kellha ma' dik il-mitħna.

## Damiano u Francesca, l-Antenati tal-Ewwel Arċipriet tan-Nadur

Damiano Xicluna u martu Francesca kienu l-antenati, fil-fatt il-bużnanniet, tal-ewwel Arċipriet tan-Nadur, Dun Giovanni Camilleri, u allura l-antenati wkoll tal-Arċipriet il-Kanonku Martino Camilleri, li kien in-neputi ta' Dun Giovanni. Dawn iż-żewġ saċerdoti m'għandhomx bżonn ta' introduzzjoni mal-parroċċjani Nadurin. Huma żewġ personaġġi ta' importanza kbira fl-istorja tal-Parroċċa tan-Nadur u għadhom sal-lum igawdu l-għożża u r-rispett tan-Nadurin għax-xogħlijiet li wettqu, fosthom it-tkabbir tal-knisja parrokkjali kif ukoll id-dekorazzjoni tagħha.



Missier l-Arċipriet Giovanni Camilleri, li kien jismu Martino, kien l-akbar fost l-ulied tal-koppja Michele Camilleri u Teresa Xicluna. Teresa, kif diġà rajna, kienet l-iżghar waħda mill-ulied ta' Damiano u Francesco, imwielda fis-sena 1772 wara li l-familja kienet irritornat lejn in-Nadur hekk kif Damiano kien akkwista l-kirja tal-*Mitħna l-Qadima*. Wisq probabbli li Teresa twieldet f'dik il-mitħna u trabbiet hemm sakemm il-mitħna twaqqgħet fis-sena 1787. Michele u Teresa żżewġu fil-Parroċċa tan-Nadur fit-18 ta' Ottobru 1789 u l-koppja kellhom tlettax-il wild, seba' subien u sitt ibniet imwielda bejn is-snin 1790 u 1814 u li tlieta minnhom mietu fi ċkunithom. Mill-inqas tnejn mis-subien, fosthom Martino u ieħor, li kien jismu Damiano bħal nannuh, kienu baħħara prominenti u attivi ħafna fil-flotta merkantili Maltija tas-seklu dsatax (11). Martino miet fil 31 ta' Awwissu tas-sena 1865 fl-età ta 75 sena u ovvjament l-Arċipriet Martino Camilleri, imwieled fis-sena 1873, kien issemma għalih.

## Noti

(1) Clifford Vella, L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin, 2011.
(2) Joseph Scicluna, The Historic Xewkija Windmill and the Xicluna Family of Millers, Gozo Observer (Issue 43, Winter 2021).
(3) Clifford Vella ibidem. L-awtur jagħti numru ta' raġunijiet l-għaliex wieħed jista' jassumi li din il-mitħna kienet propjetà tal- Fondazzjoni Perellos.
(4) Clifford Vella ibidem.
(5) NLM, Fondazione Manoel, Giornali dell'Introito ed Esito 1773-1779; 1779-1784. Dawn il-kontijiet juru li matul dawn is-snin Damiano Xicluna kien regolarment qed iħallas il-kera fuq il-mitħna tan-Nadur. L-istess kienu qed jagħmlu ħutu Giorgio u Marcello fuq l-imtieħen tal-Għarb u tax-Xewkija.
(6) L-informazzjoni mogħtija f'dan l-artiklu dwar magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet hija meħuda mill-Guljana Masini li tinsab fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta (Sezzjoni Ghawdex).
(7) NLM, Libro del Tesoro (Molini a Vento) 1808-1814.
(8) NLM, Libro del Tesoro (Molini a Vento) 1808-1813 (II).
(9) Informazzjoni mogħtija lill-awtur mill-mibki s-Sur Joe Muscat, li kien l-Arkivista tal-Parroċċa tan-Nadur.
(10) Clifford Vella ibidem.
(11) Kenneth Grima, Nadur Seafarers, Luminaria (Numru 133), Parroċċa Nadur.



# Lazzaro PISANI



LORETO J. DALLI

Lazzaro Pisani kien pittur Malti li twieled Ħaż-Żebbuġ. Huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar artisti importanti Maltin tal-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tal-20.

Twieled: 15 ta' Diċembru 1854, Ħaż-Żebbuġ; kien iben Agostino u Giuseppa xebba Sciortino.

Ismijiet mogħtija kienu Franciscus Xaverius (dan kien komuni fil-familja tan-naħa ta' ommu), Eusebius, Joannes u Philippus Pisano. U l-parrinijiet tal-magħmudija tiegħu kienu Joan Baptista et Maria, il-mara ta' Franciscus Sciortino. Meħudha minn reġistru tal-magħmudija Vol. 12, pġ. 117, mill-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ skont ma jidher hawn taħt.



Dan ukoll juri fuq in-naħa tax-xellug taċ-ċertifikat, li l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Bert Dalli (saċerdot Gudjan) kien għamel x'osservazzjoni fuq dan iċ-ċertifikat tal-Magħmudija ta' Lazzaro fis-sena 1909 meta kien fil-kariga ta' Arċipriet ġewwa Ħaż-Żebbuġ bejn l-1904 u l-1918.

Wara l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, kompla l-Liċeo tal-Belt Valletta fejn dejjem iddistingwa ruħu fil-lezzjonijiet tal-arti taħt it-tutela ta' Michele Bellanti (1807-1883). Il-Kav. Pietro Paolo Bonnici Mompalao rrakkomanda liż-żagħżugħ Pisani lil Carlo Ignazio Cortis li taħtu studja għal sentejn. Cortis ħeġġeġ lill-istudent tiegħu biex ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma.

Ta' 16-il sena, Pisani ġie ammess fl-illustri *Accademia di San Luca* f'Ruma fejn studja taħt surmastri kbar ta' dak iż-żmien. Matul il-preżenza tiegħu f'Ruma, Pisani attenda wkoll klassijiet ta' filgħaxija fl-Akkademja Brittanika tal-Arti.

Eżerċizzju pur fl-akkademiżmu li tgħallem waqt l-istudji tiegħu f'Ruma, hu ftit wara li huwa tana x-xogħol tiegħu Il-Mewt ta' Abel, din il-pittura ġabet espożizzjoni internazzjonali lil Pisani peress li kienet murija fil-Wirja Kolonjali u Indjana ta' Londra tal-

1886 u l-Wirja tal-Imperu Brittaniku f'Wembley fl-1924. Fiż-żewġ okkażjonijiet ta' parteċipazzjoni, Pisani kien ingħata midalja tal-fidda, għax-xogħol tiegħu.



*Il-Mewt ta' Abel, (xogħol taż-żejt fuq tila, 1885)*

Lazzaro Pisani ħadem b'mod estensiv tul ħajtu b'mod speċjali ġewwa n-Nadur, u dan għamlu tul ħajtu kollha, u anke għamlu propju dan sal-mewt tiegħu fir-residenza tas-sajf tiegħu f'San Pawl il-Baħar fil-31 ta' Awwissu 1932 fl-età ta' 77 sena. Fi żmien mewtu kien qed jaħdem fuq affreski fil-knejjes tas-Siġġiewi u l-Imġarr li ħalliehom mhux lesti.

Lazzaro Pisani flimkien ma' Giuseppe Calì (li twieled fl-14 ta' Awwissu 1846 u miet fil-1 ta' Marzu 1930 ġewwa il-Belt Valletta) kien il-personalità artistika ewlenija Maltija tal-bidu tas-seklu dsatax. Dawn it-tnejn huma tal-istess epoka f'arti tal-pittura ġewwa l-gżejjer Maltin. Imħarreġ fl-Accademia di San Luca f'Ruma ħadem f'idjoma akkademika mmewta li kellha tiddistingwi l-istil tiegħu mir-romantiċiżmu sfrenat ta' Calì.

Pisani studja Ruma fl-Accademia di San Luca kif għidna, iżda rritorna Malta fl-1874 wara li qabditu l-malarja. Huwa rċieva premju finanzjarju mis-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ.

Ix-xogħlijiet ta' Pisani, minkejja li jżejnu ħafna knejjes oħra f'Malta u Għawdex, qatt ma kienu s-suġġett ta studju xjentifiku xieraq. Bħala riżultat, l-għan ewlieni ta' studju raġunat miktub dwar suġġett xjentifiku kien li tirriċerka, tiddiskuti, u tifhem lil Pisani kemm bħala bniedem kif ukoll bħala artist, u li tipprovdi lista bir-reqqa tax-xogħlijiet numerużi tiegħu fi knejjes u kollezzjonijiet privati flimkien ma' analiżi kritika ta' xogħlijiet tiegħu ekkleżjastiċi l-aktar importanti. Dan kien jinkludi wkoll li seta' jkun ta qtigħ ta' qalb li jittieħed numru kbir ta' ritratti li issa jikkostitwixxu rekord viżiv uniku tax-xogħol ta' Pisani.



*San Pietru u San Pawl fil-glorja tagħhom, bħala Mħallfin tal-Ġnus. (Xogħol li huwa f'Apside ta' fuq l-orgni tan-Nadur.)*

Ftit mix xogħlijiet kienu :-.
Il-Madonna tar-Rużarju, Knisja ta' Ġesù ta' Nazaret, Tas-Sliema
Ritratt ta' Concetta Pisani, 1916
Ritratt ta' Marija Pisani
Madonna tad-Duluri, 1924
Ritratt tas-Sinjura Gauci, 1907
Ritratt ta' Roby Pisani
San Dismas
Ritratt ta' Lady Edeline Strickland
Ritratt ta' Pietro Paolo Mompalao
L-ittra
Ritratt tal-Imħallef Sir Salvatore Naudi

*Imma x-xogħol tal-Mewt ta' Abel (żejt fuq tila, 1885), tah spinta għax-xogħol tal-kapulavur tiegħu ġewwa n-Nadur fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Ta' min jgħid li s-saqaf tan-Nadur, jikkomprendi aktar minn 150 tila mwaħħla mas-saqaf bil-kavju.*

Il-Beatitudnijiet, fil-koppla tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi tinkludi tmien kwadri (flieli), waħda minn dawn inqalgħet mill-koppla tal-knisja fl-2013; ix-xogħol ta' konservazzjoni beda fl-1 ta' Mejju 2014.

L-aħħar Ċena, fil-Knisja ta' Corpus Christi, Għasri, Għawdex li matulha Sidna Ġesù waqqaf l-Ewkaristija. Impitter minn Lazzaro Pisani ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, madwar is-sena 1917.

Hemm pittura fuq in-naħa tal-lemin f'din il-knisja li hija perpendikulari ta' dan l-artist (Pisani) li turi l-Istituzzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa waqt l-Aħħar Ċena, turi lil Ġesù Kristu u t-tnax-il Appostlu u turi diversi aspetti bibliċi tradizzjonali assoċjati mal-ġrajja rappreżentata; hawn ukoll naraw kunċett aristiku u reliġjuż ta' Pisani.

Il-pittura tpoġġiet fil-post fit-3 ta' Ġunju 1917 kif tidher id-data fuq il-kwadru. Matul is-snin ta' 106 li ilha fis-seħħ, it-titjiriet ġew iffurmati bħala riżultat tan-nisġa tqila tat-tila, li gradwalment kienet qed tinqala' mill-qafas tal-injam (dejjem xogħol f'forma tat-tilari). Toqba fil-ħajt ta' wara l-pittura sabiex tħalli l-arja tiċċirkola wara t-tila kkawżat ukoll l-umdità u ġabet irqajja' (aktar delikata) fuq it-tila ta' wara.

Ir-restawratur Żejtuni Emanuel Zammit ġie fdat bir-responsabbiltà ta' dan ir-restawr, wara restawr ieħor ta' suċċess fil-Katidral ta' Għawdex. Pisani kien jixraqlu dan ir-restawr.

Ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Ħal Għargħur, fil-kappellun tax-xellug insibu kwadru ieħor ta' Pisani, dan huwa fuq l-altar, tal-Agunija tal-Mulej Ġesù, li hija pittura sabiħa li saret fl-1915.



*L-aħħar Ċena, fil-Knisja tal-Għasri.*
*Bil-firma ta' Lazzaro Pisani li ġġib id-data 1917. Dejjem fuq in-naħa tal-lemin tal-pittura.*

Nhar il-31 ta' Awwissu 1932 tħabbret il-mewt ta' bniedem, li għalkemm ma' kienx imwieled fin-Nadur, kien rabat ismu, qalbu u ħsiebu ma' dan il-post. Tant kien rabat qalbu ma' dan ir-raħal, li huwa stess, meta kien qed jirrakkomanda l-pittura għall-knisja, stqarr: "Dan m'iniex qed nagħmlu għal xi interess ta' flus jew għal xi glorja artistika, imma f'ġieħ l-arti u t-tiżjin li jixraqlu dan it-tempju tan-Nadur."

Il-mewt ta' Pisani għalqet il-ħajja ta' wieħed mill-aqwa artisti li Malta rat fis-seklu għoxrin. Fost ix-xogħlijiet artistiċi tiegħu, li huwa ħalla f'diversi postijiet u knejjes f'Malta u Għawdex, il-proġett li huwa wettaq fil-knisja tan-Nadur jibqa' l-ikbar wieħed tiegħu u meqjus bħala l-kapulavur ta' ħajtu. Jista' jitqies monument ħaj tiegħu. Fin-Nadur Pisani daħal permezz tal-Kan. Dun Martin Camilleri fl-aħħar żmien tal-parrokat tal-Arċipriet il-Kan. Dun Ġwann Camilleri, *Camilleri ukoll.*

Dun Martin ħa din l-opportunità u qabbad tliet artisti ta' ħila kbira biex ipittru tliet kwadri. Dawn kienu: Giuseppe Calì tqabbad jagħmel dak tas-Salvatur, Gianni Vella dak ta' San Martin u Lazzaro Pisani ta' Sant'Antnin. Imma Calì

donnu induna li dan kien test biex Dun Martin jara lil min kien ser jikkummissjona proġett ikbar u rtira. Xħin tlestew il-pitturi, Dun Martin ra li Pisani kien l-aħjar għall-proġett li kellu f'moħħu. Dan kien ghall-ħabta tal-1910.

Pisani ġie kkummissjonat bil-proġett tal-pittura tas-saqaf tal-knisja. Il-proġett ambizzjuż li kellu jibda b'dan il-konkors fl-1910 kellu jtul sa parti sostanzjali mill-ħajja ta' Pisani. F'dan iż-żmien, Pisani meta kien mar in-Nadur, li kien sar u sab bħat-tieni dar tiegħu, kien jgħix fil-*Hotel Trevisan* li llum tiġi fi Triq Dun Bernard Haber.

Immedjatament, huwa beda jpitter dak li kien ġie ppjanat u fformulat minnu, imma taħt is-sorveljanza ta' Dun Martin. Issa li mill-1910 'il quddiem Dun Martin kien sar Arċipriet u seta' jkollu pożizzjoni aħjar għax kien hu rajjes tal-parroċċa. Matul dawn is-snin, Pisani pitter 153 biċċa xogħol. Il-proċess kien all'encausto: ix-xogħol kien isir fl-istudju tiegħu fil-Belt Valletta fuq tila ppreparata minnu stess, li wara kien jiġi jwaħħalha fil-knisja b'kolla speċjali li kienet imħejjija minnu wkoll.

Din kienet xi ħaġa li mhix komuni. Fil-fatt, Virgilio Monti, artist Ruman, meta ġie Għawdex biex ipitter fil-knisja tax-Xagħra, u ġie jżur dik tan-Nadur ma setax jemmen li l-apside kienet impittra fuq it-tila u mhux fuq il-ħajt dirett, jew kif inhi magħrufa aħjar a fresco.

Meta ltaqa' ma' Pisani dan feraħlu għal din it-teknika ġdida li kien qed juża b'suċċess. Insemmu wkoll l-istil tas-sotto in su li jidher fi kwadri bħalma huma dak tas-saqaf tal-kor, ta' San Pawl fit-tielet sema u tal-ħelsien ta' San Pietru mill-ħabs. Din kienet teknika użata minn Pisani fejn il-pittura tintwera minn isfel għal fuq bħala perspettiva, bħallikieku wieħed qed iħares min-naħa t'isfel tax-xena mpittra.

Minħabba n-numru kbir ta' xogħlijiet ta' Pisani fil-knisja tan-Nadur, bit-teknika totalment ġdida ghal dawk iż-żminijet, nistgħu nsemmu bosta minnhom. Nibdew mill-koppla li tinkludi fiha tmien flieli li juru fihom simboli li għandhom x'jaqsmu ma' San Pietru u San Pawl. Insibu wkoll il-Lunetti li jissimbolizzaw l-erba' kontinenti: l-Ewropa, l-Asja, l-Amerika u l-Afrika. Il-kwadri tas-saqaf nibdew b'dak tal-kor juri fih l-għoti tal-missjoni liż-żewġ Appostli minn Kristu. Fil-kappella ta' San Pietru nsibu lil Pietru meħlus mill-ħabs u f'dik ta' San Pawl insibuh merfugħ fit-tielet sema. Fit-tliet kwadri tas-saqaf tal-korsija hemm San Pawl jipprietka lir-Rumani, ix-xena ta' Xmun is-saħħar u Pietru u Pawlu jwaqqfu lil Attila. Jikkumplimenta ma' dawn hemm l-apside li jirraffigura l-apoteożi (tifħir) ta' San Pietru u San Pawl fil-glorja tagħhom iħarsu lid-dinja u lill-Knisja.

Minbarra dawn, Pisani pitter għadd ta' Missirijiet tal-Knisja. Fin-navi, huwa pitter diversi pitturi li jikkumplimentaw lil min hu ddedikat l-artal ta' kull kappella. Hekk insibu fil-kappella tas-Salvatur, ta' San Martin, ta' San Franġisk ta' Pawla, tal-Erwieħ, ta' Sant'Antnin u ta' Sant'Anna. Ma' dawn insemmu wkoll il-kupletti ta' fejn jinsabu l-bibien tan-navi. Apparti dawn kollha, Pisani ddisinja t-twieqi tal-Istained Glass tal-koppla kif ukoll il-paviment tal-knisja li sar tal-irħam. Pitter ukoll in grisaille l-pittura tal-Fidi, it-Tama u l-Imħabba, li kienet tintrema fil-festa fuq il-faċċata tal-knisja, fejn aktar tard ħaditilha postha l-istatwa ta' Sciortino bl-istess tema. Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù nsibu wkoll erba' kwadri oħra ta' Pisani li jirrappreżentaw lil San Mikiel, Santa Rita, San Ġwann il-Battista u Santa Tereża ta' Avila.

Pisani tabilħaqq ta kontribut kbir artistiku fil-knisja tan-Nadur, u dan kien anke frott tal-għaqal li bih imxew in-Nadurin ta' dak iż-żmien. L-Arċiprieti li taħthom ħadem Pisani, il-Kanonċi Martin Camilleri, Anton Camilleri u Ġużeppi Cassar kollha fehmu li jekk riedu riżultat ta' klassi, kellhom iħallu f'idejn nies professjonali u ta' ħila bħalma kienu Sciortino, Cellini u Pisani nnifsu, anke meta dan involva wġigħ ta' ras, diżgwiti u spejjeż kbar. Lazzaro Pisani ra x-xogħol li ġie afdat lilu mhux tant għall-qligħ u l-gwadann tiegħu, imma daħal għalih bl-intenzjoni li joħroġ lil dawk li qabbduh sodisfatti: li jagħmlu mill-Knisja Kolleġġjata tan-Nadur ġawhra tal-arti. Huwa nnifsu ried li jkun wieħed mill-benefetturi tal-pittura tiegħu stess. Kien għalhekk li huwa rregala l-pittura kbira tal-apside kollha kemm hi bħala rigal bi imħabba lejn dan ir-raħal u l-knisja tiegħu. (In-Nadur)

Ref:
LC, Pisani lill-Arċ. Cassar, 4/6/28, In-Nadur. Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika. **ALEXANDER BONNICI**

Il-Pittura ta' Lazzaro Pisani fil-Bażilika tan-Nadur, 2006, **ĠUŻEPP CAUCHI**

'Dokument Storiku ta' Lazzaro Pisani, Dwar il-Pittura Tiegħu fil-Knisja tan-Nadur', **MARIA R. PISANI,** f'Luminarja, Ġunju 2000

'75th Anniversary of Lazzaro Pisani's Death' **DANIEL MEILAK**,

Ħajr lil **PETER MUSCAT** (Nadur)

# XI LOGĦOB TA' DARI TAT-TFAL U X-XJENZA TA' WARAJH

IS-SEBA' PARTI

DR CORONATO GRECH MD

***Il-Ħannieqa***. Din kienu jagħmluha u jilagħbu biha aktarx l-iktar il-bniet jew subien żgħar jikkuppjaw. Fuq rukkel tal-ħajt li kien ikun tal-injam, kienu jsammru erba' taċċi tal-imsiemer f'forma ta' kwadru. Imbagħad isibu suf, li kien ikun żejjed jew għar-rimi. Dan kien ikun suf tan-nagħaġ jew tax-xiri, li allura kien aħjar għax irqaq u kkulurit. Bih in-nisa, bil-labar f'idejhom, kienu jaħdmu ħwejjeġ bħal flokkijiet ta' taħt jew ġersijiet.

Biex tagħmel ħannieqa kont trid tgħaddi ħajta twila ġor-rukkell u tiġbida biċċa twila 'l isfel. Imbagħad taqbad musmar u bih iddawwar il-ħajta mat-taċċi wieħed wara l-ieħor. B'hekk, ftit ftit, jinħadem ħabel żgħir ta' suf mibrum li bi ftit ġbid joħroġ minn naħa t'isfel tar-rukkell. Din tkun il-ħannieqa. Tagħmilha twila u kkulurita kemm trid, u kemm hemm paċenzja.

*Xjenza*. Sa minn kmieni ħafna l-bnedmin riedu jaraw kif ser jilbsu għal protezzjoni, u iktar tard ukoll għal dekorazzjoni. Raw l-annimali madwarhom, u minnhom ħadu ġlud u suf. Mill-pjanti ħadu l-qoton, u ħarir mid-dud u brimb. Fostna, sa madwar 60 sena ilu, materjal komuni kien is-suf tan-nagħaġ. Wara li l-ġeżża tinħasel (u mhux rari fil-baħar), tiġi maħduma bil-magħżel f'ħajt oħxon u mkebbeb f'rombli. Ħafna ommijiet kienu mbagħad jaħdmu bil-labar ġersijiet u flokkijiet ta' taħt li kienu effettivi ħafna għall-bard.

Imbagħad fil-1938, fl-Amerika, tfaċċa l-ewwel suf sintetiku, jiġifieri mibni minn kimiċi u ma għandux x'jaqsam ma' pjanti jew annimali. Dan kien in-Nylon li malajr sar popolari u sab ħafna użu apparti mill-ilbies, bħal ħbula, xbieki, kanvas eċċ. Wara ġew ħjut oħra artifiċjali bħal pereżempju Rayon, Polyester u Acrylic. Dawn huma molekoli kbar mibnija artifiċjalment minn prodotti ġejjin minn faħam, żejt u petroleum.

U l-kulur minn fejn jiġi? Il-biċċa kurjuża hija li sa nofs is-seklu 18 il-kuluri fil-ħwejjeġ ma tantx kienu komuni u varjati. Ħwejjeġ ikkuluriti kienu prestiġġjużi ħafna. Pereżempju fost ir-Rumani, dawk sinjuri u ta' klassi għolja biss setgħu jilbsu ħwejjeġ bil-kulur, waqt li l-iktar kulur prezzjuż, ċertu vjola li kienu jsejħulu 'purpura', kien għall-imperatur biss. Dan kien kulur prezzjuż għax kienu jagħmluh minn ċertu bebbux rari tal-baħar mil-Lvant tal-Mediterran. Kuluri oħra kienu jagħmluhom minn ħxejjex differenti. L-iktar kuluri komuni għan-nies tat-triq kienu l-abjad, kannella u griż.[1]

L-istorja tal-kuluri fil-ħwejjeġ tbiddlet ħafna wara aċċident li sar fil-1856. Dak iż-żmien l-imperu Ingliż kien dejjem jikber u kien hemm bżonn kbir li tinstab kura għall-malarja, marda tropikali. L-unika kura kienet is-sustanza *quinine*, minn pjanti mis-Sud Amerika. Ħafna xjentisti kienu qed jippruvaw jagħmlu l-*quinine* artifiċjalment. Ċertu William Perkin (1838-1907), meta kien għadu student, ġie mqabbad f'din ir-riċerka. Esperiment minnhom ma rnexxiex, anzi ħalla ħafna tiċpis iswed fuq il-bank tal-laboratorju. Perkin, meta ipprova jneħħi l-iżball billi jimsaħ bl-alkoħol, sab li ħareġ kulur vjola mill-isbaħ, il-famuż *mauve*, l-ewwel kulur sintetiku. Perkin u riċerkaturi oħra komplew jiżviluppaw ħafna kuluri differenti li malajr saru moda (għal kulħadd) u d-dinja soċjali ħadet xejra iktar ikkulurita.

***Ħolqa u Ċirku***. Il-ħolqa kienet ċirku żgħir tal-ħadid, żgħir (madwar 3 pulzieri dijametru), u jgħidulu hekk għax qisu xi ħolqa ta' purtiera daqsxejn kbira, bħal ta' remissa. L-idea kienet li ċ-ċirku jiġri fl-art, imbuttat u kkontrollat f'idejn tifel jiġri. Biex isir dan kienu jsibu fildiferruwa naqra ħoxna u twila ftit iktar mill-art sal-id. In-naħa taċ-ċirku l-fildiferruwa hija f'forma ta' ħolqa qisha ngassa, u n-naħa l-oħra, dik tal-id, il-fildiferruwa kienet tiġi mibruma f'daqsxejn ta' manku. Hekk kif il-ħolqa terħila tiġri u tibda timbotta, din suppost tibqa' tiġri, almenu sakemm ma tieqafx ma' xi toqba ġot-torba jew xi skoll. Hija logħba sempliċi imma divertenti.

Ċirku proprju kien ħafna ikbar, b'dijametru ta' madwar metru. Iktar rari, ġie li kien ikun xi ċirku tal-metall li

[1] Li jfisser li pereżempju l-kuluri tradizzjonali ta' San Pietru (ċelest u isfar) u ta' San Pawl (aħdar u aħmar) huma biss tradizzjonali.

jkun mal-krietel tal-imbid. Jew anke jsir minn biċċa fildiferruwa ħoxna. Biex tilgħab bih kull ma trid hu li ttih daqqa tajba u tiġri warajh, kultant ttih daqqa żgħira biex ikompli jiġri u ma jinqalibx........jew jidħol taħt xi purtiera, jew anke ġo xi dar ġewwa jekk isib il-bieb miftuħ!

***Karettun.*** Għalkemm dan ma tantx huwa kkumplikat, imma t-tfal aktarx riedu daqsxejn għajnuna mill-kbar. Ma' biċċa njama kbira, kemm joqgħod tifel fuqha bilqiegħda,[2] kienu jwaħħlu erba' roti żgħar fil-kantunieri. Dawn kienu jkunu jew minn xi karozza tat-trabi (pram), roti tal-ballrace,[3] jew anke roti maħdumin tal-injam solidu. Fuq quddiem kien hemm żewġ roti oħra, imwaħħlin ma' njama ħierġa 'l barra, u jduru fuq musmar meta miġbuda minn ħbula li juża s-sewwieq biex jagħżel id-direzzjoni. Is-saħħa (jew enerġija) tal-karru tiġi minn xi tifel ieħor jimbotta, (bit-tama li dalwaqt imiss lilu u jimbuttawh!), jew idawruh għan-niżla fejn kull qaddis jgħin.

*Xjenza.* Xi aspetti tax-xjenza tal-ħolqa, ċirku u karrettun huma kważi l-istess: il-priċipju ta' rota, frizzjoni, enerġija, u inertia.

Ir-rota kienet waħda mill-ikbar invenzjonijiet. Jidher li ġiet ivvintata fil-Lvant Nofsani (Mesopotamja) madwar sitt elef sena ilu, u probabbli indipendentament fiċ-Ċina. Fost l-Amerindjani kienet biss ġugarell, qatt ma żviluppawha għal ma' karru. Rota hija magna sempliċi. Li tkaxkar xi ħaġa mal-art hija diffiċli, imma rota tnaqqas ħafna l-ammont ta' reżistenza għall-moviment, jew frizzjoni, għax timbaram u ddur, u allura tista tintuża forza inqas. U jerġa', peress li n-naħa ta' barra ta' rota (lejn ir-rim) jdur iktar minn naħa ta' ġewwa (ħdejn iċ-ċentru jew fus), forza żgħira fuq barra tissarraf f'forza ikbar fin-nofs. Fil-fatt iktar ma rota hija kbira iktar hija effiċjenti.

Frizzjoni hija r-reżistenza li jsibu żewġ oġġetti jħokku ma' xulxin[4]. Ma hemm ebda moviment mingħajr reżistenza, ħlief fil-vakwu tal-ispazju (anke l-arja inviżibbli toffri ħafna reżistenza). Li jfisser li l-ebda magna ma tista' tkun mija fil-mija effiċjenti għax xi ftit jew wisq trid taħli enerġija biex taħdem hi stess. Li jfisser ukoll li magna taħdem għal żmien perpetwu hija impossibbli. Għalkemm fil-magni dan il-ħakk, jew frizzjoni, bejn il-partijiet huwa problema parzjalment solvuta bil-lubrikanti, però mingħajr frizzjoni altru li ma ngħaddux: ipprova imxi fuq art tiżloq ħafna jew sempliċiment tikteb fuq karta!

Il-fatt li parti mill-enerġija milli jipproduċi l-karettun tispiċċa moħlija f'dik mhux utli[5], pereżempju sħana, iġibna għat-tieni liġi tat-termodinamija. Din tgħid li f'sistema magħluqa, jiġifieri mingħajr sors ta' enerġija, l-enerġija moħlija fi sħana, bħalma hija dik minn frizzjoni, ma tibqax utli. Li jfisser li din l-ammont ta' enerġija mhix utli, jew entropija, qed dejjem tiżdied. U peress li l-univers huwa kkunsidrat bħala sistema magħluqa, biljuni ta' snin oħra dan l-univers irid jispiċċa mingħajr ebda enerġija utli, u b'entropija massima. U jekk ma hemmx xi mezz jew metodu kif tnaqqas l-entropija[6], hekk ħa jibqa': univers mudlam, statiku, bl-inqas enerġija, u bl-ikbar entropija.

Hija osservazzjoni komuni li jekk il-karettun jinġibed 'l quddiem f'daqqa, min hemm fuqu jieħu skoss lura, waqt li jekk jieqaf f'daqqa, min hemm fuqu jinqaleb għal fuq quddiem. Dan huwa l-fenomenu kurjuż ta' inertia.

Fil-ħajja ta' kuljum hija ħaġa ta' sens komun li xi oġġett, bħal pereżempju ktieb fuq mejda, jibqa' fejn hu sakemm mhux imħarrek minn xi forza li tmexxih. Imma trid tkun xi Newton[7] biex tirrealizza li oġġett miexi jibqa' miexi, bl-istess veloċità u direzzjoni, sakemm ma jiġix affettwat minn forzi oħra[8]. Fil-każ tal-karettun bit-tifel fuqu, meta

---

2 Jew tnejn jew tlieta, jekk ikunu fil-burdata u l-iktar jekk għan-niżla!

3 Ballrace hija sistema daqsxejn ikkumplikata biex titnaqqas il-frizzjoni (jew ħakk ) u jkun hemm movimenti b'inqas skossi u b'inqas użu ta' enerġija. Ilhom madwar 200 sena, għalkemm tal-lum, bħal pereżempju dawk fid-drill tad-dentist, huma fini ħafna.

4 Strettament fuq livell atomiku l-ebda oġġett ma jmiss mal-ieħor. Dan għaliex l-atomi u l-molekoli għandhom electrons fuq barra ta' elettriċità negattiva u fl-elettriċità, negattiv u negattiv jimbuttaw 'l bogħod minn xulxin kemm jista' jkun. Qatt ma jmissu. Pereżempju meta tkun bilqiegħda fuq siġġu m'intix fil-fatt tmiss mas-siġġu, għalkemm b'distanza atomika!

5 Għalkemm l-enerġija totali tibqa' l-istess, u li hija fil-fatt l-ewwel liġi tat-termodinamija.

6 U sa issa ma nafux. Xi sistemi, bħal affarijiet ħajjin, fil-fatt inaqsu l-entropija, imma dawn huma sistemi miftuħin (jiġifieri qed jieħdu enerġija barra minnhom), u finalemt l-entropija tirbaħ fil-proċessi familjari li huma d-diżintegrazzjoni (jew xjuħija) u l-mewt.

7 Isacc Newton ( 1642-1727) kien l-ewwel li ta spegazzjoni matematika preċiża tal-movimenti ta' oġġetti u l-forzi li jaffetwawhom.

8 Fil-ħajja ta' kuljum oġġetti ma jibqgħux mexjin bl-istess veloċità u direzzjoni minħabba forzi oħra bħal fost l-oħrajn, frizzjoni tal-arja inviżibbli, u l-gravità wkoll inviżibbli.

dan jinġibed 'l quddiem, il-parti tal-ġisem li tmiss mal-karru timxi 'l quddiem, imma l-parti ta' fuq tibqa' lura minħabba l-inertia, u allura żżomm lura. Inertia hija wkoll ir-raġuni għaliex satelliti jibqgħu f'orbita madd-dinja minghajr ma jużaw enerġija. U għaliex f'aċċident ikrah tat-traffiku, vetturi misjuqa b'veloċità kbira jġarrbu ħsarat kbar; u eżempju ieħor, daqsxejn trivjali, għaliex kelb tiela' mxarrab mill-ilma, kapaċi b'żewġ skossi, jitfarfar u jeħles mill-ilma.







Intant, dawn kienu xi eżempji tal-logħob tat-tfal ta' dari li ġew ikkunsidrati f'din is-sensiela, (ċippitatu, bżieżaq tas-sapun, boċċi, ħamiema tal-karti, faqqusi, raddiena, muftieħ, wadaf, ħannieqa u karettun) li għalkemm pjuttost sempliċi fihom ħafna xjenza warajhom.

Kif wara kollox hemm ħafna xjenza wara tant affarijiet madwarna fil-ħajja ta' kuljum, u li allura jagħmilhom tant interessanti..........anzi affaxxinanti!

Osservazzjoni tal-aħħar hija kemm dari konna nilagħbu u ngħaddu ħin twil fit-triq, u kemm konna nieħdu gost bix-xejn, u kreattivi biex nivvintaw xi ħaġa bl-oġġetti sempliċi li kellna madwarna. Ma tantx kellna ġugarelli tax-xiri sofistikati. Dawk li konna nagħmlu aħna, bħal dawk l-eżempji ta' din is-sensiela, kienu donnhom iktar ta' sodisfazzjon. Kienet ħajja ħafna iktar kalma. Lanqas kellna xi ħafna pressa għall-istudju! U filgħaxija forsi konna nittawlu mill-bieb ta' xi ħanut tax-xorb li kellu televixin (iswed u abjad).

Dari it-toroq kienu ħafna inqas kummerċjużi, b'ħafna u ħafna inqas karozzi, trakkijiet, muturi eċċ. Kien hawn ħafna iktar nies jgħaddu bil-mixi jew rota, jew xi bidwi b'żiemel jew ħmar u karettun tagħbija. Fil-fatt dawn tal-aħħar forsi kienu forsi l-iktar ta' periklu, għax meta xi żiemel jew bagħal jisfratta u jgħaddi sparat mit-triq, kien iqajjem kommozzjoni ma' nofs ir-raħal. Imma, kollox ma' kollox, kienet ħajja rurali ħafna iktar kwieta u sempliċi.

B'kuntrast, illum it-triqat saru ħafna u ħafna iktar kummerċjużi u b'ħafna iktar traffiku ta' kull kwalità. Altru li ma għadhomx post tal-logħob! U flok il-ġugarelli sempliċi hawn il-mobile li donnu sar jiddomina l-ħajja tal-kbar u taż-żgħar, għalkemm, jekk użat tajjeb, fih informazzjoni tremenda – librerija fuq ponot subajk!

Intant, iż-żmien ta' dari tal-logħob imsemmija f'din is-sensiela għadda u mhux ser jiġi. Imma ta' min niftakruh daqsxejn!

VIGILAT

THE NADUR BASILICA MUSEUM

# IL-MUŻEW PARROKKJALI *VIGILAT*

KAN. DUN REUBEN MICALLEF

Kien ilu jberren f'moħħna l-ħsieb li l-Paroċċa jkollha post diċenti u spazjuż fejn jinġabru u jiġu esebiti l-artefatti li huma parti mill-patrimonju artistiku u storiku tal-Knisja Bażilika tagħna. Meta ftit tas-snin ilu sar il-proġett tar-rinnovazzjoni u l-estensjoni taċ-Ċentru Parrokkjali, ġie deċiż li dan l-ispazju jiġi inkluż fil-binja l-ġdida.

Sadanittant l-Arċipriet Mons Jimmy Xerri ħatar kumitat *ad hoc* biex jgħinu fl-organizzazzjoni ta' dan il-Mużew ġdid. Huwa ħatar lill-Vigarju Parrokkjali l-Kan Reuben Micallef bħala kordinatur tal-proġett, lil Daniel Meilak, lil Dr Stanley Portelli u lil Anton Said. Eventwalment ftit taż-żmien wara bdiet issir l-għażla tal-artefatti li setgħu jiġu esebiti f'dan il-Mużew.

Wara li nħadmet l-għamara neċessarja u tqiegħdet f'postha, bdew jittieħdu fuq il-post l-artefatti msemmija u ġew organizzati b'tali mod li jkunu jistgħu jitgawdew minn dawk li kellhom iżuru lil dan il-post. Saret ħidma kordinata mhux biss biex jintgħażlu l-aktar artefatti interessanti u artistiċi mill-postijiet varji fejn kienu miġbura qabel imma wkoll biex issir deskrizzjoni



dettaljata fuq il-provenjenza, il-manifattura, id-datazzjoni u l-artist li ħadem l-artefatt, sakemm dan kien possibbli.

Bħala artefatti insibu fost l-oħrajn statwi, skulturi, abbozzi, għamara sagra, pitturi, kotba liturġiċi antiki, oġġetti li kienu jappartjenu lil diversi artisti li ħadmu fil-Knisja kif ukoll mudell tal-injam tal-Knisja Parrokkjali.

Bħala isem għal dan il-Mużew il-ġdid intgħażel dak ta' *Vigilat*, isem assoċċjat mal-motto li jinsab fuq l-istess stemma tar-raħal tan-Nadur, użat sa minn żminijiet imbiegħda.

Il-ftuħ tal-Mużew sar nhar il-Ħadd 26 ta' Ġunju 2022 meta ġie inawgurat u tbierek mill-Arċipriet Mons Jimmy Xerri fil-preżenza tal-membri tal-Kapitlu u l-Kleru tan-Nadur, is-Sindku u diversi Kunsilliera, Membri Parlamentari u mistiedna oħra. Fl-istess okkażjoni żżanżnet pittura ta' Rita u Ġużepp Mizzi benefatturi distinti tal-Knisja li għalihom ġiet imsemmija is-sala li qed tilqa' l-Mużew. Din il-pitura tpittret minn Peter Aquilina.



Intant f'Marzu ta' din is-sena (2023) saret estensjoni ta' dan il-Mużew bl-inawgurazzjoni tal-pinakoteka li tinsab fis-Sala ta' maġenb l-istess Mużew li laqgħet fiha diversi pitturi li qabel kienu jinsabu fil-Knisja Bażilika, kif ukoll pitturi oħrajn li qabel kienu fis-Sala tal-Kapitlu fl-istess kumpless tal-Knisja Parrokkjali. Il-ftuħ u t-Tberik ta' din il-parti sar mill-E.T. Mons Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex. (Ara wkoll nota fil-Kronaka).



# XITA FIN-NADUR

## IT-TEMP FIN-NADUR MATUL IS-SENA 2022

JOE MEILAK Nadur Weather Observatory | 01/01/2023

| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-IKTAR JUM SĦUN - oC - (Jum) | 16.7 (5) | 16.8 (15) | 23.8 (31) | 22.9 (25) | 29.3 (31) | 35.5 (24) | 37.2 (6) | 37.2 (17) | 31.0 (10) | 27.3 (27) | 23.7 (6) | 21.9 (16) |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ - oC - (Jum) | 8.6 (25) | 12.5 (28) | 11.2 (9) | 14.1 (3) | 17.2 (1) | 23.3 (10) | 27.7 (10) | 27.9 (22) | 23.0 (23) | 22.2 (29) | 15.0 (30) | 16.0 (20) |
| L-IKTAR LEJL SĦUN - oC - (Jum) | 13.2 (5) | 12.7 (20) | 14.3 (31) | 15.5 (26) | 21.3 (25) | 27.2 (28) | 25.8 (28) | 27.9 (18) | 26.1 (4) | 21.8 (1) | 20.3 (4) | 17.4 (14) |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ - oC - (Jum) | 6.3 (25) | 7.7 (1) | 8.1 (2) | 10.6 (11) | 13.7 (2) | 19.8 (10,11,12) | 22.6 (13) | 23.0 (23) | 16.3 (23) | 18.0 (10) | 10.4 (20) | 13.4 (20) |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (oC) | 13.53 | 14.60 | 14.67 | 17.60 | 22.96 | 30.15 | 31.24 | 30.45 | 27.95 | 24.16 | 20.25 | 18.47 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (oC) | 10.24 | 10.98 | 10.56 | 13.18 | 17.06 | 22.77 | 24.45 | 24.94 | 23.49 | 20.17 | 15.96 | 14.97 |
| TEMPERATURA MEDJA (oC) | 11.88 | 12.79 | 12.61 | 15.39 | 20.01 | 26.46 | 27.84 | 27.69 | 25.72 | 22.16 | 18.10 | 16.72 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum) | 72 (10) | 85 (22) | 72 (19) | 76 (21) | 69 (27) | 72 (10) | 60 (8) | 63 (19) | 80 (19) | 58 (14) | 84 (27) | 68 (10) |
| *JIEM BIX XITA | 8 | 2 | 8 | 3 | 3 | 0 | 0 | 3 | 4 | 2 | 15 | 2 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 7 | 1 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum) | 21.4 (13) | 2.4 (1) | 11.2 (13) | 1.8 (16) | 6.6 (8) | - | - | 4.0 (10) | 39.0 (22) | 16.0 (10) | 22.0 (12) | 2.8 (10) |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 51.6 | 2.8 | 17.8 | 3.2 | 10.8 | 0.0 | Traċċa | 5.4 | 78.4 | 16.2 | 138.4 | 4.8 |
| JIEM BLA XEMX | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 224.2 | 236.2 | 226.2 | 259.3 | 359.0 | 428.7 | 430.8 | 396.4 | 314.0 | 305.9 | 208.4 | 229.2 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 7.23 | 8.44 | 7.30 | 8.64 | 11.58 | 14.29 | 13.90 | 12.79 | 10.47 | 9.87 | 6.95 | 7.39 |

*Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi

**Total ta' xita matul l-2022: 329.4 mm (12.97 pulzieri)**

# XITA FIN-NADUR

## JANNAR – MARZU

- L-ewwel tliet xhur tas-sena komplew bin-nixfa eċċezzjonali li issa drajna biha f'dawn l-aħħar snin. F'Jannar niżlu 52 mm, Frar tana inqas minn 3 mm, filwaqt li f'Marzu niżlu madwar 18 mm ta' xita. Niftakru li 25.4 mm huma ekwivalenti għal pulzier. B'hekk dawn it-tliet xhur, li suppost huma fost l-aqwa li fihom tinżel ix-xita, tawna biss madwar 73 mm (inqas minn 3 pulzieri) ta' xita.

- It-temperaturi kienu iktar kesħin meta mqabbla man-normal. Jispikka l-jum tal-25 ta' Jannar meta t-temperatura massima laħqet biss 8.6°C. Fl-istess jum kellna l-aktar lejl kiesaħ fejn it-temperatura niżlet għal 6.3°C. Jiem b'temperatura massima taħt l-10°C u temperatura minima taħt il-5°C huma rari ħafna f'pajjiżna. Dawn kienu l-aktar temperaturi kesħin matul is-sena kollha.

## APRIL - SETTEMBRU

- Fix-xhur bejn April u Awwissu kellna biss 12.4 mm (nofs pulzier) ta' xita. Dan kompla jaggrava n-nixfa li issa ilha taħkem il-Gżejjer tagħna għal diversi snin.

- Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-aħħar tal-istaġun tax-xita (31 t'Awwissu 2022) niżlu biss 91.6 mm (3.60 pulzieri). Settembru tana ammont tajjeb ta' xita (78.4 mm, jew ftit aktar minn 3 pulzieri). Tant kien hawn nixfa li diversi siġar, inklużi bajtar tax-xewk u ħarrub, bdew imutu u mnalla Settembru xarrabna waħda tajba għax kieku s-sitwazzjoni kienet tkun ferm aktar gravi.

- Is-sajf kien wieħed qalil, bi sħana qawwija u kontinwa. L-umdità kienet għolja wkoll u dan wassal biex is-sħana nħasset aktar. Lulju u Awwissu kienu l-aktar xhur sħan u fihom intlaħqet l-ogħla temperatura ta' 37.2°C. L-iljieli ma tantx offrew solliev għax it-temperatura baqgħet aktar minn 25°C għal diversi jiem. Fit-18 t'Awwissu, l-inqas temperatura niżlet biss sa 27.9°C.

- Ġunju kellu 15-il jum b'temperatura ta' 'l fuq minn 30°C, Lulju kellu 20, Awwissu kellu 16 u Settembru kellu 3. Kien hemm 6 t'ijiem b'temperatura ta' iktar minn 35°C f'dawn l-4 xhur.

## OTTUBRU – DIĊEMBRU

- Ottubru kien xahar xott għall-aħħar (16.2 mm, jew ftit aktar minn nofs pulzier). Novembru tana ammont tajjeb ħafna (138 mm jew kważi 5.50 pulzieri), iżda f'Diċembru erġajna koppi b'nixfa kważi totali (4.8 mm). Qatt ma niftakar li kellna Diċembru daqshekk xott, bnazzi u sħun, bla riħ, b'nida u ċpar kważi f'kull lejl.

- It-temperaturi f'dawn it-tliet xhur kienu ogħla min-normal, speċjalment f'Diċembru, fejn it-temperaturi kienu madwar 3°C ogħla min-normal.

- It-total ta' xita li niżlet matul l-2022 kien ta' 329.4 mm (kważi 13-il pulzier). Dan hu madwar in-nofs tax-xita li suppost tinżel f'sena. Ma tantx jidher li hemm prospetti għal ammonti sostanzjali ta' xita f'Jannar 2023. Nistennew u naraw.

# IL-PEDESTALL TAL-ISTATWA TITULARI TA' SAN PIETRU U SAN PAWL

JOE MUSCAT - KUMITAT FESTI ESTERNI

Kien ilu jiġi nnutat l-istat ħażin li kellu l-pedestall tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. L-aħħar irtokki kienu saru fuqu preċiżament 56 sena ilu, meta l-induratur Willie Attard f'Ġunju tal-1967 kien għamel xi interventi u irtokkja rqajja' sabiex tissewwa l-ħsara li kienet diġà evidenti dakinhar. Minn dakinhar sal-lum il-ħsara kompliet tiġi innotata u saret iktar evidenti fuq diversi partijiet tal-pedestall.

Matul dawn l-aħħar snin, u wara diversi diskussjonijiet, sar qbil li jsiru xi interventi sabiex dawn il-ħsarat li issa kienu saru jdejjqu l-għajn, għandhom jiġu rranġati. Kien għalhekk li nhar il-Ħadd 11 ta' Lulju, 2021, wara l-quddiesa tal-11.00 ta' filgħodu għall-ħabta ta' nofsinhar neqsin kwart, infetħet in-niċċa tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl sabiex l-induraturi Għawdxin, l-aħwa Reuben u Austin Camilleri Cauchi, jaraw, jevalwaw u jipproponu l-interventi meħtieġa sabiex jiġu rranġati dawn il-ħsarat.

L-aħwa Camilleri Cauchi ħadu diversi qisien u ritratti ta' dan il-pedestall. Deher ċar li kien hemm il-bżonn ta' intervent ta' manutenzjoni mill-aktar fis. L-aħwa Camilleri Cauchi flew bir-reqqa kollha l-ħsarat li kien hemm kemm fl-induratura, kif ukoll fl-istruttura tal-injam tal-pedestall. Dawn kienu ħsarat li seħħew matul il-medda taż-żmien, kif ukoll oħrajn li kienu kkaġunati minn tqandil u rfigħ fl-użu tiegħu. Kien evidenti wkoll li kien hemm ħsarat oħra kkaġunati mill-umdità fin-niċċa, li hi l-ambjent li fih, flimkien mal-istatwa, ikun matul s-sena kollha.

Fir-rapport preliminari tal-aħwa Camilleri Cauchi ġie spjegat kif il-pedestall neża sewwa mill-folja tad-deheb u bdiet tidher dik il-ħmura, li hu l-lewn tal-boll li jinsab taħt il-folja tad-deheb. Fix-xfar u l-partijiet tal-wiċċ dan ukoll telaq u bdiet tidher il-bażi tal-ġibs ta' taħt. Din il-ħsara kienet tidher f'kull parti tal-pedestall. Kundizzjoni oħra li tixhed l-istat ħażin tal-induratura kien il-fatt li l-partijiet il-matti u dawk li jleqqu bilkemm kienu għadhom jintgħarfu minn xulxin. Lanqas il-partijiet li kienu indurati b'deheb ta' lewn aħdar, li f'dan il-pedestall huma ma' kullimkien, ma kinux jiddistingwu ruħhom mill-kumplament, li hu isfar. Barra minn hekk, matul iż-żmien inġema' trab u ħmieġ, li jagħtu lewn griż f'diversi partijiet, l-aktar dawk fondi, tal-pedestall.

Ħsara kbira oħra li kellu l-pedestall kien l-ammont ta' titjir fil-ġibs u partijiet imkissra bħalma huma l-ponot u ħafna xfar. Naturalment dawn huma l-partijiet li jintlaqtu l-aktar. Iżda jekk wieħed kien jara ftit fid-dettall, madwar il-pedestall kollu kien hemm partijiet



fejn il-ġibs kien qed jissepara minn mal-injam. Din hija problema għax kien ifisser li anke l-ġibs li hu l-bażi tal-induratura kien spiċċa. Ġew innotati wkoll konsenturi konsegwenza taċ-ċaqliq naturali fl-injam u minħabba l-għafsa tal-istatwa, speċjalment waqt il-purċissjoni. Fuq in-naħa ta' wara tal-pedestall, ċinta f'kantuniera minnhom, kienet maqlugħa kompletament.

L-aħwa Camilleri Cauchi fir-rapport tagħhom spejgaw li hu importanti li wieħed għandu jagħmel dak kollu possibbli biex isalva l-oriġinal, tnaddfu u tippreservah. Iżda fl-induratura dan mhux dejjem hu possibbli. Meta ħafna mid-deheb ikun telaq, ma tistax tnaddaf u tirtokkja u tieħu riżultat sodisfaċenti. F'dawn il-każijiet ikun hemm il-bżonn li jiġi applikat deheb ġdid. Biex tapplika deheb ġdid is-sengħa titlob li jkollok bażi tajba ta' ġibs. Il-ġibs, kif ġie spjegat, ukoll kien fi stat ħażin, għalhekk kellu jitneħħa sal-injam. Hekk l-injam seta' jiġi restawrat, il-biċċiet imkissra imsewwija u trattat minħabba is-susa. Imbagħad kellha issir preparazzjoni ġdida għall-induratura mill-ġdid. U dan sar b'mod leali lejn dak oriġinali, kemm fil-kulur tad-deheb li jkun użat kif ukoll fid-disinn.

Dan l-intervent m'għandux ikopri biss l-induratura tal-pedestall imma jitwettaq proġett ħolistiku li jinkludi l-induratura tal-pedestall u tal-libsa tal-erba' puttini li għandu f'kull kantuniera. Barra minn hekk, hemm ukoll ix-xogħol ta' restawr u manteniment tal-injam li minnu hu magħmul il-pedestall.

Dan il-proġett għandu jinkludi wkoll dawk l-azzjonijiet neċessarji sabiex jiġu mħarsa u kkonservati kemm il-bankun, il-bradella, il-pedestall kif ukoll l-istatwa titulari nnifisha. Fost dawn hemm il-bżonn li l-ambjent fin-niċċa jkun wieħed niexef u mhux umdu. Is-soluzzjoni għal din il-problema tal-umdità hi li titjieb iċ-ċirkulazzjoni tal-arja. Dan għandu jsir permezz ta' toqob aħjar tal-arja kif ukoll tiġi installata sistema ta' ventilazzjoni sabiex tgħin iċ-ċirkulazzjoni tal-arja fin-niċċa.

Dan ir-rapport tal-aħwa Camilleri Cauchi ġie mgħoddi lill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri fid-9 ta' Awwissu, 2021. Il-ħsieb kien li eżattament l-għada tal-festa tal-2022, tibda l-ħidma sabiex jingħata bidu għal dan il-proġett. Dan wara li saru d-diskussjonijiet neċessarji fl-istrutturi tal-parroċċa u wara li jkun hemm qbil u l-permess meħtieġ dwar il-proċess tax-xogħol neċessarju.

Kien nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu tal-2022, meta taħt is-superviżjoni tal-aħwa Camilleri Cauchi, beda proċess sabiex l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl inqgħalet minn fuq il-pedestall u tpoġġiet fuq il-pedestall oriġinali li kien ġie magħha mill-fabbrika Galard et Fils ta' Marsilja fl-1882. B'hekk il-pedestall seta' jittieħed fl-istudio ta' Mario Camilleri Cauchi u uliedu ġewwa l-Għarb sabiex jibda x-xogħol fuqu ħalli jkun lest għall-festa tal-Imnarja 2023. Ix-xogħol fuq il-pedestall beda fl-ewwel ġranet ta' Awwissu 2022 u baqa' għaddej b'ritmu kif ippjanat. Nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu, 2023 il-pedestall reġa' nġab fil-knisja sabiex din id-darba jsiru alterazzjonijiet kif tintrabat l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl mal-pedestall. Permezz ta' din l-alterazzjoni, issa l-istatwa titulari ser tkun marbuta b'qafas tal-ħadid direttament mal-bradella. Dan jgħin ħafna sabiex il-pedestall jerfa' l-istatwa, l-aktar waqt l-irfigħ u l-istrapazz tal-purċissjoni.

Kif wieħed jista' jimmaġina dan il-proċess fuq il-pedestall ħa xhur sħaħ ta' ħidma. Xogħol li sar b'tant dedikazzjoni u professjonalità mill-aħwa Camilleri Cauchi li fl-interventi tagħhom baqgħu fidili kemm mad-disinn kif ukoll mal-kuluri oriġinali tal-pedestall. Tajjeb hawnhekk insemmu l-kontribut ta' diversi rġiel u żgħażagħ Nadurin li għenu f'dan il-proċess kollu. Barra minn hekk, dan il-proġett ma kienx ikun possibbli kieku ma kinetx il-ġenerożità tal-poplu Naduri li bħal dejjem ta l-offerti tiegħu. F'dan il-proġett kien hemm il-kollaborazzjoni tad-Direttorat Eko Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li qed jiffinanzja parti mill-ispiża tiegħu.

Hekk, illum, bħala Nadurin, nistgħu ngħidu li qed inħallu lil ta' warajna dak li ħallewlna ta' qabilna fi stat mill-aqwa, kif jixraq wara kollox lill-opri artistiċi bħal dawn u li huma l-ġawhar ta' raħalna.



# IL-KUMITAT FESTI ESTERNI

## PARROĊĊA NADUR

LI FI ĦDANU JIĠBOR LILL-

GĦAQDA ARMAR PJAZZA SAN PIETRU U SAN PAWL
GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KNISJA
GĦAQDA ARMAR TRIQ DIĊEMBRU 13
GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KAPPILLAN DUN BERNARD HABER
GĦAQDA ARMAR TRIQ XANDRIKU
GĦAQDA ARMAR TRIQ SAN ĠWANN
GĦAQDA ARMAR TRIQ TRAMUNTANA
SOĊJETÀ FILARMONIKA MNARJA
GĦAQDA TAN-NAR SAN PIETRU U SAN PAWL
KUMMISSJONI ŻGĦAŻAGĦ MNARJA

jixtieq jirringrazzja lin-Nadurin kollha tal-appoġġ finanzjarju kif ukoll għas-sostenn kontinwu li jagħtu lil dawn l-Għaqdiet permezz tal-preżenza tagħhom waqt l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena.

Għan-nom tal-membri kollha

NAWGURAW

*l-isbaħ xewqat*
*għall-Festa t-Tajba*

lill-Poplu Naduri kollu!

# VIVA
# SAN PIETRU U SAN PAWL!



